2024/2233

10.10.2024

RIŻOLUZZJONI (UE) 2024/2233 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-11 ta' April 2024

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III — Il-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-aġenziji eżekuttivi għas-sena finanzjarja 2022,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0139/2024),

— wara li kkunsidra l-ftehim interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda;

Prijoritajiet politiċi

1. Ifakkar fl-impenn qawwi tiegħu għall-prinċipji u l-valuri fundamentali minquxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), inklużi l-ġestjoni finanzjarja tajba kif stabbilit fl-Artikolu 317 tat-TFUE u l-ġlieda kontra l-frodi u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 325 tat-TFUE;

2. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni għall-kisba tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kif ukoll ir-rwol tiegħu biex jgħin lill-Istati Membri f'ċirkostanzi mhux previsti bħall-pandemija tal-COVID-19, il-kunflitti jew il-kriżijiet internazzjonali u l-konsegwenzi tagħhom; jinnota f'dan ir-rigward ir-rilevanza kontinwa tal-investimenti u l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi, għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u għalhekk għat-titjib tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-impatt ekonomiku fi ħdan l-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ma tnaqqasx ir-ritmu u l-ambizzjoni meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet relatati mal-klima stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti meħtieġa għal dan l-għan; jenfasizza l-fatt li fl-2022 l-Unjoni naqset milli tilħaq il-livell ta' effiċjenza meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet relatati mal-klima stabbiliti għall-2030, l-2040 u l-2050;

3. Jenfasizza li l-implimentazzjoni soda u f'waqtha tal-baġit tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati ħtiġijiet u sfidi f'oqsma ta' politika differenti b'mod aktar effiċjenti u effettiv; jenfasizza li l-implimentazzjoni simultanja ta' strumenti multipli b'regoli differenti taħt restrizzjonijiet ta' żmien, flimkien mal-pressjoni tal-għeluq finali tal-QFP 2014–2020, tista' twassal għal dewmien fl-implimentazzjoni u żieda fl-iżbalji, l-irregolaritajiet u l-frodi; ifakkar fir-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

4. Jenfasizza l-kontribut tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fl-appoġġ lill-Istati Membri ħalli jirkupraw mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u joħolqu Unjoni reżiljenti li tista' tindirizza l-isfidi tal-futur; jinnota l-kontribut tal-RRF u r-RePowerEU biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-enerġija kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jiddispjaċih li l-istadji importanti ma ġewx definiti aħjar u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-azzjonijiet assoċjati f'konformità mal-istadji importanti u l-miri miftiehma;

5. Jenfasizza r-rwol kruċjali li kellu l-baġit tal-Unjoni fl-2022 fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jiġifieri biex jiġu żgurati l-ktajjen tal-provvista tal-ikel, jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-enerġija, jingħata appoġġ lill-Istati Membri biex jilqgħu lir-rifuġjati Ukreni, u tingħata assistenza lill-Ukrajna biex tieħu ħsieb liċ-ċittadini tagħha; jinnota li dan għamel pressjoni fuq il-baġit u li ntużaw il-miżuri ta' flessibbiltà kollha disponibbli; jinnota f'dan ir-rigward l-adozzjoni tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jorjenta mill-ġdid il-fondi, jiġbor fondi ġodda; jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali ċar u realistiku biex tħallas lura d-dejn tal-UE;

6. Ifakkar fl-importanza ta' applikazzjoni stretta tar-regoli finanzjarji tal-Unjoni fil-programmi kollha u fuq il-benefiċjarji kollha, sabiex jiġu evitati l-forom kollha ta' frodi, kunflitti ta' interess, korruzzjoni, finanzjament doppju u ħasil tal-flus; ifakkar f'dan il-qafas fir-rwol ewlieni tal-arkitettura kollha tal-Unjoni kontra l-frodi u jesprimi xi tħassib dwar ir-rifjut ta' xi Stati Membri li jikkooperaw ma' wieħed mill-elementi tiegħu, b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE);

7. Ifakkar fl-importanza li jitwettqu evalwazzjonijiet *ex post* u ta' nofs it-terminu tal-programmi finanzjarji maħluqa biex jirrispondu għall-kriżijiet, fir-rigward tar-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud Ewropew tagħhom minbarra l-konformità u r-regolarità, l-effiċjenza, l-effikaċja, il-prestazzjoni u l-impatt ekonomiku fit-tul tagħhom; jinnota li d-deċiżjonijiet relatati mal-istrumenti ta' rispons għall-COVID-19 saru taħt pressjoni enormi ta' ħin, għalkemm tali strumenti se jiġu implimentati sal-2026; jenfasizza li rispons rapidu m'għandux ikun għad-detriment ta' kontroll xieraq fuq in-nefqa u jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tislet tagħlimiet minn tali strumenti;

8. Ifakkar fl-importanza tal-RRF fl-indirizzar tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku wara l-pandemija tal-COVID-19, ifakkar li l-mudell ta' implimentazzjoni tal-RRF ipoġġi rekwiżiti ħafna eħfef fuq il-Kummissjoni, u jnaqqas il-piż tal-kontroll mill-Kummissjoni lejn l-Istati Membri; jinsab imħasseb li l-Qorti, fil-valutazzjoni tagħha tal-RRF, identifikat nuqqasijiet fil-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni u fl-awditi *ex post* u jqis li għad hemm dgħufijiet fis-sistemi ta' rapportar u kontroll tal-Istati Membri; jibża' li tali dgħufijiet wasslu għall-istabbiliment ta' "stadji importanti ta' kontroll" li jfisser li s-sistemi rilevanti tal-Istati Membri ma kinux kompletament funzjonali meta bdiet l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, u b'hekk inħoloq riskju għar-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

9. Jissottolinja r-riskju ta' kunflitti ta' interess f'każijiet fejn l-atturi involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, fi kwalunkwe livell, jistgħu jiġu kompromessi għal raġunijiet li jmorru lil hinn mill-interess ekonomiku; jinnota l-qafas legali frammentat ħafna madwar l-Istati Membri u r-reġjuni dwar il-kunflitti ta' interess u jistieden il-gwida tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jiġu promossi interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi; jappoġġja l-osservazzjoni tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 6/2023 tagħha li "l-estrazzjoni ta' data, permezz tat-tqabbil ta' informazzjoni minn sorsi differenti, għandha l-potenzjal li tgħin fl-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess possibbli";

10. Jenfasizza r-rwol tal-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), tal-UPPE, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob li l-kapaċitajiet tal-UPPE u tal-OLAF, kif ukoll il-kooperazzjoni ta' bejniethom, jissaħħu aktar u l-kompetenzi tagħhom jiġu definiti aħjar; japprezza l-isforzi tal-UPPE fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jenfasizza l-importanza tal-indipendenza u l-imparzjalità sħiħa tiegħu għall-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet tiegħu; ifakkar fl-importanza li l-UPPE u l-OLAF jiġu pprovduti b'riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti; jappella għal regoli komuni kontra l-korruzzjoni applikabbli għall-persunal kollu tal-korpi tal-Unjoni u jitlob li r-Reġistru tat-Trasparenza interistituzzjonali jsir obbligatorju għall-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji kollha tal-UE, biex jiġi żgurat li l-indipendenza li hija meħtieġa minn ċerti istituzzjonijiet tal-UE ma tiġix affettwata; itenni l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-frodi kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UPPE u l-OLAF;

11. Jisħaq fuq id-deterjorament tal-Istat tad-Dritt f'xi Stati Membri u jenfasizza l-importanza kbira tal-Mekkaniżmu ta' Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-għodod disponibbli biex tindirizza r-riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni u tinvoka minnufih ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità meta l-ksur tal-Istat tad-Dritt jirriskja li jkollu impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jappoġġja l-imblukkar tal-fondi tal-Unjoni sakemm il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati għalkollox u ma jingħatawx rikatt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi approċċ unitarju, komprensiv u integrat f'fondi u strumenti leġiżlattivi differenti u tevita approċċ teknokratiku u kontradittorju f'diversi strumenti ta' finanzjament;

12. Jenfasizza, fil-kuntest tal-prinċipju tal-istat tad-dritt, il-ħtieġa li jiġu żgurati standards ċari u s-separazzjoni effettiva tas-setgħat; jenfasizza li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tal-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura u għandhom joqogħdu lura milli jaġixxu bħala awla dixxiplinari barra mis-sistema ġudizzjarja indipendenti; jenfasizza li fil-każ ta' ksur tal-liġi, l-istituzzjonijiet jew il-korpi rilevanti tal-Unjoni jew l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu responsabbli; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi evitata denunzja inġusta jew proċeduri ta' żvelar ta' informazzjoni protetta u li tali proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq standards ċari tal-istat tad-dritt;

13. Jinnota l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni fl-2022 skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, iżda jqis li dawn jiġu introdotti b'dewmien konsiderevoli u wara kunsiderazzjonijiet politiċi dejjiema; jitlob lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet bir-reqqa u tiżgura mekkaniżmi ta' kontroll adegwati biex tiggarantixxi l-ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każijiet attwali u futuri ta' nuqqas ta' rispett għall-valuri tal-Unjoni u l-Istat tad-Dritt li jaffettwaw jew jheddu li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

14. Jilqa' l-ftehim milħuq fin-negozjati dwar ir-regoli finanzjarji riveduti tal-Unjoni f'Diċembru 2023; jilqa', b'mod partikolari, it-titjib relatat mat-traċċar tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' għodod diġitali u interoperabbiltà li se jsaħħu l-protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni, l-estensjoni mmirata tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) għal ġestjoni kondiviża wara l-QFP 2027, ir-referenza għall-mekkaniżmu dwar il-kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u l-valuri tal-Unjoni, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, kif ukoll l-opportunità li jiġi ssimplifikat l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-applikanti individwali bl-introduzzjoni ta' għotjiet ta' valur baxx ħafna;

15. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-proposti leġiżlattivi kollha li għandhom impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali sinifikanti għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt solidi u bir-reqqa, inkluż l-impatt tagħhom fuq l-għoli tal-ħajja għaċ-ċittadini tal-Unjoni, il-livell ta' burokrazija għall-benefiċjarji u l-amministrazzjoni kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, biex tiġi garantita distribuzzjoni ġusta tal-baġit tal-Unjoni; jenfasizza li dan huwa parti mill-aġenda tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar; jissottolinja li l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet tal-impatt b'mod kompletament newtrali u imparzjali; barra minn hekk, jistenna li l-Kummissjoni ttejjeb l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet ikkonċernati billi ssaħħaħ ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati differenti b'fehmiet differenti f'konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa;

16. Jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija wieħed mill-valuri fundaturi tal-Unjoni u li hija minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; ifakkar fl-impenn fit-tul tal-Unjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fit-tfassil tal-politika tagħha sabiex tidentifika u tirrimedja l-inugwaljanzi, kundizzjoni meħtieġa wkoll għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni ta' tkabbir, impjiegi u koeżjoni soċjali; jisħaq fuq l-importanza li jitkomplew l-isforzi li saru b'mod partikolari fl-ibbaġitjar skont il-ġeneru, bħall-metodoloġija pilota biex tiġi traċċata n-nefqa fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qafas finanzjarju pluriennali, sabiex jiġi żgurat li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-Unjoni tkun suċċess;

17. Ifakkar li l-oqsma ta' nfiq soġġetti għal regoli u kriterji ta' eliġibbiltà aktar kumplessi huma f'riskju ogħla ta' żbalji u joħolqu piż amministrattiv eċċessiv għar-riċevituri tal-appoġġ, speċjalment għal parteċipanti ġodda; itenni l-ħtieġa li tiġi implimentata kemm jista' jkun is-simplifikazzjoni fil-programmi ta' nfiq tal-Unjoni, filwaqt li jinstab bilanċ b'kontrolli u kontrolli robusti; jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni, ir-rappurtar u l-awditjar tal-fondi tal-Unjoni hija essenzjali biex jittejjeb l-aċċess għar-riċevituri potenzjali b'mod ekwu u biex il-ġestjoni tal-fondi ssir aktar effiċjenti u trasparenti għaċ-ċittadini kollha;

18. Huwa mħasseb li l-adozzjoni tard ta' diversi regolamenti settorjali li jirregolaw politiki differenti tal-Unjoni, bħall-Politika ta' Koeżjoni, irriżultat f'dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex għal darba oħra jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ħalli jkomplu jħaffu l-implimentazzjoni tal-politiki fil-prattika b'bilanċ ġeografiku aħjar, filwaqt li jkomplu jagħmlu enfasi kbira fuq il-konformità mar-regoli, il-kwalità tal-proġetti, il-kisba tar-riżultati u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jenfasizza f'dan il-kuntest ir-riskju li jkollhom l-impenji pendenti fuq il-baġit tal-Unjoni, billi possibbilment jiġġeneraw diżimpenji sinifikanti li min-naħa tagħhom inaqqsu l-impatt tiegħu; jappella lill-Kummissjoni tindika lill-awtorità ta' kwittanza liema miżuri beħsiebha tieħu biex tindirizza din is-sitwazzjoni;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi, bħall-assistenza teknika, biex iżżid ir-rata ta' assorbiment fl-Istati Membri fuq bażi permanenti; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-progress tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri, b'mod partikolari f'każijiet ta' sottoimplimentazzjoni u rati baxxi ta' assorbiment u tipprovdi analiżi tal-pajjiż lill-awtorità ta' kwittanza, filwaqt li tidentifika l-problemi rikorrenti, kif ukoll il-miżuri meħuda biex is-sitwazzjoni tiġi ottimizzata;

20. Jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni għall-konverġenza u l-iżvilupp ekonomiċi u territorjali fir-reġjuni tal-Unjoni, kif ukoll għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jenfasizza s-sinerġiji tal-fondi ta' koeżjoni f'koordinazzjoni ma' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-RRF, biex jiġu massimizzati l-impatt u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku;

KAPITOLU I

Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Affidabbiltà tal-kontijiet

21. Jilqa' l-fatt li fir-rapport Annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 ([1]), il-Qorti ssib li l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2022 huma affidabbli; jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tat opinjoni tajba dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kull sena mill-2007;

22. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2022, l-obbligazzjonijiet totali ammontaw għal EUR 577,2 biljun, meta mqabbla ma' EUR 445,9 biljun tal-assi totali; jinnota li d-differenza ta' EUR 131,3 biljun kienet tirrappreżenta l-assi netti (negattivi), li jinkludu riżervi u l-parti tal-ispejjeż li l-Unjoni kienet diġà ġarrbet sal-31 ta' Diċembru 2022 u li trid tiġi ffinanzjata minn baġits futuri;

23. Jinnota li fi tmiem l-2022, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba iżda li kienu għadhom ma ġewx iddikjarati minħabba l-benefiċjarji, irreġistrati bħala spejjeż dovuti, kien ta' EUR 148,7 biljun (2021: 129,9 biljun), li minnhom EUR 22,6 biljun huma relatati man-nefqa dovuta tal-RRF;

24. Jinnota li wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni wara l-proċess tal-ħruġ tar-Renju Unit, il-Kummissjoni stmat li, fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-kontijiet tal-Unjoni wrew riċevibbli nett dovut mir-Renju Unit ta' EUR 23,9 biljun (2021: 41,8 biljun), li minnhom huwa stmat li EUR 9,1 biljun se jitħallsu fit-12-il xahar wara d-data tar-rapportar; iqis li kwalunkwe ammont li jaqbeż l-ammont stmat ta' EUR 9,1 biljun li jasal mir-Renju Unit għandu jintuża biex jitnaqqas id-dejn imġarrab permezz tal-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-Kummissjoni;

25. Jinnota li l-Qorti vvalutat l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni militari mhux provokata u inġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-kontijiet tal-Unjoni; jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li dan l-impatt ġie kkunsidrat kif xieraq u żvelat fil-kontijiet annwali konsolidati;

26. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-Istrument Ewropew għall-Irkupru "NextGeneration EU" ("NGEU"), huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati;

Legalità u regolarità tad-dħul u l-infiq tal-Unjoni

27. Jesprimi dispjaċir għall-opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni maħruġa mill-Qorti għar-raba' sena konsekuttiva; jissottolinja l-importanza li jerġgħu jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li mhumiex meqjusa affidabbli mill-Qorti, u b'hekk tiġi kompromessa l-affidabbiltà tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR); jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li d-dħul huwa ħieles minn żball materjali u li s-sistemi għall-ġestjoni eżaminati mill-Qorti kienu ġeneralment effettivi;

28. Huwa mħasseb li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball għan-nefqa tal-2022 huwa ta' 4,2 %, li huwa ogħla mil-livell limitu ta' materjalità; jinnota li dan huwa deterjorament ulterjuri meta mqabbel mas-sentejn preċedenti (3,0 % fl-2021 u 2,7 % fl-2020); jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet problemi sostanzjali fin-nefqa bbażata fuq ir-rimborżi, li tirrappreżenta 66 % tal-popolazzjoni tal-awditjar tal-Qorti, fejn il-livell stmat ta' żball huwa ta' 6 %; jinnota l-fatt li l-effetti tal-iżbalji misjuba mill-Qorti huma stmati kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena;

29. Jinnota li l-istima proprja tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament hija ta' 1,9 % għall-2022 (simili għall-2020 u l-2021), li hija taħt il-livell limitu ta' materjalità; jinnota li l-istima tar-riskju mill-Kummissjoni fil-mument tal-għeluq, wara li jkunu ġew applikati kontrolli u korrezzjonijiet *ex post*, hija ta' 0,9 %; jinnota d-diverġenza bejn ir-rata ta' żball ġenerali tal-Qorti u r-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament, li huwa osservat għan-nefqa baġitarja ġenerali tal-Unjoni fl-2022, għalkemm mhux fl-oqsma kollha tan-nefqa, jinnota li dan huwa partikolarment evidenti fl-Intestaturi 1 u 2 bħalma kien fil-passat; u jirrimarka l-fatt li l-istimi tal-Kummissjoni għar-riskju fil-waqt tal-pagament huma konsistentement fil-medda inferjuri jew inqas mill-istimi statistiċi tal-Qorti; jilqa' l-istima tal-Qorti tal-livell ta' żball bħala indikatur importanti għar-riskji eżistenti; jitlob li jinstab fehim komuni biex tiġi evitata tali diverġenza bejn ir-rata ta' żball ġenerali tal-Qorti u r-riskju fil-waqt tal-pagament tal-Kummissjoni;

([1]) ĠU C, C/2023/103, 4.10.2023.

30. Itenni t-tħassib dwar l-osservazzjoni tal-Qorti tqis li l-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni x'aktarx tissottovaluta l-livell ta' riskju f'diversi oqsma; jinsab imħasseb ukoll dwar id-dgħufijiet rikorrenti identifikati mill-Qorti dwar il-kontrolli *ex post* tal-Istati Membri fl-Intestatura 2, li jillimitaw id-dipendenza li tista' titqiegħed fuq xogħolhom;

31. Jissottolinja li l-istima ġenerali tal-livell ta' żball fil-baġit tal-Unjoni, kif ippreżentata fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti, hija stima tal-flus li ma kellhomx jitħallsu minħabba li ma ntużawx f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli, u mhux indikatur ta' frodi jew ta' korruzzjoni; jiddispjaċih li l-istima ġenerali tal-livell ta' żball fil-baġit tal-Unjoni tista' tagħti kull sena impressjoni negattiva liċ-ċittadini;

32. Ifakkar li l-approċċ tal-awditjar u l-metodoloġija tal-Qorti huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-awditjar li jirrikjedu l-ittestjar ta' kampjun aleatorju u rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet li jirriżultaw fi stima tar-rata ta' żball; ifakkar li l-Qorti tiddistingwi bejn nefqa b'riskju baxx, jiġifieri pagamenti bbażati fuq l-intitolament skont regoli simplifikati, u nefqa b'riskju għoli, jiġifieri pagamenti bbażati fuq ir-rimborż soġġetti għal regoli kumplessi; jinnota li għan-nefqa tal-2022, il-Qorti għażlet 66 % tal-popolazzjoni tal-awditjar tagħha min-nefqa b'riskju għoli (63,2 % fl-2021), li tammonta għal EUR 110,1 biljun, u 34 % min-nefqa b'riskju baxx, li tammonta għal EUR 56,7 biljun; jinnota li r-rata ta' żball stmata tal-Qorti għall-2022 (4,2 %) hija prinċipalment xprunata mill-"Koeżjoni, reżiljenza u valuri" (2,5 % tar-rata ta' żball ġenerali), mir-"Riżorsi naturali u l-ambjent" (0,8 %), mill-"Viċinat u d-dinja" (0,4 %), u mis-"Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (0,3 %), li fil-biċċa l-kbira jitqiesu oqsma ta' nfiq b'riskju għoli mill-Qorti; jinnota li l-Kummissjoni fl-AMPR tagħha tikkategorizza n-nefqa f'segmenti ta' riskju ogħla, medju u aktar baxx; jinnota li l-Qorti tuża l-kategoriji ta' riskju fil-biċċa l-kbira biex tiddetermina d-daqs tal-kampjun biex fl-aħħar mill-aħħar tappoġġja l-opinjoni tagħha dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa, filwaqt li l-użu mill-Kummissjoni ta' kategoriji ta' riskju jservi biex jidentifika oqsma fejn hija meħtieġa attenzjoni maniġerjali addizzjonali biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji; jenfasizza li l-użu ta' kategoriji ta' riskju differenti mill-Qorti u l-Kummissjoni jxekkel il-possibbiltà li l-awtorità ta' kwittanza tagħmel analiżi komparattiva bejn żbalji f'forma klerikali u żbalji amministrattivi sostanzjali;

33. Ifakkar li l-awditu tal-Qorti jiffoka fuq is-sena li qed tiġi rieżaminata; iqis, madankollu, li l-Qorti tqis is-sejbiet ta' diversi snin fir-rapport annwali tagħha u tapprofondixxi l-enfasi fuq suġġetti speċifiċi fir-rapporti speċjali tagħha; jinnota li b'kuntrast ma' dan il-metodu, il-Kummissjoni tqis iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-programmi u l-fondi tal-Unjoni li jkopru diversi snin, kif ukoll il-korrezzjonijiet u l-irkupri wara tmiem is-sena taħt rieżami; huwa tal-fehma, madankollu, li dawn l-approċċi differenti ma jispjegawx kompletament id-differenza kbira fl-istima tar-rata ta' żball;

34. Ifakkar li l-programmi ta' nfiq tal-Unjoni huma pluriennali skont id-disinn u konsegwentement is-sistemi ta' kontroll u ċ-ċikli ta' ġestjoni relatati tagħhom ikopru wkoll diversi snin; ifakkar li l-istimi tar-riskju mill-Kummissjoni fil-waqt tal-għeluq għandhom perspettiva pluriennali li tqis il-korrezzjonijiet u l-irkupri matul diversi snin; jinnota li l-approċċ tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq testijiet kif definit fl-istrateġiji ta' kontroll immirati biex jivverifikaw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni biex fl-aħħar mill-aħħar jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li l-fondi jiġu rkuprati mill-benefiċjarji; jinnota li l-firxa tar-riskju fil-waqt tal-pagament, iddeterminata bħala parti minn dan l-approċċ, tixbah l-parti l-kbira tar-rata ta' żball stmata tal-Qorti u l-Kummissjoni tqis li din hija l-aħjar stima biex tiġi espressa l-iskopertura għall-baġit tal-Unjoni;

35. Iqis li ż-żewġ approċċi jaqdu skopijiet differenti u għandhom il-benefiċċji, l-iżvantaġġi, il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tagħhom, u għandhom jintużaw biex jikkomplementaw lil xulxin filwaqt li wieħed għandu jifhem id-differenzi u l-partikolaritajiet, bħall-kunċetti differenti ta' żball u l-kategorizzazzjoni tar-riskju użata minn kull istituzzjoni; iqis li r-rata ta' żball tal-Qorti hija indikatur importanti tal-konformità mal-legalità u r-regolarità tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jinsab imħasseb dwar id-diverġenza kbira fir-rati pprovduti mill-Qorti u l-Kummissjoni fir-rigward tad-dgħufijiet identifikati min-naħa tal-Kummissjoni; jilqa' f'dan ir-rigward is-sejbiet, l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti bħala kontribut utli ħafna għat-titjib ulterjuri tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit taħt modi differenti ta' ġestjoni u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha; jiddeplora l-fatt li l-analiżi tar-riskju waħedha tinjora l-prestazzjoni reali, il-kwalità, is-sostenibbiltà u l-valur miżjud Ewropew tal-proġetti implimentati; itenni l-appoġġ tiegħu għall-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tal-Qorti li għandhom jikkwalifikaw l-impatt tal-miżuri korrettivi fuq il-livell ġenerali ta' żball u jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Qorti bil-ħsieb li tiżdied l-armonizzazzjoni u jiġu previsti ċifri aktar komparabbli;

36. Jinnota li, fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet, is-sejbiet tal-Qorti u tal-Kummissjoni huma allinjati, b'mod partikolari fir-rigward tas-sorsi ewlenin ta' irregolaritajiet fil-"Koeżjoni", u r-riskji akbar għall-miżuri tas-suq u għall-iżvilupp rurali fir-"Riżorsi naturali u l-ambjent"; jinnota li speċifikament fil- "Koeżjoni" xi każijiet ta' żbalji ta' eliġibbiltà identifikati u kkwantifikati mill-Qorti mhumiex neċessarjament meqjusa bħala ineliġibbli mill-Kummissjoni; il-Kummissjoni ma tarax bażi legali biex tikkwalifika l-iżball bħala irregolarità li għandha tiġi kkoreġuta f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(36) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ("ir-Regolament dwar

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Dispożizzjonijiet Komuni" jew CPR) u għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax issegwi proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja, u tali żbalji ma jidħlux fl-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament;

37. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tejbet ir-rapportar tagħha dwar miżuri preventivi u korrettivi biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni minn nefqa illegali u irregolari; jinnota li l-Kummissjoni ċċarat li l-ammont totali rrapportat fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) bħala korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji (EUR 4,95 biljun) jinkludi miżuri preventivi u korrettivi meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri; jinnota li l-Kummissjoni rrapportat EUR 734 miljun f'korrezzjonijiet netti u EUR 195 miljun f'pagamenti mhux dovuti rkuprati mir-riċevituri finali;

38. Jinnota li l-Qorti, fit-twettiq tal-mandat tagħha, ma tinvestigax frodi iżda tqis ir-riskju ta' frodi; jinnota li l-Qorti tgħaddi lill-UPPE suspetti ta' reati kriminali li jaqgħu fil-kompetenzi tagħha u lill-OLAF suspetti ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni identifikati waqt li twettaq l-awditi tagħha; jinnota li, fl-2022, il-Qorti rrapportat 14-il każ ta' frodi suspettata lill-OLAF, u fl-istess ħin irrapportat sitta minn dawn il-każijiet lill-UPPE, li s'issa rriżultaw f'sitt investigazzjonijiet tal-OLAF u tliet investigazzjonijiet tal-UPPE;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

39. Jenfasizza li fl-2022 intużaw 98,5 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli (EUR 179,4 biljun minn EUR 182,2 biljun); jinnota li l-approprjazzjonijiet disponibbli kienu ogħla mil-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 179,9 biljun minħabba l-użu ta' strumenti speċjali, iġġustifikati minn avvenimenti mhux previsti, filwaqt li ntużat il-flessibbiltà kollha disponibbli fl-ambitu tal-QFP; jinnota li ntużaw 98,1 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 167,3 biljun minn EUR 170,6 biljun disponibbli); ifaħħar lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja għar-rispons baġitarju deċiżiv u flessibbli tagħha għall-isfidi li nħolqu fl-2022;

40. Jinnota bi tħassib li l-impenji pendenti totali, li jirrapreżentaw dejn futur jekk mhux diżimpenjat, laħqu livell rekord ta' EUR 450 biljun fl-2022, ikkawżat kemm minn impenji akbar relatati mal-NGEU (bil-Pjanijiet Nazzjonali kollha għall-Irkupru u r-Reżiljenza adottati fl-2022) kif ukoll l-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, li beda bil-mod; jinnota li l-Kummissjoni tistenna li dan l-ammont ikompli jiżdied fl-2023 lejn EUR 460 biljun, u tipprevedi tnaqqis mill-2024 sal-2027 meta għandhom jitħallsu l-ammonti impenjati kemm għall-NGEU kif ukoll għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021–2027; jinnota li madwar EUR 90 biljun ta' self mhux se jintużaw u jfakkar li l-Kummissjoni u l-Istati Membri bħalissa jinsabu lura fl-iskeda għall-pagamenti stabbilita fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tapprova l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) tagħhom; jinnota li l-impenji fl-ambitu tal-QFP għadhom qed jiżdiedu u se jkomplu jiżdiedu fis-snin li ġejjin minħabba l-fatt li l-perjodu ta' programmazzjoni beda bil-mod, bil-pagamenti jsegwu saħansitra aktar tard;

41. Jenfasizza li ż-żmien disponibbli għall-implimentazzjoni tal-fondi b'ġestjoni kondiviża fl-ambitu tal-QFP 2021–2027 huwa iqsar minn dak fl-ambitu tal-QFP li ġew qabel minħabba r-regola n+2 għall-aħħar sena tal-perjodu; huwa konxju tal-isfidi fir-rigward tal-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi kkombinati tal-QFP u tal-NGEU minħabba l-volum tagħhom u l-mekkaniżmi differenti ta' ġestjoni, programmazzjoni, implimentazzjoni u kontroll; jinnota bi tħassib id-differenzi sinifikanti fir-rati ta' assorbiment għal kull Stat Membru; jiddispjaċih dwar l-inizjattivi insuffiċjenti meħuda mill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex tiżdied il-kapaċità ta' assorbiment tal-programmi u b'hekk ikun hemm tnaqqis drastiku u dejjiemi fl-impenji pendenti; jitlob lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa u l-appoġġ amministrattiv lill-Istati Membri meħtieġa speċjalment biex itejbu l-kapaċità ta' assorbiment tagħhom;

42. Jissottolinja li l-projezzjonijiet tal-Kummissjoni għat-tnaqqis tal-impenji pendenti huma bbażati fuq is-suppożizzjonijiet li l-Istati Membri effettivament jagħmlu aktar sforzi biex jaċċelleraw l-assorbiment tal-fondi ta' ġestjoni kondiviża 2021–2027 u li l-aġġustamenti tekniċi awtomatiċi tal-limitu massimu tal-pagamenti huma biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet tal-pagamenti; jinsab imħasseb li dawn iż-żewġ suppożizzjonijiet jistgħu ma jiġux issodisfati u b'hekk tinħoloq sitwazzjoni perikoluża ħafna għall-baġit tal-Unjoni;

43. Jinnota t-twissija tal-Qorti li għall-fondi b'ġestjoni kondiviża 2021–2027 fl-ambitu tas-CPR, ir-riskju ta' diżimpenn żdied b'mod sinifikanti minħabba sensiela ta' fatturi, jiġifieri l-fatt li l-implimentazzjoni bdiet bil-mod minħabba l-adozzjoni tard ta' regolamenti speċifiċi għas-settur, il-prijoritizzazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESI) li jifdal u l-finanzjament tal-NGEU, il-fatt li dawk il-fondi għandhom perjodu ta' żmien iqsar għall-pagamenti b'sena meta mqabbla mal-perjodu preċedenti tal-QFP u d-duplikazzjoni mal-pagamenti tan-NGEU sal-2026; jisħaq, għalhekk, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-2021 lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm appoġġ konsultattiv addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex il-korpi kollha responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-fondi jkunu jistgħu jiżguraw ġestjoni finanzjarja tajba;

44. Jilqa' r-rwol vitali li għandhom l-NGOs fir-rappreżentanza tas-soċjetà ċivili u fil-promozzjoni u d-difiża tal-valuri minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") meta jimplimentaw programmi u proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni b'rispett sħiħ tar-regoli finanzjarji tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jappella sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarji kollha tal-finanzjament tal-Unjoni, inklużi l-NGOs, li użaw ħażin jew miżapproprjaw fondi tal-Unjoni, jew li kienu involuti f'attivitajiet li jmorru kontra l-valuri tal-Unjoni, inkluż l-inċitament għat-terroriżmu, id-diskors ta' mibegħda, l-appoġġ jew il-glorifikazzjoni tal-vjolenza, l-estremiżmu politiku u reliġjuż jiġu elenkati fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) u mblukkati mill-aċċess għall-istituzzjonijiet u l-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni; iqis li l-frodi, il-kunflitti ta' interess, il-finanzjament doppju, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus jew l-approprjazzjoni indebita jridu jiġu evitati u indirizzati fis-sitwazzjonijiet kollha u għall-benefiċjarji kollha irrispettivament min-natura u l-istatus legali tagħhom (kif innotat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Jannar 2024 dwar it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni); jistieden lill-Kummissjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mingħajr dewmien;

45. Jinnota bi tħassib li d-dejn tal-Unjoni żdied minn EUR 236,7 biljun fl-2021 għal EUR 344,3 biljun fl-2022. jinnota li mid-dejn kollu, is-sehem tal-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU biss (EUR 185,6 biljun, 53,9 %) joħloq riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għall-baġit tal-Unjoni; jinnota li, minħabba r-rati tal-imgħax tas-suq li qed jiżdiedu, l-ispiża tal-finanzjament ġdid tal-NGEU żdiedet minn 0,14 % fit-tieni nofs tal-2021 għal 1,24 % fl-ewwel nofs tal-2022, u żieda oħra għal 2,60 % fit-tieni nofs tal-2022, li rriżultat f'EUR 0,5 biljun ta' pagamenti ta' imgħax għall-NGEU fl-2022, u żieda konsiderevoli ġiet imbassra għall-2023; jinsab imħasseb dwar iż-żieda qawwija fir-rati tal-imgħax mill-2020 li rriżultat f'piż finanzjarju ogħla għall-baġit annwali; ifakkar, barra minn hekk, li r-ripagamenti tas-self tal-NGEU għandhom jibdew fl-2028 u jridu jitlestew sal-2058, li se jkunu jirrikjedu biżżejjed riżorsi finanzjarji; jinnota li l-użu massimu tal-baġit tal-Unjoni fl-2022, bl-użu tal-flessibbiltà kollha disponibbli, ma jippermetti l-ebda ħlas lura ta' djun, sakemm ma jsirx tnaqqis f'oqsma oħra tan-nefqa tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jaqblu dwar pjan ta' ħlas lura minn riżorsi proprji ġodda mingħajr ma jagħmlu ħsara lill-QFP il-ġdid;

46. Jinnota li minn Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha stabbilita strateġija ġdida għall-ġestjoni tad-dejn, jiġifieri "strateġija ta' finanzjament diversifikata" li tikkonsisti fit-tekniki u l-istrumenti ta' finanzjament użati mill-emittenti sovrani; ifakkar fir-Rapport Speċjali 16/2023 tal-Qorti dwar il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU li kkonkluda li l-Kummissjoni malajr stabbiliet is-sistema tagħha għall-ġestjoni tad-dejn, li tippermetti bidu f'waqtu tal-operazzjonijiet ta' self, li ssodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji kollha li jikkonċernaw il-portafoll tad-dejn u l-ġestjoni tar-riskji;

47. Jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni għandha taġixxi b'mod aktar proattiv biex tiżgura li l-għodod disponibbli għall-mitigazzjoni tar-riskji tal-iskoperturi jkollhom kapaċità suffiċjenti;

48. Jinnota li l-iskopertura totali tal-baġit tal-Unjoni minħabba garanziji u obbligazzjonijiet kontinġenti għal self żdiedet għal EUR 248,3 biljun, li minnhom inħolqu EUR 57,8 biljun għal salvagwardja addizzjonali permezz tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni ("CPF"); jinnota li rati tal-imgħax ogħla jirrikjedu wkoll rata ta' proviżjonament ogħla fil-futur;

49. Jinnota li fl-2022 il-Kummissjoni biddlet id-divulgazzjoni tal-obbligazzjoni kontinġenti fil-kontijiet konsolidati tagħha, u b'hekk it-tqabbil ta' sena b'sena sar estremament kumpless u twil; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod aktar ċar dwar il-kont annwali tagħha, sabiex tiffaċilita l-konklużjonijiet u l-analiżi anke fid-dawl tal-proċedura ta' kwittanza;

50. Jinnota li l-iskopertura tal-baġit tal-Unjoni għall-Ukrajna żdied fl-2022 għal EUR 15,6 biljun, bi proviżjonamenti relatati; jinnota bi tħassib li għall-appoġġ tal-AMF+ lill-Ukrajna b'valur ta' EUR 18,0-il biljun, miftiehem fi tmiem l-2022 u żborżat matul l-2023, ma kien meħtieġ l-ebda proviżjonament fis-CPF biex ikopri r-riskji ta' inadempjenza, u dan joħloq riskju serju għall-baġit tal-Unjoni kif espress fl-Opinjoni 07/2022; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-telf possibbli relatat mal-MFA + se jkollu jiġi kopert minn baġits futuri tal-Unjoni jew mill-"marġni ta' manuvra" baġitarju bejn il-limitu massimu tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi miżuri addizzjonali biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni minn telf futur relatat mal-AMF+;

51. Jinnota li matul l-2022 l-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur żdiedet b'mod sinifikanti, u affettwat il-baġit tal-Unjoni b'diversi modi, billi naqqset id-daqs relattiv tal-baġit tal-Unjoni u naqqset l-effiċjenza tal-fondi tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi bl-istess mod kif kien ippjanat inizjalment; iqis li inflazzjoni għolja taffettwa l-proporzjon ta' dħul minn sorsi differenti, bi tnaqqis nett tas-sehem tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING; jappoġġja bil-qawwa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni li tivvaluta l-impatt fuq il-baġit tal-Unjoni taż-żieda fl-inflazzjoni sabiex tapplika b'mod proattiv miżuri ta' mitigazzjoni;

52. Jilqa' l-pjattaformi ta' trasparenza bbażati online żviluppati u miżmuma mill-Kummissjoni li jipprovdu data dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-Unjoni u jippermettu t-tiftix permezz tar-riċevituri tal-finanzjament u l-proġetti tal-Unjoni, bħas-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja, filwaqt li jagħtu informazzjoni dwar il-finanzjament tal-Unjoni taħt ġestjoni diretta u indiretta, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF, il-Pjattaforma tad-Data Miftuħa dwar il-Koeżjoni u l-pjattaforma Kohesio;

53. Jinnota l-metodoloġija tal-Kummissjoni għat-traċċar tal-aspetti relatati mal-ġeneru tan-nefqa mill-2023; ifakkar li 2 % biss tal-baġit tal-Unjoni ġie vvalutat bħala li għandu objettiv prinċipali li jtejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb dan il-punteġġ billi tintegra l-perspettiva tal-ġeneri mill-bidu tat-tfassil tal-programm; itenni li huwa meħtieġ aktar dettall sabiex il-maġġoranza tal-infiq (73 %) attwalment ivvalutata bħala 0* "potenzjal li jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri" tkun tista' tinftiehem bis-sħiħ; jinnota bi tħassib li r-Rapport Speċjali 10/2021, ippubblikat mill-QEA, ikkonferma li ċ-ċiklu baġitarju tal-Unjoni għadu ma jqisx b'mod adegwat l-ugwaljanza bejn il-ġeneri peress li l-elementi ewlenin, bħall-analiżi tal-ġeneru, l-objettivi relatati mal-ġeneru, l-indikaturi u l-obbligu ta' rendikont permezz tar-rapportar, huma fil-biċċa l-kbira neqsin;

54. Itenni t-talbiet tiegħu għal linja baġitarja ddedikata għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fi ħdan il-programm Daphne fid-dawl tal-kriżi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru li qed tiffaċċja l-Unjoni; jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ l-inizjattiva Daphne speċifikament iddedikata billi jiżdiedu r-riżorsi tagħha, b'mod partikolari miżuri li għandhom l-għan li jiġġieldu l-livelli kollha u l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika f'konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u li jappoġġjaw kif xieraq lill-vittmi; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li jintużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) biex jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-impjieg tan-nisa, l-emanċipazzjoni tan-nisa, l-intraprenditorija, it-tmexxija u r-rwoli maniġerjali, kif ukoll il-faċilitajiet ta' kura fit-tul; jinnota li studju mitlub mill-Kumitat FEMM ([4]) juri li l-irġiel spiss jingħataw preferenza fuq in-nisa u l-gruppi emarġinati fir-rigward tat-tfassil ta' sussidji u appoġġ fl-ambitu tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", kif ukoll f'politiki, programmi u finanzjamenti oħra għat-tranżizzjoni ekoloġika;

Rakkomandazzjonijiet

55. Japprezza bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 ("Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2022") ([5]) kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

56. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex:

(i) tiddifferenzja t-tipi ta' żbalji u tagħmel aktar trasparenti r-rata ta' żbalji kkawżati minn użu ħażin serju, frodi jew attivitajiet kriminali oħra u l-iżbalji kkawżati minn żvista amministrattiva jew applikazzjoni mhux preċiża tar-regoli;

(ii) tivvaluta wkoll b'mod aktar intensiv il-kwalità, il-valur miżjud Ewropew, is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni u l-prattikabbiltà tal-proġetti implimentati;

57. Jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex:

(i) taħdem mal-Qorti sabiex iżżid il-konverġenza u l-komparabbiltà taż-żewġ approċċi, u anke biex jinftiehmu aħjar, sabiex jiġu indirizzati l-irregolaritajiet;

(ii) tgħaddi minn evalwazzjoni *ex post* tal-affidabbiltà tal-istima tagħhom stess tar-riskju fl-għeluq għas-sena finanzjarja li għaliha ngħalqu l-programmi u tippreżenta r-riżultati ta' tali evalwazzjoni lill-awtorità ta' kwittanza;

(iii) tkompli tissimplifika r-regoli u l-proċeduri mingħajr ma tikkompromett l-kwalità tal-kontrolli; u tkompli tiddiġitalizza l-proċeduri tal-awditjar;

(iv) iżżid l-isforzi biex ittejjeb it-trasparenza fl-użu tal-fondi, inkluż fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali;

(v) tkompli tappoġġja l-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tal-Istati Membri; tidentifika modi biex jgħinu lill-Istati Membri jaċċelleraw l-użu tal-fondi tal-Unjoni, u tnaqqas il-livell ta' impenji pendenti, b'mod partikolari fil-fondi ta' ġestjoni kondiviża skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni;

(vi) tirrapporta bħala parti mid-divulgazzjoni tagħha dwar obbligazzjonijiet kontinġenti u x'inhi l-iskopertura annwali tal-baġit tal-Unjoni, li tirriżulta minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi, fiwaqt li tippubblika l-iskopertura annwali totali;

(vii) tipprovdi miżuri suffiċjenti biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni mir-riskji differenti identifikati, b'mod partikolari l-RAL, iż-żieda fid-dejn, iż-żieda fl-esponiment baġitarju inkluż għall-Ukrajna, iż-żieda fl-inflazzjoni, eċċ.;

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1).
([4]) https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2022/736899/IPOL_STU(2022)736899_EN.pdf.
([5]) ĠU C, C/2023/103, 4.10.2023.

(viii) tkompli timmonitorja r-riskju possibbli ta' korruzzjoni u frodi fil-fondi kollha, permezz ta' feedback mill-investigazzjonijiet mill-UPPE u mill-OLAF; u tinkoraġġixxi l-użu sistematiku tas-sistemi ta' bażijiet tad-data Archane u EDES;

(ix) tipprovdi u tiffinanzja infrastruttura tal-IT lill-UPPE sakemm ikun meħtieġ biex l-UPPE jimplimenta sistema tal-IT indipendenti u adegwata, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u jiġi evitat it-telf ta' data;

(x) tiżgura l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi tagħmel użu ġenerali u sistematiku minn sistemi diġitali u awtomatizzati għar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar u tistabbilixxi b'mod urġenti sistema obbligatorja integrata u interoperabbli li tibni fuq, iżda mhux esklużivament, għodod u bażijiet tad-data eżistenti fil-kuntest tar-riformulazzjoni konkluża tar-Regolament Finanzjarju;

(xi) timmodifika u ttejjeb it-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll is-sit web rispettiv tal-RRF tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-implimentazzjoni, il-prestazzjoni u t-twettiq tal-indikaturi jiġu aġġornati regolarment, ikunu preċiżi u strutturati b'mod ċar u trasparenti;

(xii) tiżgura li l-eżitu tal-awditi jkun trasparenti;

(xiii) tiżgura li l-Istati Membri kollha jużaw is-sistemi u r-reġistri ċentrali biex jirrapportaw dwar is-sidien benefiċjarji u l-benefiċjarji finali;

(xiv) tivvaluta l-impatt ta' inflazzjoni għolja fuq il-baġit tal-UE li tkompli fuq diversi snin u tidentifika għodod biex jiġu mmitigati r-riskji ewlenin li jirriżultaw.

Prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni

58. Jinnota r-riintegrazzjoni tal-ħidma tal-Qorti dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fir-Rapport Annwali tagħha; jinnota b'dispjaċir li l-kontenut tal-kapitolu relatat fih kunsiderevolment anqas kontenut mir-rapport annwali tas-sena ta' qabel dwar il-prestazzjoni; jesprimi dispjaċir b'mod partikolari għall-fatt li r-rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli saret ħafna anqas evidenti fl-istruttura kurrenti; jinnota li l-ħidma tal-Qorti dwar il-prestazzjoni kif inkluża fir-Rapport Annwali tagħha għall-2022 tinsab primarjament fis-sommarju tas-sejbiet mir-rapporti speċjali;

59. Jinnota li l-Qorti tat segwitu għall-implimentazzjoni ta' 213-il rakkomandazzjoni li hija għamlet fl-2019, li 179 minnhom ġew indirizzati lill-Kummissjoni; jinnota li erbgħa mill-179 rakkomandazzjoni ma kienx għad wasal iż-żmien biex jiġu implimentati saż-żmien li sar ir-rieżami ta' segwitu u li, mill-175 rakkomandazzjoni li kien fadal, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ 101 (58 %), 26 fil-biċċa l-kbira tal-aspetti (15 %), 24 f'xi aspetti (13 %), u ma implimentatx 17 (10 %) minnhom kollha, filwaqt li l-Qorti ma setgħetx tikkonkludi f'seba' każijiet (4 %) fejn l-entità awditjata ma kinitx aċċettathom jew kien kmieni wisq biex tivvaluta l-implimentazzjoni;

60. Iqis li l-ħarsa ġenerali tar-rapporti speċjali, li tkopri l-akbar parti tal-kapitolu tlieta tar-rapport Annwali tal-Qorti, tagħti ħarsa ġenerali tajba lejn ir-rapporti ppreżentati mill-Qorti li huma relatati mal-oqsma strateġiċi tal-2022; iqis li analiżi profonda tal-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni tista' tkun valur miżjud għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditur; jinnota l-kwistjoni tal-mument meta ġie ppubblikat l-AMPR;

61. Jinnota li l-Kummissjoni tippubblika d-"Dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programmi", li hija ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-programmi tal-baġit tal-Unjoni għall-2021–2027, u l-"Prijoritajiet orizzontali", taqsima dwar kif il-Kummissjoni tittraċċa u tirrapporta dwar x'jintefaq fuq l-ibbaġitjar ekoloġiku, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-traċċar diġitali u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;

62. Jinnota r-rieżami 06/2023 tal-Qorti dwar l-AMPR tal-2022 tal-Kummissjoni għall-baġit tal-Unjoni u l-konklużjoni tiegħu li l-Volum I tal-AMPR tal-2022 segwa l-gwida strateġika tal-bord ta' ġestjoni korporattiva tal-Kummissjoni meta ppreżenta l-fatti u l-kisbiet dwar il-ġestjoni baġitarja għall-2022, u jinnota li kien hemm lok biex tittejjeb il-kwalità tad-data dwar il-prestazzjoni; jinnota t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet bil-miktub dwar l-awditu tal-IAS rigward l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u r-riassigurazzjoni minħabba li l-kwistjoni identifikata qed tiġi ttrattata;

63. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni inkludiet informazzjoni fl-AMPR tagħha dwar l-ibbaġitjar ekoloġiku, it-traċċar diġitali u d-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-għadd ta' programmi li għalihom il-kontribut għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhuwiex magħruf naqas għal 72 %; jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li din iċ-ċifra jeħtieġ li titnaqqas aktar;

64. Ifakkar fis-sejbiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti 09/2022 "L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014–2020"; jinnota, barra minn hekk, ir-Rapport Speċjali 26/2023 tal-Qorti dwar il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni fl-RRF; jikkonkludi li l-Qorti identifikat fiż-żewġ Rapporti Speċjali kwistjonijiet bil-metodu li l-Kummissjoni tippreżenta informazzjoni dwar il-prestazzjoni, kemm fil-QFP kif ukoll fl-RRF; jinnota b'mod partikolari li d-divulgazzjoni dwar in-nuqqasijiet fil-metodoloġiji ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni turi dgħufijiet b'mod partikolari minħabba t-taħlit tal-istimi man-numri reali ta' riżultati miksuba u proġetti mwettqa jew it-taħlit ta' ammonti bbaġitjati ma' ammonti effettivament imħallsa; iqis li d-data dwar il-prestazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni m'għandhiex tinkludi stimi iżda biss ċifri ta' azzjonijiet imwettqa; jibqa' mħasseb dwar il-fatt li l-Qorti sabet li huwa mistenni titjib limitat fir-rapportar klimatiku tal-2021–2027; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni għadha ma indirizzatx id-dgħufijiet fiċ-ċifri rrapportati tal-metodoloġija l-ġdida tagħha;

Dħul

65. Jinnota li d-dħul tal-baġit tal-Unjoni jinkludi riżorsi proprji, dħul assenjat estern u dħul ieħor; jinnota li fl-2022, ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) kienet tammonta għal EUR 103,9 biljun (42,3 %), id-dħul assenjat estern kien jammonta għal EUR 62,2 biljun (25,4 %), ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) kienu jammontaw għal EUR 25,9 biljun (10,6 %), il-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet marbuta mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni kienu jammontaw għal EUR 20,9 biljun (8,5 %), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) kienet tammonta għal EUR 19,7-il biljun (8,0 %), ir-riżorsi proprji bbażati fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat kienu jammontaw għal EUR 6,3 biljun (2,6 %), u dħul ieħor kien jammonta għal EUR 6,4 biljun (2,6 %);

66. Jinnota r-Rapport Speċjali 25/2022 tal-Qorti dwar il-verifikazzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni; ifakkar li d-data tal-ING irrapportata mill-Istati Membri hija l-bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u jqis għalhekk li huwa essenzjali għall-Kummissjoni li ttejjeb l-effiċjenza fiċ-ċiklu ta' verifika wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti li l-proċess ta' verifikazzjoni tad-data tal-ING imwettaq mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) kien effettiv; jilqa' l-fatt li l-Eurostat ħejja pjan ta' azzjoni biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet bil-għan li jimplimentahom wara ċ-ċiklu tal-2020–2024;

67. Jinnota li l-baġit tal-Unjoni jeħtieġ li jwieġeb għal sfidi multipli bi programmi finanzjarji addizzjonali, bħall-istrument għall-irkupru tal-NGEU; jinnota li għall-2022, id-dħul mir-riżorsi proprji tradizzjonali baqa' relattivament stabbli, filwaqt li l-garanziji baġitarji għall-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self kienu parti sostanzjali mid-dħul; ifakkar, f'dak ir-rigward, fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Mejju 2023 dwar ir-riżorsi proprji: bidu ġdid għall-finanzi tal-UE, bidu ġdid għall-Ewropa;

68. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha għall-2022 li l-livell ta' żball fit-tranżazzjonijiet tad-dħul ma kienx materjali u li s-sistemi għall-ġestjoni tad-dħul huma ġeneralment effettivi; huwa mħasseb bid-dgħufijiet identifikati mill-Qorti rigward il-kontabbiltà u l-ġestjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali minn ċerti Stati Membri, u bl-azzjoni tal-Unjoni meħuda biex jitnaqqas id-distakk doganali u jiġi żgurat li r-riżorsi proprji tradizzjonali jkunu kompluti; jilqa' l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'dak ir-rigward;

69. Jinnota mir-Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (ir-Rapport PIF ([6])) li fl-2022, l-għadd ta' irregolaritajiet frawdolenti relatati mar-riżorsi proprji tradizzjonali (454) naqas b'6,8 % u l-irregolaritajiet mhux frawdolenti (4 207) żdiedu b'9,4 % meta mqabbla mal-medja ta' ħames snin għall-2018–2022; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-każijiet frawdolenti rrapportati fl-2022 huma relatati ma' valur mhux korrett u klassifikazzjoni mhux korretta jew deskrizzjoni ħażina tal-oġġetti, filwaqt li l-kuntrabandu jibqa' wieħed mill-*modus operandi* primarju; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-każijiet frawdolenti jinstabu permezz ta' ispezzjonijiet minn servizzi nazzjonali kontra l-frodi flimkien ma' kontrolli tar-rilaxx doganali; jinnota li r-rata ta' rkupru bħalissa hija ta' 48 %, għalkemm jista' jkun mistenni li se tiżdied fil-futur minħabba t-tul tal-proċess;

70. Jinnota s-sommarju tar-rinunzji tal-irkupri u tal-ammonti stabbiliti riċevibbli fl-Anness 9 tal-AMPR tal-2022; jinnota li l-valur ġenerali totali tal-irkupri rrinunzjati kien ta' EUR 40,4 miljun, żieda ta' 28 % meta mqabbel mal-2021 (EUR 31,4 miljun) u jqis li dan huwa telf ta' dħul għall-baġit tal-Unjoni;

([6]) COM(2023)0464 finali.

71. Jappella lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi profonda tal-ammonti kollha rkuprati abbażi tan-notifikazzjonijiet tal-UPPE u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati; ifakkar li l-Istati Membri jaqdu rwol primarju fis-segwitu u l-irkupru tad-danni għall-baġit tal-UE taħt ġestjoni kondiviża, inklużi l-irkupru wara n-notifiki tal-UPPE, u l-Kummissjoni tistà timponi korrezzjonijiet finanzjarji; jiddispjaċih li l-UPPE s'issa mhuwiex konxju tal-mekkaniżmi stabbiliti mill-Kummissjoni għal dak il-għan; jinnota li l-kwistjoni tan-notifiki tal-UPPE tqajmet fl-iskambju interistituzzjonali ta' fehmiet dwar ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]); jilqa' l-Arranġament ta' Ħidma tal-UPPE u t-twaqqif ta' grupp ta' ħidma biex jiġi żgurat li n-notifiki tal-UPPE jippermettu lill-Kummissjoni timmassimizza l-irkupru għall-baġit tal-UE;

72. Jilqa' l-iżviluppi li rriżultaw fit-tneħħija tar-riżerva kemm ikkwantifikata kif ukoll mhux ikkwantifikata fil-qasam tat-tessuti u taż-żraben importati miċ-Ċina; jinnota b'sodisfazzjon li r-Renju Unit issa ħallas l-ammont totali dovut (pagament finali ta' EUR 1,57 biljun f'Jannar 2023), inkluż l-imgħax (EUR 1,4 biljun fi Frar 2023); jinnota li sa tmiem l-2023, 27 Stat Membru kienu għamlu pagamenti proviżorji sinifikanti għall-ammonti mistennija tagħhom minħabba l-baġit tal-Unjoni u li f'konformità mas-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-213/19 il-Kummissjoni se tapplika l-istess metodu ta' kwantifikazzjoni għal dawn l-Istati Membri bħal fil-każ tar-Renju Unit, li se jirriżulta f'ammonti kkalkolati mill-ġdid, li jippermettu lill-Kummissjoni tiffinalizza l-eżerċizzju kompletament;

Rakkomandazzjonijiet

73. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tieħu f'idejha s-suġġerimenti tal-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-riżorsi proprji sabiex tiżgura riżorsi biżżejjed sabiex jitħallsu lura l-investimenti magħmula fl-ambitu tal-NGEU;

(ii) tagħmel użu mill-mezzi kollha disponibbli biex tiġi stimulata l-kooperazzjoni bejn is-servizzi kontra l-frodi u l-aġenziji doganali biex dawn jidentifikaw, jipprevjenu u jikkoreġu l-frodi li taffettwa d-dħul tal-Unjoni;

(iii) tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati tar-rieżami tar-riżorsi proprji miġbura;

(iv) teżamina bir-reqqa d-differenzi fir-rati ta' rkupru mill-Istati Membri sabiex dgħufijiet speċifiċi possibbli jiġu identifikati;

(v) tipprovdi spjegazzjonijiet dettaljati lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni implimentat biss parzjalment 13 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mill-2019 u ma implimentatx 10 % oħra tar-rakkomandazzjonijiet tagħha;

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

74. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 1 tal-QFP "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" kien ta' EUR 25,2 biljun (12,9 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: EUR 15,8-il biljun (62,8 %) għar-Riċerka, EUR 3,5 biljun (14,0 %) għat-Trasport, l-Enerġija u d-Diġitali, EUR 2,7 biljun (10,6 %) għall-Programm InvestEU, EUR 2 biljun (8,0 %) għall-Ispazju, u EUR 1,2 biljun (4,6 %) għal oqsma oħra; jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2022 l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati kienu ta' EUR 21 845,08 miljun u 99,99 % minnhom ġew implimentati (EUR 21 842,58 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 20 605,64 miljun u 99,35 % minnhom ġew implimentati (EUR 20 471,31 miljun);

Innovazzjoni u riċerka

75. Jenfasizza l-importanza tal-programmi ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp xjentifiku, tas-soċjetà, u teknoloġiku/ekonomiku tal-Unjoni, biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, għall-irkupru, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni għall-enerġija mir-Russja; ifakkar li Orizzont Ewropa huwa l-aktar programm sinifikanti ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa, b'baġit totali ta' EUR 95,5 biljun, inklużi EUR 5,4 biljun mill-istrument tal-NGEU; jinnota li l-RRF allokat madwar EUR 48 biljun f'investimenti għar-riċerka u l-innovazzjoni;

76. Jinnota l-adozzjoni tard tal-bażijiet legali ta' Orizzont Ewropa fl-2021 u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni rnexxielha tilħaq kważi 100 % tal-implimentazzjoni tal-baġit fl-2021 u fl-2022; jinnota li l-għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati sa tmiem l-2022 kien ta' 5 509; jinnota li, minkejja l-fatt li r-rata medja ta' suċċess tal-proposti żdiedet minn 11,9 % f'Orizzont 2020 għal 15,9 % f'Orizzont Ewropa, sebgħa minn għaxar proposti ta' kwalità għolja għadhom ma jistgħux jiġu ffinanzjati u huma meħtieġa EUR 34,3 biljun addizzjonali biex jiġu ffinanzjati dawk il-proposti;

([7]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 49).

77. Jinnota li l-Qorti eżaminat 127 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP, b'mod partikolari l-programm Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), l-istrumenti finanzjarji u l-programm spazjali, inkluża l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD) u d-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DĠ DEFIS);

78. Jinnota li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" fl-2022 kien materjali fil-livell ta' 2,7 %; jinnota b'sodisfazzjon li dan huwa tnaqqis konsiderevoli meta mqabbel ma' 4,4 % fl-2021; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni hija l-aktar affettwata minn żball, b'mod partikolari fil-qasam tal-ispejjeż tal-persunal; jinsab imħasseb li l-Kummissjoni kkalkulat rata ta' żball ta' 1,5 % għal din l-intestatura, li tinsab fin-nofs aktar baxx tal-firxa tal-istima tal-Qorti; jinsab imħasseb li l-osservazzjoni tal-Qorti dwar is-sottovalutazzjoni tar-rata mill-Kummissjoni ppersistiet għal għadd ta' snin, bi dgħufija speċifika identifikata fl-awditi *ex post* tal-Kummissjoni;

79. Jinnota li fl-2022 l-iżbalji kwantifikabbli relatati mal-ispejjeż ineliġibbli jirrappreżentaw 98 % tal-livell stmat ta' żball ta' 2,7 % tal-Qorti; jinnota bi tħassib, b'mod partikolari, li r-regoli għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal fl-ambitu ta' Orizzont 2020 jibqgħu kumplessi u li l-kalkolu tagħhom jibqa' sors sinifikanti ta' żball (67 % tal-livell stmat ta' żball fl-2022); jinnota li l-Kummissjoni żviluppat u tippromwovi l-użu tal-"Personnel Costs Wizard" biex tgħin lill-benefiċjarji jiddikjaraw l-ispejjeż tal-persunal tagħhom b'mod korrett;

80. Jinnota li Orizzont 2020 għadu jirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tal-proġetti fil-kampjun tal-Qorti, filwaqt li fil-kampjun tal-2022 kien hemm proġett wieħed biss ta' Orizzont Ewropa; jisħaq li, skont il-Qorti, ċerti simplifikazzjonijiet f'Orizzont 2020, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' rata fissa għall-ispejjeż indiretti, naqqsu l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u għandhom il-potenzjal li jnaqqsu r-riskju ta' żball;

81. Jinnota r-rimarki li għamel id-Direttur Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fis-seduta ta' kwittanza tiegħu li l-Kummissjoni beħsiebha żżid l-iżborż tal-fondi ta' Orizzont Ewropa permezz ta' somom f'daqqa minn 2 % fl-2022 għal 50 % fl-2027; jinnota, f'dak il-kuntest, ir-rieżami speċifiku tal-Qorti tal-proċeduri u l-gwida tal-Kummissjoni dwar l-għotjiet iffinanzjati b'somma f'daqqa fir-riċerka; jinnota d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-livell ta' skrutinju f'termini ta' ekonomija, effiċjenza u effettività huwa ogħla fl-evalwazzjoni tal-proposti ta' somma f'daqqa; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi vverifikata l-implimentazzjoni reali tal-proġetti bl-użu ta' somom f'daqqa;

82. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tas-settur privat biex jindirizza d-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni u jtejjeb il-kompetittività u t-tkabbir tal-Unjoni; jemmen, b'mod partikolari, li huwa essenzjali li tibqa' tiġi promossa u ffaċilitata kemm jista' jkun il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-programmi ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-SMEs u l-parteċipanti l-ġodda huma aktar suxxettibbli għal żbalji minn benefiċjarji oħra, peress li huma neqsin mill-esperjenza u r-riżorsi biex jamministraw il-fondi, u jilqa' l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tappoġġjahom b'mod speċifiku, pereżempju permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, kuntatti mas-sistema ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u l-helpdesk iddedikat tas-Servizz ta' Tagħrif dwar ir-Riċerka; iqis li s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri hija l-aktar mutur importanti għal parteċipazzjoni akbar tal-SMEs;

83. Jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm regoli trasparenti u ċari applikati għall-proċedura ta' selezzjoni u għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku fl-aġenziji eżekuttivi kollha; jiddispjaċih dwar iż-żieda fl-ilmenti tar-riċerkaturi għan-nuqqas ta' trasparenza, b'mod partikolari għall-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA); ifakkar li skont il-baġit fit-tul tal-Unjoni għall-2021–2027, l-REA timmaniġġja diversi programmi u servizzi ta' appoġġ tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-proċeduri kollha u evalwazzjoni *ex post* tal-valur miżjud tal-aġenziji eżekuttivi kollha tagħha skont l-Artikolu 3.1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ([8]);

84. Jinnota li l-Valutazzjoni tar-Riskju ta' Frodi tal-Familja fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni ġiet aġġornata fl-2022 bħala ħidma li saret qabel l-aġġornament tal-2023 tal-Istrateġija Komuni Kontra l-Frodi; jinnota l-abbozzar u l-adozzjoni fl-2022 tal-"Guidance on Horizon Europe *ex ante* anti-fraud checks" (Gwida dwar il-kontrolli *ex ante* kontra l-frodi ta' Orizzont Ewropa), li hija parti mill-istrateġija ta' kontroll *ex ante* ta' Orizzont Ewropa; jinnota li l-forum ewlieni tal-Familja tar-riċerka u l-innovazzjoni dwar kwistjonijiet kontra l-frodi huwa l-kumitat għall-Frodi u l-Irregolaritajiet fir-Riċerka (il-Kumitat FAIR), li ltaqa' darbtejn fl-2022; jinnota li fl-2022 id-DĠ RTD aġġorna wkoll l-Istrateġija tiegħu Kontra l-Frodi; iqis li politika ta' tolleranza żero għall-frodi hija meħtieġa wkoll fil-qasam tar-riċerka; fid-dawl tal-isforzi ta' simplifikazzjoni li għaddejjin bħalissa, huwa importanti li jiġi garantit li l-għotjiet u s-sussidji Ewropej kollha jkunu ta' benefiċċju għall-għanijiet proġettati u li jiġu żviluppati għodod effettivi biex jiġu identifikati l-frodi u x-xejriet tal-frodi fil-kuntest ta' somom f'daqqa; jinnota li element importanti biex jiġi evitat l-użu ħażin frawdulenti huwa r-riferiment ta' każijiet rispettivi lill-panel tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni;

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

85. Ifakkar li t-trawwim, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent huma waħda mill-ħames inizjattivi ewlenin li tinkludi l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni (NEIA), adottata fil-5 ta' Lulju 2022; jinnota d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju Ivanova fis-seduta ta' kwittanza tagħha dwar l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni biex iżżid l-inklużività f'Orizzont 2020 u f'Orizzont Ewropa; jinnota r-rikonoxximent tal-Kummissarju li huma meħtieġa aktar sforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ fil-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jinnota f'dak ir-rigward l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex timplimenta d-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'Orizzont Ewropa, u l-isforz konġunt bejn l-RTD u l-EAC biex jiġi attirat it-talent femminili għas-suġġetti STEM; jilqa' l-fatt li, minbarra inizjattivi oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jappoġġjaw u jagħtu s-setgħa lin-nisa fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni, fl-2022 il-Kummissjoni nediet it-tieni edizzjoni tas-sejħa Women TechEU b'baġit miżjud ta' EUR 10 miljun, li attira livell rekord ta' interess b'467 applikazzjoni minn 35 Stat Membru u Pajjiżi Assoċjati ma' Orizzont Ewropa;

86. Jilqa' r-rwol tal-ERC biex jappoġġja l-aqwa riċerkaturi fl-Ewropa, li huwa ssottolinjat minn bosta premjijiet, inklużi 14-il Premju Nobel, sitt Medalji Fields u 11-il Premju Wolf; jilqa' l-2 300 applikazzjoni għall-privattivi u l-400 kumpanija spin-off iġġenerati bis-saħħa tal-proġetti tal-ERC;

87. Jisħaq fuq l-indipendenza u l-awtonomija tal-ERC fit-twettiq tar-rwol tiegħu fl-appoġġ ta' riċerka eċċellenti fl-Unjoni; ifakkar li l-ERC jirrikjedi struttura unika biex jospita l-persunal tal-ERCEA, il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u l-esperti responsabbli għall-evalwazzjonijiet tal-panel u li din il-konfigurazzjoni hija indispensabbli għall-ħidma tiegħu; jinsab sorpriż bil-pjan tal-Kummissjoni li tmexxi diversi aġenziji eżekuttivi u l-ERCEA f'bini ġdid mingħajr konsultazzjoni xierqa u l-qbil tagħhom, filwaqt li tinjora l-ħtiġijiet reali tal-uffiċċju tagħhom u b'hekk tipperikola l-kontinwità tal-operat; jenfasizza li anke xi servizzi tal-Kummissjoni ma kinux infurmati b'mod adegwat dwar dawn il-pjanijiet; jisħaq li l-ERCEA għandha d-dritt li tiffirma kuntratti ta' kiri waħedha u mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni biex iżżomm il-mudell kummerċjali straordinarju tagħha; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tippjana u tikkollabora mal-ERCEA fi żmien xieraq biex issib spazji tal-uffiċċju xierqa li jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħha u li ma jipperikolawx l-attivitajiet tagħha;

88. Jinnota d-disparitajiet fl-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni u jilqa' l-miżuri differenti li ħadet il-Kummissjoni biex tagħti spinta lill-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Istati Membri, speċjalment il-pajjiżi tar-riċerka u l-innovazzjoni anqas produttivi, inklużi madwar EUR 48 biljun mill-RRF, flimkien ma' EUR 43 biljun mill-Politika ta' Koeżjoni u EUR 3 biljun mill-komponent tat-"Twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza" ta' Orizzont Ewropa; jinnota li minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex iżżid il-finanzjament allokat lir-riċerkaturi fil-pajjiżi li qed jespandu, diversi "pajjiżi li qed jipprovaw ilaħħqu" għadhom mhumiex qed juru progress;

89. Jinnota li, wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni waqqfet il-parteċipazzjoni tal-entitajiet pubbliċi Russi fi proġetti li għaddejjin bħalissa ta' Orizzont 2020 u fi proġetti futuri ta' Orizzont Ewropa; jinnota li l-aħħar emenda tal-programm ta' ħidma "prinċipali" ta' Orizzont Ewropa 2021–2022, adottat fl-10 ta' Mejju 2022, kienet tinkludi azzjonijiet maħsuba biex jappoġġjaw riċerkaturi li qabel kienu attivi fl-Ukrajna; jinnota li l-Kummissjoni pprovdiet appoġġ finanzjarju fil-forma ta' għotja ta' EUR 1,5 miljun lill-Fondazzjoni Nazzjonali għar-Riċerka tal-Ukrajna għall-istabbiliment ta' Uffiċċju ta' Orizzont Ewropa fl-Ukrajna (Kiev), li se jippromwovi opportunitajiet ta' finanzjament u joffri appoġġ fl-abbozzar ta' proposti u fl-identifikazzjoni ta' sħab fl-Ewropa;

90. Jirrikonoxxi li, fl-2022, il-FNE laħqet il-fażi ta' implimentazzjoni sħiħa tagħha u jqis dan bħala kisba; jiddispjaċih dwar it-tnaqqis, meta mqabbel mal-2021, fil-finanzjament għal sejħiet għal proposti fl-ambitu tal-istrument ta' finanzjament tal-FNE Trasport 2022 dwar proġetti mmirati lejn infrastruttura tat-trasport Ewropea ġdida, aġġornata u mtejba; jieħu nota tal-fatt li s-sejħiet tal-FNE Trasport 2022 li tnedew matul it-tielet trimestru tal-2022 fetħu possibbiltajiet ta' finanzjament addizzjonali b'EUR 6 biljun addizzjonali ta' kofinanzjament mill-Unjoni; jinsisti li linja baġitarja għolja biżżejjed tal-FNE Trasport hija kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), inkluż it-tkabbir fir-reġjun tal-Lvant biex tiġi pprovduta konnessjoni mas-sħab tal-Lvant bħall-Ukrajna, l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport Ewropew, iż-żieda fil-mobbiltà militari u t-tpaċija tar-rati ta' inflazzjoni għoljin mingħajr preċedent;

91. Ifaħħar l-inizjattiva tal-Fond Ewropew ta' Solidarjetà Volontarja għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru għall-Ukrajna u għall-Moldova taħt ir-responsabbiltà tal-Eurocontrol, bil-għan li jiġu sostnuti l-kostijiet tal-persunal/tat-taħriġ u kwalunkwe kost ieħor biex jiġi żgurat il-livell ta' ħejjija operazzjonali meta t-traffiku tal-ajru jirkupra; barra minn hekk, jilqa' mekkaniżmu ieħor ta' solidarjetà tal-Eurocontrol biex jgħin lill-Istati l-aktar esposti li qed jitħabtu mal-effetti ta' tnaqqis qawwi fit-traffiku tal-ajru; jirrimarka li l-Istati Membri tal-Eurocontrol iddeċidew li jistabbilixxu żewġ fondi speċifiċi: wieħed fil-forma ta' donazzjoni lill-Ukrajna u lill-Moldova ta' EUR 46,5 miljun u l-ieħor fil-forma ta' self ta' EUR 46,1 miljun lill-Estonja, lill-Latvja, lill-Litwanja u lill-Polonja;

Enerġija

92. Jinnota l-kumplessità tal-qafas tal-politika tal-enerġija fl-Unjoni u jisħaq li l-fatt li tiġi żgurata interkonnettività aħjar huwa fil-qalba tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni; jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar l-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) ("ir-Regolament TEN-E"); iqis li l-Unjoni, permezz tat-TEN-E, tal-FNE u tal-Pjan RRF/RePowerEU, għamlet qafas legali robust disponibbli għall-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija, li jindirizza l-isfidi tad-dekarbonizzazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili; jinnota l-isforzi li saru biex tiġi kkoordinata l-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-elettriku ta' prijorità għolja madwar l-Istati Membri, tiġi diġitalizzata s-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, u jiġi stimulat l-investiment fil-grilja bl-ambjent regolatorju ttajjeb, b'mod partikolari permezz tal-FNE Enerġija;

93. Jinnota li, b'kollox, l-Enerġija tal-FNE 1 u 2 (2014–2022) ipprovdiet EUR 6,24 biljun ta' appoġġ għal proġetti tal-enerġija (EUR 5,74 biljun f'xogħlijiet, EUR 0,5 biljun fi studji) għal aktar minn 118-il Proġett ta' Interess Komuni (PCIs) u sa tmiem l-2022, tlestew 123 azzjonijiet li rċevew appoġġ mill-Enerġija tal-FNE-1;

94. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-użu tal-enerġija bħala arma tejbu s-swieq tal-enerġija fl-2022, u dan wassal għall-volatilità tal-prezzijiet u n-nuqqas ta' sigurtà tal-enerġija fis-sistema tal-enerġija tal-Unjoni; jenfasizza r-rispons tal-Kummissjoni għall-kriżi billi żviluppat il-Pjan REPowerEU li għandu l-għan li jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u jelimina gradwalment l-importazzjonijiet tal-enerġija Russi qabel l-2030; jinnota li l-Pjan REPowerEU jimmobilizza kważi EUR 300 biljun, madwar EUR 72 biljun f'għotjiet u EUR 225 biljun f'self; jinnota li l-Pjan REPowerEU pprovda wkoll bażi ġuridika kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni biex jimmodifikaw l-RRPs nazzjonali u biex jivverifikaw jekk l-Istadji Importanti u l-Miri humiex definiti sew biex jiċċarawhom fejn meħtieġ;

Rakkomandazzjonijiet

95. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tinkludi fondi addizzjonali meħtieġa għal Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa fl-abbozz tal-baġit tal-2025 biex jitjieb l-istat attwali fejn sebgħa minn għaxar proposti ta' kwalità għolja għadhom ma jistgħux jiġu ffinanzjati;

(ii) tkompli tapplika regoli u proċeduri simplifikati, miżuri ta' diġitalizzazzjoni u għażliet ta' spejjeż simplifikati (SCOs) filwaqt li tindirizza, b'mod partikolari, ir-riskju ta' irregolaritajiet u frodi u l-ispejjeż tal-kontrolli;

(iii) tkompli tissimplifika r-regoli u l-proċeduri f'konformità mar-regolament finanzjarju l-ġdid, biex jiġu appoġġjati sessjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni prattika għall-applikanti fl-Istati Membri, b'mod partikolari għall-SMEs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, il-NGOs reġjonali jew il-gruppi ta' azzjoni lokali;

(iv) tkompli tippromwovi l-użu tal-"Personnel Costs Wizard" għall-benefiċjarji, b'mod partikolari l-parteċipanti ġodda u l-SMEs, biex jitnaqqas il-livell ta' żball relatat mal-ispejjeż tal-persunal;

(v) tkompli bl-isforzi tagħha biex tikseb programm ta' riċerka tal-Unjoni aktar inklużiv billi tagħti appoġġ, tistabbilixxi miri ċari u torganizza programmi ta' riċerka speċjali għal gruppi fil-mira sottorappreżentati, bħan-nisa u ż-żgħażagħ, filwaqt li taspira wkoll li jkun hemm distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata madwar l-Unjoni;

(vi) tħeġġeġ u tappoġġja lill-Istati Membri, speċjalment lill-"pajjiżi li qed jipprovaw ilaħħqu", biex jisfruttaw bis-sħiħ is-sinerġiji bejn il-fondi disponibbli tal-Unjoni, inklużi l-RRF u l-fondi ta' Koeżjoni, sabiex iżidu l-għadd ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni f'dawn il-pajjiżi; u

(vii) tkompli l-finanzjament biex tinħoloq Unjoni tal-Enerġija integrata, innovattiva u reżiljenti li tippromwovi enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezzijiet raġonevoli għal kulħadd, b'mod partikolari l-SMEs u l-konsumaturi vulnerabbli u foqra fl-enerġija, filwaqt li taċċellera t-tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta tal-Ewropa biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050;

(viii) iżżid is-sensibilizzazzjoni, il-koerenza u s-sostenibbiltà tal-appoġġ li jingħata għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs;

(ix) tivverifika l-implimentazzjoni reali tal-proġetti bl-użu ta' somom f'daqqa;

(x) tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza:

(a) kemm każijiet ta' frodi suspettata ġew riferuti mid-dipartimenti kompetenti tal-Kummissjoni lill-panel tal-EDES, għal liema raġunijiet għall-esklużjoni, u kemm minn dawn il-każijiet irriżultaw f'(1) deċiżjoni ta' identifikazzjoni bikrija; (2) deċiżjoni ta' esklużjoni tal-panel;

(b) għal kemm żmien l-entitajiet ġew esklużi mill-parteċipazzjoni fil-fondi tal-Unjoni;

(c) jekk xi waħda mill-entitajiet esklużi tkun irċeviet fondi tal-Unjoni wara li tkun intemmet id-deċiżjoni ta' esklużjoni;

([9]) Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).

Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri

96. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" kien ta' EUR 79,1 biljun (40,4 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 53,6 % għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u operazzjonijiet reġjonali oħra, 23,6 % għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), 12,6 % għall-Fond ta' Koeżjoni (FK), 4,4 % għall-Erasmus+, 2,3 % għat-Trasport tal-FNE, 0,6 % għall-ESI u 2,9 % għal oqsma oħra; jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2022 l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati kienu ta' EUR 67 805,19-il miljun u 98,29 % minnhom ġew implimentati (EUR 66 644,24 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 63 104,31 miljun u 99,86 % minnhom ġew implimentati (EUR 63 054,76 miljun);

97. Jinnota li fl-2022, kompliet l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u li għall-perjodu 2021–2027, il-Kummissjoni kkonkludiet in-negozjati tal-programmi kollha u għamlet biss pagamenti bil-quddiem, li ammontaw għal EUR 6,5 biljun;

98. Ifakkar li l-infiq taħt is-subintestatura "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (Subintestatura 2a) jiffoka fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni differenti tal-Unjoni; jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni biex jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jintlaħqu l-miri ewlenin tiegħu u tingħata għajnuna lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jaħtfu l-opportunitajiet il-ġodda u jindirizzaw l-isfidi, bħall-globalizzazzjoni, il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-bidliet industrijali, id-diġitalizzazzjoni u l-appoġġ tat-titjib tal-livell tal-kompetenzi u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll it-tagħlim tul il-ħajja;

99. Ifakkar fir-Rapport Speċjali tal-Qorti 27/2021 "Appoġġ mill-UE lit-turiżmu — Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar"; ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi strateġija ġdida konsolidata għall-ekosistema tat-turiżmu tal-Unjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata aġenda tat-turiżmu effettiva għall-2030 u biex jiġu applikati proċeduri tal-għażla għall-investimenti fit-turiżmu ffinanzjati mill-FEŻR biex tiġi appoġġjata din l-orjentazzjoni strateġika ġdida; jissottolinja r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' investimenti relatati mat-turiżmu, f'konformità mal-aġenda strateġika;

100. Jinnota r-rata ta' assorbiment għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 laħqet 79,2 % fl-aħħar tal-2022 (86 % fl-aħħar tal-2023, inkluża l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u t-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) fl-2021–2022 li żdiedet dan l-aħħar), u li kellha livell simili fl-istess mument bħal fil-perjodu 2007–2013; jinsab imħasseb li dan il-livell ta' assorbiment inkiseb biss permezz ta' rata temporanja ta' kofinanzjament tal-Unjoni ta' 100 % li tirrinunzja għal kwalunkwe rekwiżit għall-kofinanzjament nazzjonali ta' proġetti li ilhom stabbiliti bħala prinċipju tal-finanzi tal-Unjoni; jinnota li l-programmi tal-2014–2020 jammontaw għal aktar minn miljun proġett u li s'issa, huma appoġġjaw 2,4 miljun negozju, ħolqu 370 000 impjieg ġdid, żiedu l-prestazzjoni tal-enerġija ta' aktar minn 540 000 unità domestika, ħolqu 6 000 megawatt ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli u li 6,3 miljun unità domestika bbenefikaw mill-broadband; jinnota li l-assorbiment fl-2022 tjieb fil-biċċa l-kbira minħabba CRII, CRII+, CARE, u FAST-CARE għall-fini ta' rispons għall-kriżijiet, filwaqt li l-proġetti tnaqqsu biex jiġu appoġġjati l-objettivi ta' koeżjoni strutturali li jinħolqu l-konverġenza u l-koeżjoni fl-Unjoni;

101. Jilqa' l-flessibbiltà finanzjarja disponibbli fl-użu tal-fondi ta' koeżjoni u jissottolinja li, bis-saħħa ta' din il-flessibbiltà, il-politika ta' koeżjoni kellha rwol ewlieni biex tindirizza l-kriżi tal-COVID-19, l-emerġenzi relatati mal-gwerra, kif ukoll il-kriżi tal-enerġija; ifakkar, madankollu, li r-raġunament ta' din il-politika huwa li jiġi żgurat ippjanar fit-tul ta' miżuri li għandhom isaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bejn ir-reġjuni Ewropej; jemmen li l-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2027 trid tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa fl-użu tal-fondi sabiex l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jiddeċiedu r-riżorsi b'mod xieraq u affidabbli, dejjem f'konformità mal-objettivi fit-tul tal-politika ta' koeżjoni;

102. Jinnota wkoll li, fl-2022, l-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Rifuġjati fl-Ewropa (CARE) u l-Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE) immobilizzaw aktar minn EUR 1,3 biljun biex jgħinu lill-Istati Membri u lir-reġjuni jappoġġjaw miljuni ta' rifuġjati Ukreni li qed ifittxu kenn fit-territorju tal-Unjoni, inklużi programmi ġenerali ta' integrazzjoni soċjali, kura tas-saħħa, ikel jew assistenza essenzjali, u orjentazzjoni għas-suq tax-xogħol; jilqa' l-fatt li l-miżuri proposti huma soġġetti għall-istess obbligi rigward sistemi adegwati ta' ġestjoni u kontroll u ġestjoni finanzjarja tajba li japplikaw għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni;

103. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 260 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP; jinnota bi tħassib li l-livell kumplessiv ta' żball stmat mill-Qorti f'"Koeżjoni, reżiljenza u valuri" fl-2022 żdied għal 6,4 %, li huwa ferm ogħla mil-livell limitu ta' materjalità, wara li diġà qieset korrezzjonijiet b'valur totali ta' EUR 618 miljun applikati mill-Istati Membri fl-2022; jiġbed l-attenzjoni għaż-żieda sinifikanti fil-livell ġenerali ta' żball stmat mill-Qorti fl-2022 meta mqabbel mas-snin preċedenti (3,6 % fl-2021, 3,5 % fl-2020) filwaqt li l-Kummissjoni tistma li r-riskju tal-pagament għall-2022 huwa bejn 1,9 % u 2,7 %, simili għas-snin preċedenti (1,9 %-2,5 % fl-2021, 2,1 %-2,6 % fl-2020); jiġbed l-attenzjoni għar-rapport tal-Qorti li parti sinifikanti tal-iżbalji (3 % minn 6,4 %) saru f'infiq li joriġina mis-CRII u s-CRII+;

104. Huwa mħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li l-fatt li l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-programmi tal-2014–2020 kien wasal fi tmiemu (31 ta' Diċembru 2023) żied il-pressjoni tal-assorbiment u li matul il-perjodu tal-COVID-19, l-effettività tal-kontrolli u tal-verifikazzjonijiet mill-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar setgħet tnaqqset, filwaqt li potenzjalment żiedet ir-riskju ta' żbalji u irregolaritajiet mhux identifikati; jinnota li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-sitwazzjoni speċifika u l-flessibbiltajiet mogħtija matul il-COVID-19 setgħu kellhom rwol fir-riskju ta' irregolaritajiet minħabba l-ħtieġa li jinstabu modi alternattivi (remoti) għall-kontroll tan-nefqa; jisħaq, madankollu, fuq il-fatt li skont il-Kummissjoni, ir-riskji u l-irregolaritajiet identifikati huma pjuttost marbuta mat-tip ta' azzjonijiet implimentati matul il-perjodu tal-COVID-19 jew sabiex tiġi implimentata u mifhuma l-flessibbiltà introdotta fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku;

105. Jinnota l-ispjegazzjonijiet tal-Qorti li r-rata ta' żball tagħha tirreferi għas-sehem tan-nefqa ddikjarata, li għaliha tqis li l-kundizzjonijiet għall-pagament stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) ("ir-Regolament Finanzjarju"), fis-CPR u fid-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) ("id-Direttiva PIF") ma ġewx issodisfati bis-sħiħ, u dan wassal għal impatt finanzjarju dirett u li jista' jitkejjel fuq l-ammont ta' pagament awtorizzat dak iż-żmien mill-baġit tal-Unjoni; jinnota l-kjarifika tal-Qorti li r-rata ta' żball ma għandhiex tiġi interpretata bħala ekwivalenti għall-ammont potenzjali ta' korrezzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni tista' timponi f'konformità mar-regoli applikabbli; iqis li r-rata għolja ta' żball tindika ħela ta' riżorsi, b'mod partikolari fil-politika ta' koeżjoni, fejn ħafna awtoritajiet maniġerjali qed iħabbtu wiċċhom mal-implimentazzjoni parallela tal-RRF;

106. Jinnota li fir-rapporti annwali tal-attività, il-Kummissjoni tirrapporta r-riskju fil-pagament, għal kull programm u b'mod ġenerali għall-fondi, li jirreferu għal irregolaritajiet li jwasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji; jinnota li biex jiġu imposti korrezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni jeħtieġ li tikkonkludi li seħħet irregolarità skont it-tifsira tal-Artikolu 2(36) tas-CPR, filwaqt li mhux il-ksur u l-iżbalji formali kollha inklużi mill-Qorti bħala żbalji kwantifikabbli fir-rata ta' żball stmata tagħha jwasslu għal nefqa ineliġibbli minħabba li ma jikkwalifikawx bħala irregolarità kif definit fl-Artikolu 2(36) tas-CPR; jinnota li huwa ta' għajnuna għall-awtorità ta' kwittanza li jkollha perspettiva maniġerjali dwar l-iżbalji identifikati;

107. Jinnota li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti taħt l-Intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", għalkemm għad hemm diverġenzi fil-klassifikazzjoni tal-iżbalji identifikati miż-żewġ istituzzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-Qorti, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex tiċċara aktar ir-regoli applikabbli u tnaqqas id-diverġenzi filwaqt li tiżgura li l-awditi ma jwasslux għal piż amministrattiv eċċessiv fuq il-benefiċjarji;

108. Jinnota bi tħassib li l-Qorti identifikat żieda fit-tipi speċifiċi ta' żbalji, bħal spejjeż u proġetti ineliġibbli u ksur tar-regoli tas-suq intern, inklużi r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, u jisħaq li dawn it-tipi ta' żbalji jistgħu jkunu relatati ma' governanza fqira; jinnota li 3 % tar-rata stmata ta' żball ta' 6,4 % tal-Qorti fl-Intestatura 2 hija relatata ma' prijoritajiet kofinanzjati kollha kemm huma fl-ambitu tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII+) li ppermettiet infiq aktar flessibbli; itenni li aktar flessibbiltà m'għandha qatt twassal biex jiġu kompromessi l-kwalità u l-kontrolli; jitlob rieżami mill-Kummissjoni tas-sitwazzjoni attwali sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili fil-futur; jinnota li l-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza tal-awditjar ta' impatt sinifikanti b'mod ġenerali tat-tipi l-ġodda ta' miżuri u ta' flessibbiltajiet introdotti fuq ir-rati ta' żball tal-programm u jinnota l-fatt li l-Kummissjoni ħadet miżuri biex tipprevjeni tali riskju;

109. Jinnota li l-Qorti identifikat każijiet ta' proġetti li għalihom ġiet aċċettata nefqa ineliġibbli, kif ukoll il-kontribuzzjoni tagħhom għal-livell kumplessiv ta' żball stmat; jisħaq fuq l-importanza li jiġu rrimedjati l-kawżi fil-qiegħ sistemiċi u l-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-awditjar jivvalutaw b'mod effettiv il-kriterji ta' eliġibbiltà;

([10]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([11]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

110. Jinnota li l-Kummissjoni tqis li l-awtodikjarazzjonijiet huma għodda utli biex tingħata assigurazzjoni meta s-sejba ta' evidenza ta' sostenn alternattiva tkun diffiċli jew għalja wisq mil-lat amministrattiv għall-benefiċjarji; jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jittejbu l-kontrolli mill-awtoritajiet tal-awditjar tal-awtodikjarazzjonijiet maħruġa mill-benefiċjarji tal-fondi sabiex jiġu żgurati l-validità u l-affidabbiltà tagħhom;

111. Jinnota li għall-FEŻR u l-FK, il-Kummissjoni implimentat korrezzjonijiet finanzjarji u rtirar li jammontaw għal EUR 11-il biljun matul il-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi EUR 2,4 biljun għas-sena kontabilistika 2021–2022; jinnota li dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji s'issa ma rriżultaw fl-ebda telf ta' finanzjament għall-Istati Membri, peress li l-Kummissjoni għadha ma implimentat l-ebda korrezzjoni finanzjarja netta fil-perjodu 2014–2020; jinnota wkoll li l-Kummissjoni tkompli bl-implimentazzjoni tal-"pjan ta' azzjoni mmirat tagħha dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat" b'kooperazzjoni mal-Istati Membri; jirrikonoxxi li l-awtoritajiet nazzjonali huma primarjament responsabbli biex jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi mill-Kummissjoni iżda jemmen li għandhom jiġu implimentati kontrolli addizzjonali sabiex jiġi kkonfermat li l-korrezzjonijiet kollha ġew implimentati b'mod korrett;

112. Jinnota r-rimarka tal-Qorti li l-fatt li kien hemm koinċidenza bejn il-perjodi ta' programmazzjoni, flimkien mad-disponibbiltà ta' strumenti ta' finanzjament addizzjonali fl-ambitu tal-NGEU (REACT-EU u l-RRF), b'ħajja aktar limitata, seta' għamel pressjoni fuq il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri fil-perjodu ta' programmazzjoni u fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni tagħhom tal-2021–2027; jinnota li fl-2022, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kellhom iċaqilqu l-enfasi tagħhom fuq ir-riprogrammazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2014–2020, inkluża l-introduzzjoni ta' miżuri ffinanzjati fl-ambitu tas-CRII(+), REACT-EU, l-Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE) u l-Appoġġ għall-Enerġija Affordabbli (SAFE), kif ukoll l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali fl-ambitu tal-RRF sabiex jiġu indirizzati miżuri differenti ta' kriżi, ta' rkupru u ta' salvataġġ; jinnota li d-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi tal-2014–2020;

113. Jesprimi tħassib serju dwar il-każ reċenti ta' allegat użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni f'kuntratti li jinvolvu x-xiri ta' maskri tal-wiċċ magħrufa bħala l-"każ Koldo"; jinsab imħasseb li dan l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni u tal-flus tal-kontribwenti tal-Unjoni involva EUR 14,6-il miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u EUR 3,1 miljun mill-Fond ta' Solidarjetà tal-UE; jiddispjaċih li l-UPPE rċieva l-informazzjoni rilevanti minn individwu privat u mhux mill-awtorità nazzjonali rilevanti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrapportaw mingħajr dewmien lill-UPPE kwalunkwe suspett ta' użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament dwar l-UPPE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel użu minn esperti esterni għal skopijiet ta' awditjar jekk jiġi identifikat nuqqas serju ta' kapaċità fi Stat Membru; jinnota li l-allegat użu ħażin tal-fondi fil-każ ma ġiex skopert mill-Kummissjoni minkejja li wettqet awditi; iħeġġeġ l-użu tal-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn u verifika f'diversi stadji matul l-għoti ta' kuntratti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jekk il-proċeduri ta' akkwist ma jkunux possibbli minħabba l-kriżi, sabiex jiġi evitat l-użu ħażin possibbli tal-finanzjament tal-Unjoni; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha twettaq bir-reqqa awditi *ex post* għal kuntratti mogħtija mingħajr proċeduri ta' akkwist matul kriżijiet fl-Istati Membri kollha kkonċernati; jinnota wkoll li ġew identifikati sitwazzjonijiet simili fi Stati Membri oħra, inkluż f'każ reċentement skopert ta' frodi allegata fil-Portugall li tinvolvi fondi tal-FEŻR u diversi każijiet fir-Repubblika Ċeka dwar l-allegat użu ħażin tal-fondi REACT-EU fix-xiri ta' tagħmir mediku;

114. Jinnota li l-komplementarjetà tikkaratterizza r-relazzjoni bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-istrumenti l-oħra ta' finanzjament tal-Unjoni; ifakkar li, għalkemm il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u tal-RRF huma differenti f'termini ta' objettivi ġenerali, skeda ta' żmien, mod ta' ġestjoni u finanzjament, l-espenjenza kurrenti turi li bosta RRPs jipprevedu investimenti li kienu jkunu eliġibbli għal finanzjament fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li l-komplementarjetà bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-RRF hija possibbli u mistennija, dment li l-RRF iġġib valur miżjud reali u li l-istess spejjeż ma jiġux koperti darbtejn; jissottolinja li r-riskju ta' koinċidenzi se jiżdied lejn tmiem il-ħajja tal-RRF u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha biex ittaffi dawn ir-riskji;

115. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni, b'mod partikolari meta l-awtoritajiet nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-RRF ikunu l-istess bħal dawk għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, u tinsisti li jkun hemm biżżejjed kapaċità amministrattiva u riżorsi umani addizzjonali allokati għall-fergħat differenti tal-finanzjament tal-Unjoni; madankollu, jindika r-riskji potenzjali li dan il-paralleliżmu jista' jwassal għal każijiet mhux identifikati ta' finanzjament doppju; jistieden lill-Kummissjoni tislet tagħlimiet mill-esperjenzi ta' żewġ mudelli ta' finanzjament differenti;

116. Jilqa' l-fatt li għalissa la l-Qorti u lanqas il-Kummissjoni ma identifikaw xi każ li fih il-kofinanzjament nazzjonali obbligatorju ta' proġett ta' koeżjoni tħallas mill-fondi RRF fl-iżborżi tal-RRF għall-2022; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni u tipprevjeni tali finanzjament milli jseħħ;

117. Jinsab imħasseb dwar il-kummenti persistenti tal-Qorti dwar in-nuqqasijiet identifikati fil-mod kif jaħdmu l-awtoritajiet tal-awditjar u tal-ġestjoni, b'mod partikolari d-dgħufijiet fil-kontrolli *ex post* mill-awtoritajiet tal-awditjar u fil-kontrolli mill-awtoritajiet maniġerjali li mhux dejjem jipprevjenu jew jidentifikaw b'mod effettiv l-irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji u d-dipendenza żejda tal-Kummissjoni fuq il-kwalità tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-programm, relatata ma' limitazzjonijiet inerenti fl-analiżijiet mhux fuq il-post tal-Kummissjoni;

118. Jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni li l-valutazzjoni tagħha, abbażi ta' taħlita ta' ħidma tal-awditjar mhux fuq il-post u fuq il-post li tkopri l-programmi individwali differenti u l-pakketti ta' aċċertament, tippermettilha tistabbilixxi stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm, kull sena, u b'mod kumulattiv għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni; jaqbel mal-Qorti li analiżijiet mhux fuq il-post tal-Kummissjoni għandhom limitazzjonijiet inerenti biex jikkonfermaw il-validità tar-rati ta' żbalji totali residwi rrapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar; jinnota li dawn id-dgħufijiet jafu jaffettwaw ukoll ir-riskju stmat fil-waqt tal-għeluq, billi l-Kummissjoni tista' ma twettaqx il-korrezzjonijiet meħtieġa fil-każijiet kollha biex ir-rata tal-iżball residwu ġġibha taħt il-materjalità.

119. Jisħaq bi tħassib li l-fatt li l-Qorti sabet li l-proporzjon ta' pakketti ta' aċċertament b'rati tal-iżbalji residwi ta' aktar minn 2 % laħaq l-ogħla livell ta' 61 % tan-nefqa fil-kampjun tal-Qorti fl-2022 meta mqabbel ma' 39 % fis-sena preċedenti, li jirrifletti n-nuqqasijiet persistenti fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar; jisħaq bi tħassib li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti matul l-aħħar sitt snin juru li l-kontrolli stabbiliti attwalment għadhom ma jnaqqsux biżżejjed ir-riskju inerenti kbir ta' żball fil-koeżjoni, u li l-awtoritajiet maniġerjali mhux dejjem jipprevjenu jew jidentifikaw b'mod effettiv irregolaritajiet finnefqa ddikjarata mill-benefiċjarji; jinnota bi tħassib li l-iżbalji li nstabu mill-Qorti jirrappreżentaw dgħufijiet sinifikanti fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar rigward il-verifika tal-eliġibbiltà tal-infiq u tal-proġetti, u l-konformità mar-regoli tas-suq intern; jinnota li parti mir-rati ta' żbalji residwi kkalkolati mill-ġdid mill-Qorti ta' aktar minn 2 % fil-pakketti ta' aċċertament awditjati huma attribwibbli għad-diverġenzi msemmija hawn fuq;

120. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqasijiet persistenti osservati mill-Qorti fl-awditi nazzjonali, li jistgħu jkunu dovuti għal kamp ta' applikazzjoni inadegwat, dokumentazzjoni mhux ċara tal-awditi u l-filtrazzjoni tal-kampjuni mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, kif ukoll kwistjonijiet ta' riżorsi, bħal finanzjament inadegwat u nuqqas ta' esperti b'ħiliet; jisħaq fuq it-tħassib tiegħu li l-Qorti osservat dgħufijiet f'firxa wiesgħa ta' awditi, pereżempju każijiet ta' kontrolli insuffiċjenti fuq l-informazzjoni pprovduta mill-benefiċjarji dwar l-eliġibbiltà tal-proġetti, dwar il-konformità mar-regoli tas-suq intern u dwar ir-riskju ta' frodi u kunflitt ta' interess; jinnota li l-Kummissjoni, mill-banda l-oħra, tqis li l-ħidma tal-maġġoranza tal-awtoritajiet tal-awditjar hija affidabbli u li għaxra biss minn 116-il awtorità tal-awditjar jeħtieġu titjib serju; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21 ta' Novembru 2023 dwar il-possibbiltajiet li tiżdied l-affidabbiltà tal-awditi u l-kontrolli mill-awtoritajiet nazzjonali fil-ġestjoni kondiviża;

121. Jinnota l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli l-ħidma mill-qrib tagħha mal-awtoritajiet tal-awditjar sabiex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu u jikkoreġu l-iżbalji, li jiddokumentaw aħjar ix-xogħol ta' awditjar tagħhom u għalhekk li jikkontribwixxu għall-proċess ta' aċċertament;

122. Jinnota l-fatt li l-Qorti sabet li, bħala mod biex tiġi ssimplifikata n-nefqa, il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni użaw l-SCOs għal 77 tranżazzjoni, jew 30 % tal-kampjun tagħhom, filwaqt li applikaw jew rati fissi, bejgħ standard ta' spejjeż unitarji jew taħlita tat-tnejn; jisħaq li l-SCOs huma waħda mill-aktar miżuri importanti biex jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi għall-benefiċjarji u, għalhekk, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' benefiċjarji żgħar għall-finanzjament u ssir enfasi akbar fuq l-ilħuq tal-objettivi filwaqt li titnaqqas ir-rata ta' żball; jenfasizza li l-Qorti tqis li l-SCOs mhux dejjem jiġu implimentati b'mod adegwat u jikkondividi l-konklużjoni tal-awditjar tal-Qorti li l-SCOs ma għandhomx jirriżultaw f'benefiċċju finanzjarju eċċessiv għal Stat Membru; min-naħa l-oħra, SCO fil-prattika għandha twassal għal tnaqqis reali tal-piż burokratiku u mhux għal kontroll *ex ante* u *ex post* eżawrjenti; jinnota li varjazzjonijiet żgħar fil-prezzijiet fl-istimi tal-SCOs meta mqabbla mal-prezzijiet identifikati matul il-kontrolli *ex post* għandhom ikunu aċċettabbli;

123. Jinnota li, għall-programmi tal-2021–2027, il-Kummissjoni ħeġġet l-użu mill-awtoritajiet tal-programm tal-miżuri ta' simplifikazzjoni previsti fl-ambitu tas-CPR, b'mod partikolari, l-użu tal-SCOs u l-iskemi ta' finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż (FNLC) biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' eliġibbiltà, jiġu ffaċilitati l-verifiki tal-ġestjoni u jiġi kkontrollat il-piż fuq il-benefiċjarji; jinnota li, b'riżultat ta' dan l-isforz, għall-FEŻR u għall-FK pereżempju, s'issa ġew adottati 120 skema SCO fil-livell tal-programm fi 11-il Stat Membru u għall-programmi Interreg (EUR 5,7 biljun ta' kontribuzzjoni totali) kif ukoll erba' skemi tal-FNLC f'erba' Stati Membri (għal EUR 1,2 biljun ta' kontribuzzjoni totali); jissottolinja li huma meħtieġa b'mod urġenti aktar simplifikazzjoni u flessibbiltà; jistieden lill-Kummissjoni ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibbiltà meħtieġa għal varjazzjonijiet żgħar fil-prezzijiet u fuq in-naħa l-oħra stimi eċċessivi mhux xierqa tal-ispiża u tal-prezz magħmula intenzjonalment;

124. Jinsab imħasseb dwar dak li sabet il-Qorti rigward programm tal-FEŻR fis-Slovakkja mmirat lejn ir-rinnovazzjoni tal-ispazju intern ta' bini pubbliku, minkejja l-fatt li fil-qafas ta' dak il-programm il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika biss kienu eliġibbli; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li dan il-proġett ma kellux jgħaddi mill-faži ta' evalwazzjoni, peress li fl-applikazzjoni l-limitu ta' mill-inqas 25 % tan-nefqa għall-proġett marbut mal-effiċjenza enerġetika ma ntlaħaqx; jinnota każijiet simili identifikati mill-Qorti li ma għandhomx tweġiba mill-Kummissjoni;

125. Ifakkar li għall-perjodu 2021–2027, l-Istati Membri jeħtieġ li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet abilitanti orizzontali jew tematiċi tas-CPR, li huma kundizzjonijiet preliminari għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-objettivi speċifiċi tal-fondi; ifakkar li meta l-kundizzjonijiet abilitanti ma jiġux issodisfati fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-pagament lill-Kummissjoni għall-objettiv speċifiku kkonċernat, in-nefqa relatata ma tiġix rimborżata mill-baġit tal-Unjoni sakemm il-Kummissjoni tkun issodisfata li l-kundizzjoni abilitanti tkun ġiet irrispettata;

126. Ifakkar li fil-15 ta' Diċembru 2022, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2506 ([12]) dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija; jisħaq li d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq it-tħassib tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet serji relatati mas-sistema tal-akkwist pubbliku fl-Ungerija; jilqa' s-sospensjoni temporanja ta' 55 % tal-impenji għal ċerti programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021–2027; jinnota li l-Kummissjoni ilha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju proposti mill-Ungerija fil-qafas tar-"Regolament dwar il-Kundizzjonalità"; jinnota li f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid fuq inizjattiva tagħha stess is-sitwazzjoni fl-Ungerija u kkonkludiet li l-baġit tal-Unjoni għadu fl-istess livell ta' riskju peress li għad hemm impenji li la ġew issodisfati b'mod korrett u lanqas f'waqtu;

127. Jinnota li f'Diċembru 2022 il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija ma kinitx qed tissodisfa l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali taħt is-CPR fuq il-Karta fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja u d-dispożizzjonijiet ta' diversi liġijiet li joħolqu riskji serji għad-drittijiet LGBTIQ+, il-libertà akkademika u d-dritt għall-ażil; jiddispjaċih profondament dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2023 ([13]) li tqis li l-Ungerija ssodisfat il-kundizzjoni abilitanti orizzontali relatata mal-indipendenza tal-ġudikatura, u b'hekk ippermettiet lill-awtoritajiet Ungeriżi jissottomettu talbiet għal rimborż sa EUR 10,2 biljun mingħajr mekkaniżmi ta' kontroll adegwati jew proċeduri ta' akkwist pubbliku fis-seħħ biex jiggarantixxu ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jemmen li din id-deċiżjoni tikkontradixxi politikament l-estensjoni tal-miżuri adottati skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u jesprimi d-diżappunt tiegħu li l-Parlament ma kienx infurmat b'mod adegwat matul il-proċess; itenni t-tħassib tiegħu rigward l-indipendenza ġudizzjarja, anke wara r-riformi reċenti, kif espress fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija u l-fondi ffriżati tal-UE;

128. Itenni l-ħtieġa li l-miżuri kollha meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-Unjoni skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, is-CPRs u r-Regolament RRF jiġu ttrattati bħala pakkett uniku u integrali; jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni anke għall-iżborż tal-prefinanzjament;

129. Jinnota mir-Rapport PIF għas-sena 2022 li mill-2021 sal-2022 l-għadd ta' irregolaritajiet frawdolenti relatati mal-Politika ta' Koeżjoni naqas bi 11,6 % (233 irrapportati fl-2021 imqabbla ma' 206 irrapportati fl-2022, filwaqt li irregolaritajiet mhux frawdolenti żdiedu b'9,3 %; jinnota li l-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tal-awditjar jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskji ġodda relatati mal-multiplikazzjoni tal-Fondi u l-finanzjament addizzjonali fl-ambitu tal-NGEU, b'mod partikolari, il-"finanzjament doppju", il-kunflitti ta' interess, il-frodi jew il-korruzzjoni; jinnota l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tippromwovi l-użu tal-għodda ta' punteġġ tar-riskju Arachne għall-Istati Membri li qed isibuha bi tqila biex jagħmlu dan, u biex tintroduċi titjib fl-għodda; jinnota li l-awtoritajiet tal-awditjar indirizzaw b'mod espliċitu r-riskju ta' frodi għal 65 % tal-operazzjonijiet awditjati fil-perjodu 2014–2020, li huwa titjib fuq it-38 % li nstab fl-2021 mill-Qorti;

130. Jisħaq li l-Qorti, l-OLAF u l-UPPE għandu jkollhom aċċess għal sistema tal-IT integrata unika għall-estrazzjoni tad-data u l-punteġġ tar-riskju pprovduta mill-Kummissjoni, b'mod proporzjonat, fi ħdan l-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif previst fir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju;

131. Jenfasizza l-importanza tal-legalità u r-regolarità tal-infiq tal-koeżjoni kif ukoll ir-rwol kruċjali li għandhom l-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar f'dan ir-rigward; ifakkar fil-ħtieġa li l-awditi jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati, filwaqt li ssir enfasi fuq dak li huwa meħtieġ għall-ġlieda kontra l-frodi; ifakkar, barra minn hekk, li skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni 21-27, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-każijiet kollha ta' frodi suspettata jew stabbilita relatati ma' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni li jidentifikaw, u li għandhom jirrapportaw dawn il-każijiet anke jekk jidentifikawhom qabel ma jiddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni;

132. Jenfasizza r-rwol sinifikanti tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri kollha jissieħbu mal-UPPE; ifakkar li, meta dehret quddiem il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali fil-25 ta' Mejju 2023, il-Prosekutur Pubbliku Ewropew innotat li s-sistema ta' ġestjoni u kontroll għan-nefqa tal-Unjoni attwalment fis-seħħ mhijiex imfassla biex tidentifika l-frodi u li l-awditi jew l-investigazzjonijiet amministrattivi rarament jidentifikaw il-kriminalità finanzjarja, li spiss ikollha dimensjoni transfruntiera; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UPPE jingħata l-mezzi meħtieġa biex iwettaq dmirijietu; huwa tal-fehma li UPPE msaħħaħ jagħmilha possibbli għal-leġiżlatur li jissimplifika aktar il-qafas regolatorju għall-koeżjoni sabiex l-implimentazzjoni tal-fondi tittejjeb;

([12]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija (ĠU L 325, 20.12.2022, p. 94).

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar ir-rivalutazzjoni, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 wara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-Ungerija, C(2023)8999.

133. Jitlob lill-OLAF iwettaq investigazzjoni bir-reqqa dwar l-użu ħażin possibbli tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà minn networks ta' assoċjazzjonijiet li jippreżentaw proġetti foloz, bl-għan li jivverifika rapporti reċenti dwar din il-kwistjoni minn xi aġenziji nazzjonali, filwaqt li jkejjel l-iskala u l-importanza ta' tali każijiet ta' frodi, u janalizza t-trattament tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri;

Rakkomandazzjonijiet

134. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tinvolvi ruħha b'mod proattiv fi djalogu kostruttiv mal-Qorti biex tegħleb l-għadd dejjem jikber ta' sitwazzjonijiet fejn it-tweġiba uffiċjali tal-Kummissjoni għas-sejbiet tal-Qorti hija li "taqbel li ma taqbilx" u tkompli bil-kooperazzjoni tagħha mal-Qorti sabiex tallinja r-riżultati tar-rati ta' żball stmati tagħhom u l-interpretazzjoni tat-testi legali;

(ii) tqabbel is-sejbiet tal-Qorti dwar id-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri mal-informazzjoni li ġejja mill-eżerċizzju tal-Kummissjoni dwar ir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fil-waqt tal-għeluq fuq l-awtoritajiet maniġerjali biex jidentifikaw hotspots tal-iżbalji li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'urġenza;

(iii) tkompli bil-ħidma mill-qrib tagħha mal-awtoritajiet tal-awditjar sabiex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu u jikkoreġu l-iżbalji, li jiddokumentaw aħjar ix-xogħol ta' awditjar tagħhom u għalhekk li jikkontribwixxu għall-proċess ta' aċċertament;

(iv) ittejjeb u ssaħħaħ is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri biex tiżgura li l-Istati Membri jiddikjaraw biss in-nefqa eliġibbli lill-Kummissjoni;

(v) tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar ikollhom fis-seħħ metodi xierqa biex jivverifikaw l-awtodikjarazzjonijiet permezz tal-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u l-ħruġ ta' gwida lill-Istati Membri;

(vi) twettaq kontrolli mmirati speċifiċi bħala parti mill-awditi tal-għeluq biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu applikaw il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa għall-iżbalji identifikati;

(vii) tagħti attenzjoni partikolari fl-awditi tagħha għar-riskji marbuta mal-flessibbiltajiet introdotti bl-emendi CRII/CRII+; tniedi rieżami immedjat tal-infiq taħt dawn il-programmi biex tidentifika u tikkoreġi kwistjonijiet sistemiċi li wasslu għal żieda f'daqqa fir-rata ta' żball;

(viii) tkompli tappoġġja lill-Istati Membri u fl-istess ħin tħejji pjan ta' azzjoni dwar kif l-aħjar jiġi evitat il-piż żejjed amministrattiv lejn tmiem il-QFP li se jiżdied mal-perjodu ta' eliġibbiltà ppjanat tal-RRF, minħabba t-tlestija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u l-implimentazzjoni ta' dak attwali, b'mod partikolari billi tappoġġja l-bini tal-kapaċità amministrattiva;

(ix) tkompli l-implimentazzjoni tar-raba' reviżjoni tal-"pjan ta' azzjoni dwar l-akkwist pubbliku" tagħha b'kooperazzjoni mal-Istati Membri biex tgħin lill-awtoritajiet tal-programm u lill-awtoritajiet kontraenti jtejbu l-prattiki tagħhom fil-qasam tal-akkwist pubbliku, inkluż kif għandhom jevitaw l-aktar żbalji komuni fl-akkwist pubbliku marbuta mal-ġestjoni tal-Fondi ESI, kif ukoll sessjonijiet ta' taħriġ immirati għall-uffiċjali tal-Istati Membri;

(x) twettaq il-wegħda tagħha li tipprovdi kemm lill-Awtorità ta' Kwittanza kif ukoll lill-pubbliku ġenerali b'lista tal-akbar benefiċjarji finali tal-fondi tal-Unjoni, fejn tali lista tqis li l-benefiċjarju finali huwa l-persuna fiżika jew entità li, bħala l-aħħar waħda fil-katina tar-riċevituri, tirċievi l-fondi tal-Unjoni;

(xi) tkompli ssaħħaħ is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta għodod għad-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku abbażi tal-mudell tal-akkwist pubbliku elettroniku, u tgħin lill-Istati Membri f'din it-tranżizzjoni;

(xii) taħdem, sabiex tikseb adozzjoni tal-SCOs li tkun ta' suċċess, fl-istess ħin mal-partijiet ikkonċernati kollha, fuq l-armonizzazzjoni metodoloġika u tal-aċċertament sabiex ikun hemm biżżejjed prevedibbiltà għall-benefiċjarji dwar kif dawk l-għażliet huma mistennija li jiġu implimentati; u tiżgura li l-awditi ma jwasslux għal aktar burokrazija fl-implimentazzjoni u għal piż tal-awditjar bla bżonn fuq il-benefiċjarji; tiżgura li l-SCOs ma jiġux implimentati b'mod li l-Istati Membri jiksbu benefiċċju finanzjarju eċċessiv, filwaqt li jiggarantixxu flessibbiltà xierqa fl-istimi tal-ispiża u tal-prezzijiet;

(xiii) taħdem flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri biex tiżgura li r-riskju speċifiku ta' finanzjament doppju, speċjalment bil-finanzjament tal-RRF jitnaqqas permezz ta' kontrolli u awditi nazzjonali; jinsisti li l-Kummissjoni twettaq awditi tematiċi jew ta' konformità, imfassla apposta biex jimmiraw lejn l-Istati Membri u l-oqsma b'riskju għoli; u

(xiv) tistabbilixxi mekkaniżmu komprensiv għall-użu tal-fondi ta' koeżjoni fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux previsti permezz ta' dispożizzjonijiet ta' gwida dwar il-kamp ta' applikazzjoni, id-disponibbiltà tal-finanzjament, il-governanza, l-awditjar u l-kontroll tagħha, u l-applikazzjoni; jissottolinja li tali użu għal ċirkostanzi eċċezzjonali għandu jkun ristrett għal sitwazzjonijiet speċifiċi u definiti sew, limitati fiż-żmien u fl-ambitu u bi grad akbar ta' kontrolli biex jittaffew ir-riskji;

(xv) jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha li "tneħħi l-iffriżar" ta' EUR 10,2 biljun ta' fondi ta' koeżjoni lill-Ungerija u żżomm lura milli tiżborża kwalunkwe somma minn fond sakemm il-leġiżlazzjoni rilevanti tkun ġiet implimentata u l-miżuri adottati jkunu taw prova li huma effettivi fil-prattika;

(xvi) tagħmel l-użu ta' għodod tal-IT bħal EDES u Arachne obbligatorju u sistematiku għall-fondi kollha tal-Unjoni, inklużi l-ġestjoni kondiviża, u tiżgura użu aħjar ta' teknoloġija ġdida sabiex iżżid il-kontrolli u tipproteġi l-baġit tal-Unjoni mill-frodi u mill-użu ħażin tal-fondi fil-kuntest tar-reviżjoni riveduta tar-Regolament Finanzjarju;

(xvii) tagħti aċċess lill-Qorti, lill-OLAF u lill-UPPE għal sistema tal-IT integrata unika għall-estrazzjoni tad-data u l-punteġġ tar-riskju pprovduta mill-Kummissjoni, kif previst fir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju;

(xviii) tirrapporta dwar l-awditi bikrija tas-sistema preventiva (EPSA) imwettqa fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, sabiex tikkonferma l-effettività tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri, inkluża s-sistema stabbilita għall-prevenzjoni tal-irregolaritajiet;

(xix) tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kif l-użu ta' miżuri ta' flessibbiltà fil-politika ta' koeżjoni, li tejbu l-assorbiment, affettwa l-objettivi ta' koeżjoni strutturali tal-konverġenza u l-koeżjoni;

Kultura u Edukazzjoni

135. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) biex jadattaw l-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u Ewropa Kreattiva għal realtà li qed tinbidel, pereżempju billi jirrieżaminaw ir-rati ta' appoġġ individwali 'l fuq għall-għotjiet biex jissalvagwardjaw il-karattru inklużiv tagħhom, jestendu l-iskadenzi tal-applikazzjonijiet u d-durata tal-proġetti, u b'mod volontarju jorjentaw mill-ġdid l-attivitajiet fuq l-Ukrajna, u jistenna aktar sforzi sabiex jiġu msaħħa aktar miżuri ta' inklużjoni u appoġġ għall-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-gruppi vulnerabbli;

136. Japprezza l-fatt li l-Kummissjoni u l-EACEA rnexxielhom jiksbu eżekuzzjoni baġitarja kważi sħiħa għall-Erasmus+ u eżekuzzjoni baġitarja sħiħa għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-2022, u b'hekk saħansitra kien meħtieġ li l-krediti minn programmi oħra jiġu allokati mill-ġdid biex ikopru l-ħtiġijiet ta' pagament; jinnota l-isfidi għall-implimentazzjoni tal-pagamenti ta' Ewropa Kreattiva fl-2022, meta madwar EUR 50 miljun ġew differiti għall-2023 b'riżultat ta' kwistjonijiet operazzjonali u dewmien fil-proċessi tal-għoti; jirrikonoxxi l-isforzi tad-DĠ Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura (DĠ EAC) u tal-EACEA biex jillimitaw l-impatt ta' dan id-dewmien u jerġgħu lura għal pass normalizzat fl-2023;

137. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiżdiedu aktar il-pakketti baġitarji tal-programmi taż-żgħażagħ, dawk kulturali u edukattivi tal-UE, b'mod partikolari biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-involviment taż-żgħażagħ, l-artisti u l-professjonisti b'anqas opportunitajiet u biex tiġi appoġġjata l-edukazzjoni ċivika; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni tkompli tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri;

138. Jilqa' l-fatt li, bis-saħħa ta' tisħiħ ta' EUR 3 miljun tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 fuq l-insistenza tal-Parlament, għadd ta' azzjonijiet fl-ambitu tas-Sena setgħu jiġu msaħħa, bħal pereżempju proġetti ta' solidarjetà, volontarjat u attivitajiet ta' networking; jissottolinja li r-riżultati ta' suċċess tas-Sena issa għandhom jiġu implimentati b'mod sostenibbli biex jiġi żgurat il-wirt dejjiemi tagħha;

139. Jinnota l-frontloading kontinwu tal-baġit tal-Ewropa Kreattiva fl-2022 biex jittaffa l-impatt persistenti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-setturi kulturali u kreattivi; jinnota li, bis-saħħa ta' dan il-frontloading, fl-2022 setgħu jintgħażlu għadd akbar minn qatt qabel ta' proġetti ta' kooperazzjoni kulturali Ewropea; jinsab imħasseb, madankollu, li l-frontloading tal-2021 u l-2022 jista' jwassal għal nuqqas ta' finanzjament mill-2023 u jiddeplora l-fatt li l-programm kollu kemm hu għadu mhux iffinanzjat biżżejjed fir-rigward tal-objettivi li għandhom jintlaħqu, b'mod partikolari minħabba r-rata ta' sottoskrizzjoni għolja tiegħu;

140. Jinnota bi tħassib l-isfidi persistenti fl-2022 bl-għodod tal-e-Grant għall-benefiċjarji ta' sejħiet ġestiti mill-EACEA; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-EACEA jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet tal-IT darba għal dejjem biex jiġu evitati riperkussjonijiet fuq l-ilħuq tal-miri, jonqos ir-riskju ta' żbalji u jiġu simplifikati l-proċeduri; jemmen li infrastruttura tal-IT aktar effiċjenti u aċċessibbli tiffaċilita wkoll l-aċċess tal-benefiċjarji ż-żgħar għar-riżorsi tal-programm;

141. Jinnota l-iżvilupp pożittiv fis-sitwazzjoni tal-persunal tal-EACEA, b'żieda sinifikanti tal-persunal sa tmiem l-2022;

Riżorsi naturali

142. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 3 tal-QFP "Riżorsi naturali" kien ta' EUR 58,3 biljun (29,7 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 65,9 % għall-pagamenti diretti fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), 26,2 % għall-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), 4,7 % għan-nefqa relatata mas-suq fl-ambitu tal-FAEG, 1,8 % għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, 0,9 % għall-Ambjent u l-Klima (LIFE), u 0,5 % għal oqsma oħra; jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2022, fl-ambitu tal-Intestatura 3 tal-QFP "Riżorsi Naturali u Ambjent" l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati kienu ta' EUR 56 681,11 miljun u 98,92 % minnhom ġew implimentati (EUR 56 069,86 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 55 826,77 miljun u 98,89 % minnhom ġew implimentati (EUR 55 205,48 miljun);

143. Jinnota li l-2022 kienet it-tieni u l-aħħar sena tal-perjodu tranżitorju li matulu l-Istati Membri setgħu jimpenjaw fondi mill-allokazzjoni tal-baġit tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-2021–2027 u EUR 8 biljun addizzjonali ta' dħul assenjat esternament mill-fondi ta' Next Generation EU għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) b'antiċipazzjoni għad-dħul fis-seħħ tal-PAK il-ġdida fl-1 ta' Jannar 2023 u li l-pagamenti relatati mill-Istati Membri lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-PAK setgħu jsiru sal-31 ta' Diċembru 2025;

144. Jinnota li, fis-sena finanzjarja 2022, kien hemm aktar minn 5,9 miljun benefiċjarju ta' skemi ta' appoġġ dirett, madwar 3,5 miljun benefiċjarju ta' miżuri għall-iżvilupp rurali u madwar 0,11 miljun benefiċjarju ta' miżuri tas-suq; jisħaq li r-reżiljenza tal-bdiewa u tas-sistema tal-ikel tal-Unjoni kompliet tiżgura s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni u lil hinn minnha, minkejja l-isfidi li ffaċċjaw fl-2022;

145. Jinnota li l-gwerra mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat, fost azzjonijiet oħra, l-attivazzjoni tar-riżerva ta' kriżi fil-forma ta' pakkett ta' appoġġ li ammonta għal EUR 500 miljun, li minnhom EUR 350 miljun saru disponibbli għall-produtturi affettwati mir-riżerva u EUR 150 miljun oħra mill-FAEG; jilqa' r-rata għolja ta' eżekuzzjoni (aktar minn EUR 492 miljun) u l-implimentazzjoni rapida; jinnota li l-Istati Membri ngħataw flessibbiltà fid-deċiżjoni dwar is-setturi li huma qiesu l-aktar milquta mid-disturb fis-suq u anke t-tipi ta' skemi ta' għajnuna, li ddeterminaw is-sistema ta' kontroll applikata;

146. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 218-il tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP; jinnota li l-Qorti eżaminat ukoll l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) u d-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika (DĠ CLIMA), kif ukoll sistemi magħżula fi 17-il Stat Membru u fir-Renju Unit; jinnota li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball għar-"Riżorsi Naturali" huwa ta' 2,2 % (1,8 % fl-2021) u li l-maġġoranza tal-iżbalji li nstabu affettwaw it-tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali; jinnota li d-DĠ AGRI jistma riskju fil-waqt tal-pagament ta' 1,76 %;

147. Jinnota li l-Qorti sabet 21 żball kwantifikabbli fl-iżvilupp rurali, sebgħa fil-pagamenti diretti, tnejn fin-nefqa relatata mal-miżuri tas-suq u tnejn fin-nefqa mhux tal-PAK; jinsab moħħu mistrieħ mill-fatt li l-Kummissjoni ddikjarat li tmienja mill-iżbalji kwantifikabbli għandhom impatt finanzjarju anqas minn EUR 100 (dikjarazzjoni żejda tal-erjas) u għall-biċċa l-kbira tagħhom, l-ammont li ntnefaq ħażin huwa anqas minn EUR 1 000;

148. Jinnota li l-maġġoranza tal-iżbalji li nstabu mill-Qorti kienu relatati mal-għoti ta' informazzjoni mhux preċiża dwar l-erjas jew l-annimali (42 %) u benefiċjarju, attività, proġett u nefqa ineliġibbli; jinnota bi tħassib, bħal fl-2021, li l-Qorti sabet f'diversi każijiet li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kellhom biżżejjed informazzjoni biex jipprevjenu, jew biex jidentifikaw u jikkoreġu l-iżball qabel ma jaċċettaw in-nefqa u li, kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'1,3 punti perċentwali;

149. Ifakkar li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri huma responsabbli biex jindirizzaw il-frodi fl-infiq tal-PAK; jirrimarka li l-miżuri kontra l-frodi għandhom jibqgħu prijorità għolja għall-Unjoni u l-Istati Membri peress li l-frodi tipprevjeni r-riżorsi tal-Unjoni milli jilħqu l-objettivi tal-politika.

150. Jinnota d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-mudell tal-implimentazzjoni tal-PAK tal-2023–2027 għandu l-għan li jissimplifika r-regoli u li jenfasizza l-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Erja, li se jgħinu biex jitnaqqsu l-iżbalji; jinnota li, flimkien mal-iżbalji li saru mill-bdiewa, is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) hija l-bażi għall-applikazzjoni għall-għajnuna ġeospazjali u jfakkar fil-benefiċċji potenzjali sinifikanti tat-teknoloġiji biex tiġi mmonitorjata l-għajnuna skont l-erja għall-bdiewa, l-amministrazzjonijiet u l-ambjent;

151. Jinnota l-eżempju ta' dikjarazzjoni mhux korretta ta' attività agrikola ppreżentata mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha, ikkwotat f'diversi mezzi ta' komunikazzjoni bħala l-każ tas-"siġar tal-lumi", fejn bidwi ddikjara li jikkultiva għelejjel permanenti, filwaqt li fir-realtà l-art kienet ilha ma tiġi kkultivata diversi snin; jinnota li l-impatt finanzjarju ta' dan l-iżball kien ta' EUR 8 349,06 kif irrapportat mill-Kummissjoni, flimkien mal-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, inkluż l-irkupru tal-ammont mitlub; ifaħħar il-ħidma tal-awditjar bir-reqqa tal-Qorti u tal-Kummissjoni u s-segwitu bil-ħeffa mill-aġenzija tal-pagamenti kkonċernata; jisħaq, madankollu, li dan il-każ m'għandux jinftiehem bħala koinċidenza rari u individwali iżda pjuttost bħala riskju ta' mod sistematiku li jippermetti mod frodulenti biex wieħed jirċievi l-fondi tal-Unjoni u għalhekk m'għandux jiġi sottovalutat;

152. Jinnota li l-SCOs huma applikati fil-PAK kollha, inkluż fl-iżvilupp rurali fejn il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà huma aktar kumplessi u r-riskju ta' żball huwa akbar, u li għad hemm potenzjal li jiġu ssimplifikati miżuri li mhumiex ibbażati fuq dikjarazzjonijiet tal-erja jew tal-annimali, fejn l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk jirrimborżawx l-ispejjeż reali jew iħallsu skont eżiti predefiniti; jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta li kważi 92 % tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali jagħmlu użu mill-SCOs; jistieden lill-Kummissjoni tiżvela l-ammont żborżat permezz tal-SCOs;

153. Ifakkar li l-mudell ta' aċċertament tal-PAK jinkludi l-kontrolli tal-ewwel livell mill-aġenziji tal-pagamenti, ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-korpi ta' ċertifikazzjoni indipendenti li jipprovdu opinjonijiet annwali dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-aġenziji tal-pagamenti, u l-ħidma tal-Kummissjoni permezz tal-approvazzjoni tal-kontijiet; jilqa' l-fatt li, minkejja xi inkonsistenzi minħabba l-iskedi differenti ta' aġġornament tas-settijiet tad-data dwar il-kontroll u l-pagamenti, il-Qorti sabet li s-sistemi magħżula tal-aġenziji tal-pagamenti kkalkulaw b'mod affidabbli l-pagamenti tal-għajnuna, li huwa prova tal-kwalità u l-koerenza ġenerali tal-istatistika dwar il-kontroll u d-data dwar il-pagamenti tal-Istati Membri rrapportata lill-Kummissjoni;

154. Jilqa' l-interess dejjem akbar fl-għodda integrata tal-IT għall-estrazzjoni tad-data Arachne u l-użu tagħha mill-Istati Membri, filwaqt li 13-il Stat Membru jużaw l-għodda għal tal-anqas xi miżuri, u ħames Stati Membri jipparteċipaw f'workshop ġenerali għall-introduzzjoni ta' Arachne; jiddispjaċih għall-fatt li l-użu tal-għodda tal-IT integrata għall-estrazzjoni tad-data Arachne mill-Istati Membri, mhuwiex obbligatorju; jinnota l-ostakli rrapportati mill-Istati Membri u l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex ittejjeb Arachne; jiddispjaċih dwar l-adozzjoni selettiva ta' Arachne mill-Istati Membri;

155. Jinnota li, fl-2022, il-Kummissjoni rrapportat rata ta' implimentazzjoni ta' 99,69 %, għall-impenji fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (EMFAF), titjib sinifikanti mir-rata ta' implimentazzjoni ta' 15,98 % tal-EMFAF fl-2021; jinnota, madankollu, li 94,76 % mill-approprjazzjonijiet impenjati ta' EUR 1 135,74 miljun fl-2022 u 97,06 % minn EUR 148,12 miljun fl-2021 baqgħu mhux imħallsa fi tmiem is-sena korrispondenti; jinnota wkoll li r-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati għall-EMFAF fl-2022 kienet ta' 99,99 % u għall-FEMS fl-2021 kienet ta' 86,55 %;

156. Jinnota r-Rapport speċjali 09/2023 tal-Qorti dwar l-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli matul il-COVID-19 u l-konklużjoni tiegħu li r-rispons tal-Kummissjoni għat-theddida li nħolqot għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli mill-pandemija tal-COVID-19 kien xieraq fil-biċċa l-kbira tal-aspetti iżda ma kienx fil-mira b'mod suffiċjenti; ifakkar li l-appoġġ dirett, b'baġit ta' EUR 712-il miljun, ġie implimentat malajr permezz tar-riallokazzjoni ta' fondi mhux użati mill-FAEŻR, li rriżulta fl-adozzjoni ta' din il-miżura l-aktar mill-Istati Membri b'porzjon sinifikanti tal-baġit tal-FAEŻR mhux użat fi tmiem l-2019; ifakkar ukoll li ħamsa mill-14-il Stat Membru għamlu l-finanzjament tal-Unjoni disponibbli għall-bdiewa kollha li ġarrbu telf, filwaqt li d-disgħa l-oħra mmiraw lejn setturi magħżula u appoġġjaw lill-benefiċjarji irrispettivament minn jekk kinux ġarrbu telf;

157. Jinnota li l-istimi preliminari (ibbażati fuq l-approprjazzjonijiet ta' impenn) tal-kontribuzzjoni għall-klima tal-programmi ewlenin juru li, fl-2022, 34,8 % tal-baġit tal-Unjoni kien iddedikat għall-azzjoni klimatika, f'konformità mal-pjanijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali li mill-inqas 30 % tal-QFP 2021–2027 għandu jintuża għal dan l-għan;

158. Jinnota l-bidliet li l-Kummissjoni għamlet fl-2022 fil-metodoloġija tat-traċċar tal-klima bħala rispons għat-tħassib espress dwar dak li sabet il-Qorti fir-Rapport Speċjali 09/2022 ([14]), li l-infiq irrapportat mhux dejjem kien rilevanti għall-azzjoni klimatika u li l-ammont ta' infiq irrapportat għal dak l-għan kien ġie stmat iżżejjed b'tal-anqas EUR 72 biljun, li jfisser li madwar 13 % biss tal-baġit 2014–2020 intefaq għal skopijiet relatati mal-klima; huwa tal-fehma li dan il-fatt iservi bħala twissija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddistingwi bejn il-mitigazzjoni klimatika u l-adattament għall-klima fil-metodoloġija tat-traċċar billi taqsam il-kategorija tal-monitoraġġ u r-rapportar f'adattament għall-klima u mitigazzjoni klimatika;

([14]) L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020: Mhuwiex għoli daqskemm ġie rrappurtat, 30 ta' Mejju 2022.

159. Jissottolinja l-importanza ta' skrutinju xieraq tal-infiq fuq il-klima u l-bijodiversità fil-baġit tal-Unjoni, u jżomm lill-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni ta' metodoloġija robusta u affidabbli, f'konformità mal-impenji meħuda mill-ftehim tal-QFP u l-paragrafu 16d tal-FII tas-16 ta' Diċembru 2020; jistieden lill-Kummissjoni tevita approssimazzjoni qarrieqa tal-kontribuzzjoni tal-infiq għall-objettivi tal-klima u l-bijodiversità, nuqqas ta' miri espliċiti, kif ukoll kopertura parzjali biss tal-impatti potenzjalment negattivi jew mhux ċari fuq il-klima u l-bijodiversità; jirrikonoxxi li hemm interventi b'benefiċċji komuni iżda jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evitat l-għadd doppju;

160. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament rapport kull sena li jagħti b'mod dettaljat il-kontribuzzjoni ta' kull partita baġitarja għall-miri tal-integrazzjoni klimatika u l-bijodiversità, sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tirrapporta jekk kwalunkwe partita baġitarja naqsitx milli tirrispetta l-kriterju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif imsemmi fir-Regolament tat-Tassonomija;

161. Jinnota li l-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA), wara t-twaqqif tagħha bħala servizz intern tal-Kummissjoni fl-1 ta' Ottubru 2021, żiedet l-attivitajiet tagħha matul l-2022 u li l-missjoni tagħha hija li tappoġġja l-prijoritajiet tal-Kummissjoni għas-saħħa pubblika, it-tħejjija u l-ġestjoni tal-kriżijiet fis-setturi tas-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-industrija; jinnota bi tħassib l-irduppjar tar-responsabbiltajiet u d-duplikazzjoni tal-isforzi bejn il-mandati tad-DĠ HERA mad-DĠ SANTE u l-ECDC; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-valur miżjud tal-HERA bħala parti integrali tal-Kummissjoni u tipprevjeni d-duplikazzjoni tax-xogħol u tar-riżorsi;

162. Jiddispjaċih li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-HERA kienet tiddependi b'mod qawwi fuq il-Programm l-UE għas-Saħħa, u naqqset il-baġit tagħha b'aktar min-nofs b'kontribuzzjoni tal-programm l-UE għas-Saħħa ta' EUR 2,795 biljun għall-HERA bejn l-2021 u l-2027; jinnota bi tħassib li tali tnaqqis affettwa l-kapaċità ta' finanzjament ambizzjuż tal-programm l-UE għas-Saħħa ta' attivitajiet oħra kif previst mir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]), inkluż it-tqegħid f'riskju ta' azzjonijiet taħt il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u l-appoġġ meħtieġ għall-ħolqien tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa; jiddeplora l-fatt li billi assenjat tali ammonti sinifikanti lill-HERA, il-Kummissjoni kisret il-limiti massimi ta' finanzjament miftiehma għall-infiq minimu u massimu stabbilit fir-Regolament dwar il-Programm l-UE għas-Saħħa;

Rakkomandazzjonijiet

163. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tagħti attenzjoni espliċita fl-evalwazzjoni *ex post* tal-PAK 2014–2020 għall-perjodu tranżitorju 2021–2022 u r-rekwiżiti addizzjonali inklużi fid-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]);

(ii) iżżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar l-użu tal-SCOs fil-PAK attwali u l-ġdida u tevalwa l-użu tagħhom mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-benefiċjarji (potenzjali) biex jifhmu l-adozzjoni relattivament bil-mod ta' dawn l-għażliet;

(iii) tkompli tippromwovi l-użu ta' Arachne biex jiżdied kemm l-għadd ta' Stati Membri li jużaw is-sistema, u biex jiżdied il-livell ta' użu biex jiġu inklużi l-programmi kollha fil-kuntest tar-reviżjoni konkluża tar-Regolament Finanzjarju;

(iv) tqis bir-reqqa l-indikaturi tar-riskju f'Arachne bil-għan li tnaqqas l-għadd ta' indikaturi foloz u tagħmel dawk li jifdal aktar effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'riskju għoli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; u

(v) tippromwovi, tipprovdi inċentivi u tappoġġja lill-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri biex jużaw l-għodod tal-IT bħall-immaġni bis-Satellita Copernicus u teknoloġiji oħra tal-immaġni fil-qasam tal-monitoraġġ agrikolu;

(vi) tagħmel użu aħjar u tħeġġeġ l-użu tal-IA u tad-data minn teknoloġiji ġodda bħas-satelliti Copernicus Sentinel, li huma proprjetà tal-Unjoni, biex timmonitorja u tikkontrolla l-użu korrett tal-fondi tal-PAK;

([15]) Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-Programm l-UE għas-Saħħa) għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

([16]) Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri, Sigurtà u Difiża

164. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 4 tal-QFP "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" kien ta' EUR 3,4 biljun (1,7 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 43,9 % għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), 23,1 % għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) u 33 % għal tliet aġenziji deċentralizzati: l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA); jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 3 410,39 miljun u 99,54 % minnhom kienu ġew implimentati (EUR 3 394,69 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 3 372,54 miljun u 97,61 % minnhom ġew implimentati (EUR 3 292,03 miljun);

165. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 5 tal-QFP "Sigurtà u Difiża" kien ta' EUR 1,2 biljun imqassam kif ġej: 45,6 % għall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), 17 % għall-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), 19,2 % għal aġenziji deċentralizzati — iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), il-Europol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) – 6,8 % għas-sikurezza u d-dekummissjonar nukleari, u 11,4 % għal oqsma oħra; jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati kienu ta' EUR 1 813,03 miljun u 99,8 % minnhom kienu ġew implimentati (EUR 1 809,43 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 1 158,67 miljun u 97,54 % minnhom ġew implimentati (EUR 1 130,20 miljun);

166. Jinnota li porzjon sinifikanti tal-infiq fl-ambitu tal-Intestaturi 4 u 5 tal-QFP fl-2022 kien jikkonċerna t-tlestija ta' proġetti li kien jifdal mill-QFP tal-2014–2020; jinnota li ammonti sinifikanti ta' programmi nazzjonali tal-AMIF u tal-ISF għall-2014–2020 għadhom mhux żborżati (26 % għall-AMIF u 33 % għall-ISF fi tmiem l-2022) filwaqt li l-finanzjament għall-2014–2020 irid jintefaq sa Ġunju 2024;

167. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 23 tranżazzjoni, li mhuwiex rappreżentattiv biżżejjed tal-infiq fl-ambitu tal-Intestaturi 4 u 5 tal-QFP u, għalhekk, ma tistax tipprovdi stima tar-rata ta' żball; jisħaq bi ħassib li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti juru li n-nefqa hija affettwata minn kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' akkwist u li din hija qasam ta' riskju għoli (11-il tranżizzjoni minn 23 tranżazzjoni awditjata, jiġifieri 48 %, kienu affettwati minn żbalji) u għalhekk, jistieden lill-Qorti tipprovdi stima ċara tar-rata ta' żball għal dan il-kapitolu; jinnota li l-Qorti kkwantifikat disa' żbalji li kellhom impatt fuq l-ammonti imposti fuq il-baġit tal-Unjoni u li hija sabet ukoll erba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, li ma kellhom l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-Kummissjoni tikkonkludi li r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa anqas minn 2 % għan-nefqa fuq il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll għas-sigurtà u d-difiża;

168. Jilqa' l-progress identifikat mill-Qorti fir-rieżami tagħha tal-ħidma li saret minn sitt awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri bi tħejjija għall-AMIF tal-2021–2027, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u l-kontijiet annwali tal-ISF; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li, fiż-żmien taż-żjarat tagħha (bejn Settembru 2022 u Frar 2023), l-istrateġiji tal-awditjar tas-sitt Stati Membri kienu għadhom ma ġewx adottati, li huwa prerekwiżit għas-sottomissjoni ta' "pakkett ta' aċċertament"; jinnota li, fiż-żmien taż-żjara tal-Qorti, is-sistemi tal-IT biex jinħażnu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-awditi tal-awtoritajiet maniġerjali tas-sitt Stati Membri jew kienu qed jiġu żviluppati jew kienu għadhom iridu jiġu żviluppati;

169. Jinnota li l-istrateġija kontra l-frodi tad-DĠ DEFIS ġiet aġġornata fi Frar 2022 u l-implimentazzjoni tagħha qed tiġi mmonitorjata u rrapportata lill-maniġment kull sena; jilqa' l-fatt li ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha (100 %) tal-OLAF rigward id-DĠ DEFIS u li ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' frodi fil-livell tal-Kummissjoni jew mis-sħab tagħha; jinnota li l-aħħar aġġornament tal-istrateġija kontra l-frodi tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) sar f'Ottubru 2021 u bħalissa qed jiġi implimentat; jilqa' l-fatt li, sa tmiem l-2022, 72 % tar-rakkomandazzjonijiet finanzjarji tal-OLAF mis-sena preċedenti ġew implimentati bis-sħiħ u 28 % kienu qed jiġu implimentati;

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri

170. Jinnota li, fl-2022, il-fondi fl-ambitu tal-Intestatura 4 tal-QFP kienu strumentali fl-indirizzar tal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jinnota li ġiet introdotta aktar flessibbiltà fl-ambitu tal-fondi tal-2014–2020 biex jittejbu l-possibbiltajiet li l-Istati Membri jgħaddu l-finanzjament għal ħtiġijiet ġodda, u ġew skattati EUR 400 miljun ta' assistenza ta' emerġenza fl-ambitu tal-Faċilitajiet Tematiċi; jinnota li l-adozzjoni tal-programmi tal-Istati Membri għall-2021–2027 tathom il-possibbiltà jaċċessaw aktar minn EUR 10 biljun fl-ambitu tal-fondi l-ġodda għall-perjodu ta' programmazzjoni;

171. Jinnota li, mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ġie rreġistrat li aktar minn 16-il miljun ruħ daħlu fl-Unjoni mill-Ukrajna u mill-Moldova, u aktar minn 4 miljun ruħ li kienu qed jaħarbu mill-gwerra kisbu protezzjoni fl-Unjoni; jinnota li l-Kummissjoni pprovdiet appoġġ finanzjarju lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni biex tappoġġja l-proċess, bħala parti minn proġett ta' EUR 15-il miljun li jiffaċilita t-trasferimenti mill-Moldova ta' persuni vulnerabbli li qed jaħarbu mill-Ukrajna; jinnota wkoll li, fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ħabbret id-deċiżjoni li tagħti appoġġ finanzjarju ta' EUR 5,5 miljun lil proġett li għandu jitwettaq mill-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u n-Nofs Qamar l-Aħmar (IFRC) biex jappoġġja lill-ospitanti u lil dawk kollha involuti fl-għoti ta' akkomodazzjoni privata lil persuni spostati, filwaqt li jiġbor flimkien prattiki tajbin għall-ħtiġijiet futuri; jinnota li, fl-2022, fil-kuntest tal-finanzjament tal-Ukrajna, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet li jawtorizzaw l-użu tal-finanzjament mhux marbut ma' spejjeż li jammontaw għal EUR 248 miljun (Mejju 2022) u EUR 137 miljun (Awwissu 2022), kif ukoll għal għotjiet iżgħar, djar sikuri u appoġġ psikosoċjali li jammontaw għal EUR 15-il miljun;

172. Jinnota li, fl-2022, id-DĠ HOME pprovda EUR 27 miljun għall-iskambju ta' informazzjoni relatata mas-sigurtà u EUR 25,5 miljun għall-ġlieda kontra l-kriminalità u l-prevenzjoni tagħha, inkluż it-terroriżmu; jinnota wkoll li, f'Lulju 2022, permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), il-Kummissjoni allokat EUR 15,7-il miljun lill-Istati Membri biex jappoġġjaw aktar proġetti u attivitajiet fit-tul fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), strument ta' sigurtà "xprunat" mill-Istati Membri biex jidentifikaw, jagħtu prijorità u jindirizzaw it-theddid maħluq mill-kriminalità internazzjonali organizzata u serja;

Sigurtà u difiża

173. Jilqa' l-fatt li l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-EDF (Fond Ewropew għad-Difiża) (b'mod partikolari l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs f'konsorzji industrijali) qed tiġi ffaċilitata permezz ta' sejħiet immirati tal-EDF, bonusijiet finanzjarji, kriterji speċifiċi għall-għoti, u l-użu tal-SCOs biex jitnaqqas il-piż amministrattiv; jinnota li fis-sejħiet tal-EDF tal-2022, 38,2 % tal-entitajiet parteċipanti kienu SMEs, u 20 % tal-finanzjament totali disponibbli permezz ta' dawn is-sejħiet se jkun għall-SMEs (EUR 166 miljun);

174. Ifakkar li l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR) kienet programm prekursur tal-EDF b'baġit ta' EUR 90 miljun li ffinanzja 18-il proġett ta' riċerka magħżula wara sejħiet għal proposti fis-snin mill-2017 sal-2019; jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 10/2023 tagħha "L-azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża", tosserva li l-Unjoni għad m'għandhiex strateġija fit-tul għall-proġetti fl-ambitu tal-EDF, b'mod partikolari f'termini ta' impatt, riċerka addizzjonali, żvilupp, manifattura, akkwist, u aspetti oħra; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti;

175. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 10/2023 tagħha dwar id-disponibbiltà limitata tar-riżorsi umani fil-Kummissjoni u r-riskju sussegwenti għall-EDF; jinnota li, bħala riżultat ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, l-għadd ta' persunal meħtieġ għall-ġestjoni ta' proġetti ta' difiża huwa akbar minn dak għal proġetti oħra; jinnota li l-għadd dejjem jikber ta' proposti għal evalwazzjoni u ta' proġetti għal ġestjoni jagħmel pressjoni konsiderevoli fuq ir-riżorsi umani u joħloq sfidi f'termini ta' reklutaġġ ta' persunal kwalifikat u b'esperjenza xierqa;

Rakkomandazzjonijiet

176. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tiżviluppa strateġija aktar fit-tul għall-EDF, abbażi tal-esperjenza miksuba bil-PADR u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;

(ii) tiżgura l-provvista ta' baġit adegwat u riżorsi umani b'ħiliet adegwati biex ittejjeb il-kooperazzjoni u l-investiment fil-qasam tad-difiża u biex timplimenta l-EDF; u

(iii) tiffoka l-kontrolli tagħha fuq in-nefqa li l-Qorti sabet li kienet affettwata ħafna minn kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u akkwist fl-2022 u titlob lill-Qorti tespandi kampjun ta' tranżazzjonijiet awditjati biex tkun tista' tipprovdi stima tar-rata ta' żball;

(iv) timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet finanzjarji pendenti tal-OLAF;

Il-viċinat u d-dinja

177. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 6 tal-QFP "Il-viċinat u d-dinja" kien ta' EUR 14,5-il biljun (7,4 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 64,8 % għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali), 16,8 % għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA), 14,4 % għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u 4 % għal azzjonijiet u programmi oħra; jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati kienu ta' EUR 17 670,49 miljun u 99,79 % minnhom ġew implimentati (EUR 17 632,52 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 13 156,10 miljun u 99,19 % minnhom ġew implimentati (EUR 13 049,50 miljun);

178. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 72 tranżazzjoni, li mhuwiex rappreżentattiv biżżejjed tal-infiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP u, għalhekk, ma tistax tipprovdi stima tar-rata ta' żball; meta jitqies li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti juru li dan huwa qasam ta' riskju kbir (34 tranżizzjoni minn 72 tranżazzjoni awditjata, jiġifieri 47 %, kienu affettwati minn żbalji), jistieden lill-Qorti tipprovdi stima ċara tar-rata ta' żball għal dan il-kapitolu; jinnota li l-Qorti sabet 25 żball li kellhom impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni, relatati ma' spejjeż ineliġibbli, nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn, akkwist pubbliku u nefqa mhux imġarrba, oqsma li jistgħu jindikaw riskji ta' funzjonament mhux affidabbli tal-mekkaniżmu ta' kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali jew saħansitra n-nuqqas ta' rieda amministrattiva jew politika li r-regoli finanzjarji tal-Unjoni jiġu eżegwiti kif xieraq;

179. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR) jirrapporta r-riskju fil-waqt tal-għeluq fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu abbażi ta' studju mwettaq minn kuntrattur estern, magħruf bħala r-rata tal-iżball residwu (RER), li l-għan tiegħu huwa li jistma r-rata ta' żbalji mhux identifikati mis-sistema ta' kontroll intern u li jikkonkludi jekk hijiex effettiva jew le; jinnota r-riżultati tal-istudju tal-RER tal-2022 li r-rata tal-iżball residwu fl-2022 hija ta' 1 % u għalhekk, taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;

180. Jinnota li l-Qorti identifikat limitazzjonijiet rigward il-metodoloġija użata biex tiddetermina l-RER li jistgħu jikkontribwixxu għas-sottovalutazzjoni tagħha, b'mod partikolari, li l-kuntrattur jista' jiddependi kompletament mir-riżultati tax-xogħol ta' kontroll preċedenti f'xi każijiet u l-fatt li l-istima tar-rata tal-iżball residwu għal għotjiet taħt ġestjoni diretta mhijiex inkluża fil-kalkolu tal-RER ġenerali tad-DĠ NEAR; jinnota li l-Kummissjoni tafferma li mhijiex soġġetta għal tali limitazzjonijiet minħabba li (i) id-dipendenza minn xogħol ta' kontroll preċedenti hija soġġetta għal kundizzjonijiet stretti u (ii) ir-rata ta' żball globali tinkludi għotjiet taħt ġestjoni diretta;

181. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ilha mill-2021 timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti biex tiżvela l-limitazzjonijiet tal-istudju tal-RER fir-RAA tad-DĠ NEAR, biex issaħħaħ il-kontrolli billi tidentifika u tipprevjeni żbalji rikorrenti, u biex id-DĠ NEAR jistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur tal-istudju tal-RER ħalli jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe frodi suspettata kontra l-baġit tal-Unjoni identifikata matul il-ħidma tiegħu dwar l-istudju tal-RER;

182. Jinnota bi tħassib li r-RAA tad-DĠ NEAR u tad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA) irrapportaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni operattiva l-ġdida OPSYS, li xi drabi kienet instabbli, filwaqt li naqset milli tissodisfa l-aspettattivi, u kienet tirrikjedi intervent frekwenti mit-timijiet ta' appoġġ tad-DĠ DIGIT, li wassal biex ġiet identifikata bħala riskju kritiku fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju tad-DĠ NEAR;

183. Jinnota li l-Qorti vvalutat is-sensibilizzazzjoni fost il-persunal tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi, l-etika u l-integrità; jinnota bi tħassib li xi membri tal-persunal intervistati mill-Qorti ma kinux ġew mħarrġa fil-prevenzjoni tal-frodi f'dawn l-aħħar ħames snin; jinnota li d-DĠ NEAR jagħmel sensiela ta' għodod u riżorsi disponibbli għall-persunal tiegħu biex ikopri kwistjonijiet relatati mal-frodi, bħal taħriġ, network kontra l-frodi b'punti fokali u gwida; jinnota r-riżultati pożittivi tal-istħarriġiet imwettqa mid-DĠ NEAR biex jiġi mmonitorjat il-livell ta' sensibilizzazzjoni dwar il-frodi tal-persunal tiegħu, kif ukoll li ġew identifikati xi oqsma għal titjib u qed jiġi implimentat pjan ta' azzjoni;

184. Jirrikonoxxi l-importanza tal-NGOs fl-iżgurar li l-Unjoni, bħala l-akbar donatur ta' għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja, tkompli tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-istabbiltà u l-paċi, biex tegħleb il-faqar u tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli; ifaħħar b'mod partikolari l-attività tal-NGOs f'żoni ta' kunflitt biex jiġi żgurat li l-għajnuna umanitarja tasal għand il-popolazzjoni ċivili b'mod rapidu u effettiv; jinnota r-rekwiżiti ta' kontroll u awditjar, trasparenza u obbligu ta' rendikont applikabbli għall-finanzjament kollu tal-Unjoni u għall-partijiet ikkonċernati differenti, iżda jqis li dejjem hemm lok għal titjib, b'mod partikolari billi jsir l-aħjar użu mid-diġitalizzazzjoni;

185. Jisħaq fuq ir-rwol tal-NGOs u tas-sħab lokali fl-għoti tas-servizzi u ta' appoġġ lill-komunitajiet lokali; jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw u jimplimentaw azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni u jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita taħriġ adegwat għal dan l-għan; jinsab imħasseb dwar id-diffikultajiet kontinwi li jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet lokali żgħar biex jaċċessaw il-finanzjament tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb dawn il-proċeduri ta' finanzjament u tipprijoritizza b'mod sistematiku lill-organizzazzjonijiet lokali sabiex jipprovdu bini tal-kapaċitajiet aħjar fuq il-post; jenfasizza l-effikaċja tas-sjieda lokali fl-implimentazzjoni tal-proġetti fir-rigward tal-prijoritizzazzjoni, l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-bini ta' għarfien espert lokali;

186. Jenfasizza l-fatt li l-leġittimità u l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni jistrieħu fuq l-implimentazzjoni korretta tal-attivitajiet u fuq il-finanzjament xieraq tagħhom; jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' kontrolli biex tiżgura li t-tranżazzjonijiet isiru b'mod leġittimu u li l-attivitajiet jiġu implimentati skont il-prijoritajiet stabbiliti mil-leġiżlatur; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-kontrolli sabiex tnaqqas l-ammont ta' żbalji tranżazzjonali, tagħixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA li ma ġewx implimentati u tirdoppja l-isforzi biex jinstabu proġetti eliġibbli u tiżgura ammont suffiċjenti ta' pagamenti taħt il-limitu massimu tan-nefqa attwali; jilqa' s-sejba tar-rapport tal-QEA dwar il-baġit tal-Unjoni għall-2022 li d-DĠ ECHO implimenta r-rakkomandazzjoni tal-QEA u stabbilixxa proċedura li tiżgura li l-organizzazzjonijiet sħab jibbażaw l-allokazzjoni tagħhom tal-ispejjeż kondiviżi fuq in-nefqa effettivament imġarrba;

187. Jistieden lill-Kummissjoni tibgħat sinjali ċari lil dawk il-pajjiżi kandidati li fihom rigressjoni fl-istandards tal-istat tad-dritt — inklużi restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-istampa, id-drittijiet tan-nisa u tal-minoranzi, il-fastidju fil-konfront tal-NGOs u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem — qed tipperikola jew tittardja l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-effiċjenza tal-fondi li ntefqu biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fil-pajjiżi tal-adeżjoni u jirrapportaw lura lill-Kumitati AFET u CONT;

188. Jilqa' l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' diversi mekkaniżmi biex jiġu mmitigati r-riskji u jiġi ssalvagwardjat l-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni li jintefqu f'żoni instabbli jew f'żoni ta' kunflitt; jinnota li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku r-riskji ta' korruzzjoni fil-pajjiżi sħab u tuża firxa ta' għodod biex timmitigahom, waqt li fl-istess ħin tapplika kundizzjonijiet u indikaturi tal-prestazzjoni biex tippromwovi t-trasparenza fiskali u l-obbligu ta' rendikont permezz tal-appoġġ tagħha għall-baġit; jilqa' l-fatt li, skont id-data tal-Bank Dinji, il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-Unjoni għall-baġit, maż-żmien għamlu titjib fil-kontroll tal-korruzzjoni;

189. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 14/2023 tagħha "Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali" sabet li, għalkemm il-Kummissjoni u s-SEAE kienu amalgamaw il-finanzjament fi strument wieħed, l-Istrument tal-NDICI-Ewropa Globali, li jkopri aktar minn 70 % tal-finanzjament tal-Unjoni allokat għall-azzjoni esterna fil-perjodu ta' finanzjament tal-2021–2027, dawn segwew żewġ metodoloġiji differenti ta' allokazzjoni tal-fondi għall-pajjiżi tal-viċinat u dawk mhux tal-viċinat, u li l-programmi indikattivi pluriennali ma kinux jiżguraw li s-setturi magħżula ta' intervent kienu dawk li fihom il-finanzjament tal-Unjoni seta' jikseb impatt kbir;

190. Jenfasizza s-sinifikat li jintlaħqu l-miri kollha tal-infiq u dawk relatati mal-programmi deskritti fl-istrument NDICI-Ewropa Globali u jitlob li tiġi pprovduta informazzjoni komprensiva dwar il-progress miksub; jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqasijiet sinifikanti fl-ilħuq il-mira klimatika ta' 30 % tal-istrument, fil-kontribut għall-mira tal-bijodiversità ta' 10 % fl-ambitu tal-QFP għall-2026 u l-2027, u fl-iżgurar li l-impenji finanzjarji globali tal-Unjoni fil-qafas tan-NU jiġu ssodisfati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjoni għall-Fond għat-Telf u l-Ħsara; jenfasizza l-pressjoni tiżdied li t-tibdil fil-klima jpoġġi fuq il-produzzjoni tal-ikel u l-aċċess għalih, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli, b'impatt fuq is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni; ifakkar li l-bijodiversità hija kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u t-telf tagħha jimmina l-progress ta' madwar 80 % tal-miri vvalutati għall-SDGs; jappella lill-Kummissjoni għal pjan dettaljat li jiddeskrivi kif biħsiebha tilħaq il-miri tal-infiq u tal-ġeneru sa tmiem il-QFP;

191. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi għall-Affarijiet Interni f'pajjiżi terzi, u l-finanzjament tal-NDICI, bħal f'pajjiżi bħat-Tuneżija u l-Libja; jistieden lill-Kummissjoni tfassal ħarsa ġenerali disponibbli għall-pubbliku tal-infiq kollu relatat mal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi, u jħeġġeġ li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-infiq relatat mal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi, u jistedinha tikkondividi dawn il-valutazzjonijiet mal-Parlament meta r-regoli jirrikjedu dan;

192. Jisħaq li, wara l-attakki terroristiċi ta' stmellija mwettqa mill-Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni, fid-9 ta' Ottubru 2023, ħabbret id-deċiżjoni tagħha li tirrieżamina l-assistenza tal-Unjoni għall-Palestina; jinnota li r-rieżami, li ġie ffinalizzat fil-21 ta' Novembru 2023, wera li l-Kummissjoni tapplika kontrolli *ex ante* u *ex post* xierqa, li s-salvagwardji fis-seħħ huma effettivi u li, sal-lum, ma nstabet l-ebda evidenza li l-flus ġew iddevjati għal skopijiet mhux intenzjonati; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-fondi Ewropej imorru biss għand benefiċjarji li jikkondividu l-valuri tal-Unjoni fir-rigward tal-Istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-rapport 2023/2122(INI) tal-Parlament, adottat fis-17 ta' Jannar 2024, dwar it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni li jitlob tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kummissjoni u l-iżvilupp ta' sistema ta' monitoraġġ armonizzata bl-għan li l-fondi tal-Unjoni jiġu ttraċċati sal-benefiċjarji finali;

193. Jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni jrid ikompli jipprovdi appoġġ biex jinbnew il-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun tal-Lvant Nofsani, biex jiġu miġġielda l-mibegħda u l-fundamentaliżmu u biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem; jistenna r-rieżami li l-Kummissjoni qed twettaq dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni; jissottolinja l-interkonnessjonijiet bejn l-istabbiltà u l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni fraġli;

194. Jisħaq li l-għajnuna tal-Unjoni fl-ebda ċirkostanza ma għandha — direttament jew indirettament — tkun qed tiffinanzja t-terroriżmu, u għalhekk ma għandha tappoġġja l-ebda entità konnessa mal-Ħamas jew kwalunkwe organizzazzjoni terroristika oħra; jisħaq li l-Unjoni għandha tgħin lill-popolazzjoni ċivili Palestinjana u għandha trawwem il-paċi fir-reġjun; jitlob lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat dwar żviluppi u sforzi ġodda li saru biex jingħata appoġġ dirett lil ċivili u rifuġjati Palestinjani u biex jiġi evitat li t-terroristi jiddevjaw il-fondi;

195. Jinsab imħasseb dwar rapporti kredibbli li flus il-kontribwenti tal-Unjoni jew il-fondi ta' donaturi oħra setgħu ntużaw parzjalment ħażin mill-organizzazzjoni terroristika Ħamas; jenfasizza li l-fondi rilevanti tal-Unjoni għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni ċivili Palestinjana u jipprovdu ikel, provvisti mediċi, akkomodazzjoni u infrastruttura bażika lill-popolazzjoni li qed tbati u b'mod partikolari lit-tfal, lin-nisa, lill-anzjani u lill-persuni b'diżabilità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-għoti ta' appoġġ u għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni Palestinjana, biex tiddiversifika sħab fdati, bħad-WHO, il-UNICEF jew organizzazzjonijiet differenti tan-Nofs Qamar l-Aħmar; barra minn hekk, jinsab imħasseb dwar rapporti kredibbli oħra li ċerti impjegati tal-UNWRA setgħu kienu involuti f'atti ta' terroriżmu mwettqa mill-organizzazzjoni terroristika tal-Ħamas, jew kienu assoċjati magħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi kontrolli indipendenti tal-UNRWA minn esperti esterni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u sħab internazzjonali b'esperjenza, bħal, iżda mhux limitati għal, Global Affairs Canada jew AusAid;

196. Jesprimi tħassib kbir dwar it-tħabbira reċenti minn xi pajjiżi tas-sospensjoni tal-finanzjament lill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Rifuġjati tal-Palestina (UNRWA) sakemm joħroġ ir-riżultat tal-investigazzjoni; jitlob finanzjament akbar u sostnut b'rikonoxximent tar-rwol kruċjali tal-aġenzija fir-rispons umanitarju f'Gaża, u li jiġi żgurat il-forniment mingħajr interruzzjoni ta' servizzi vitali lil popolazzjoni vulnerabbli fil-Lvant Nofsani; ifakkar fir-rwol essenzjali tal-għajnuna umanitarja mogħtija lir-rifuġjati Palestinjani fil-Lvant Nofsani kollu;

197. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni u l-ħtieġa kritika li jiġu ddenunzjati u eliminati l-manifestazzjonijiet kollha ta' diskors ta' mibegħda u azzjonijiet vjolenti fuq iż-żewġ naħat; jissottolinja li s-sospensjoni tal-finanzjament ma għandhiex issehħ b'mod arbitrarju jew mingħajr evidenza trasparenti u indipendenti ta' użu ħażin;;

198. Ifakkar li s-sejbiet tal-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni lill-Georg Eckert Institute dwar il-kotba tal-iskola Palestinjani żvelaw stampa kumplessa fejn il-kotba tal-iskola (i) jirrispettaw l-istandards tal-UNESCO u jadottaw kriterji li huma prominenti fid-diskors internazzjonali dwar l-edukazzjoni, inkluża enfasi qawwija fuq id-drittijiet tal-bniedem, (ii) jesprimu narrattiva ta' reżistenza fil-kuntest tal-kunflitt bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani u (iii) juru antagoniżmu lejn Iżrael; jinnota li l-Unjoni ma tiffinanzjax il-kotba tal-iskola Palestinjani u li lanqas mhuma r-responsabbiltà tal-UNRWA, li taħdem biex tipprovdi edukazzjoni ta' kwalità b'enfasi fuq it-trawwim ta' kultura tad-drittijiet tal-bniedem, anke fi żminijiet diffiċili; jissottolinja li l-edukazzjoni u l-aċċess tat-tfal tal-iskola għal kotba tal-iskola li jippromwovu l-paċi u imparzjali huma essenzjali; jisħaq fuq il-pożizzjoni tal-Parlament li l-kotba tal-iskola mfassla bl-għajnuna ta' fondi tal-Unjoni jridu jkunu subordinati għall-konformità sħiħa mal-istandards tal-UNESCO rigward il-paċi u t-tolleranza; kif diġà ġie deċiż mill-Parlament fir-rakkomandazzjoni tiegħu tal-2023 dwar ir-relazzjonijiet mal-Awtorità Palestinjana, u kif intalab ripetutament fl-aħħar riżoluzzjonijiet adottati tiegħu dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati;

199. Ifakkar fl-istrateġija tal-Unjoni biex tippromwovi u tiżgura edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal madwar id-dinja, speċjalment meta jingħata appoġġ finanzjarju speċifiku mill-Unjoni; jikkundanna l-kontenut problematiku u ta' mibegħda li jinkoraġġixxi l-vjolenza, li jxerred l-anti-Semitiżmu u li jinċita għall-mibegħda fil-kotba tal-iskola Palestinjani mfassla minn impjegati taċ-ċivil iffinanzjati mill-Unjoni kif ukoll f'materjali edukattivi supplimentari mħejjija mill-persunal tal-UNRWA u mgħallma fl-iskejjel tagħha; jafferma mill-ġdid, fil-kuntest tal-attakki terroristiċi ta' stmellija mwettqa mill-Ħamas fis-7 ta' Ottubru 2023, li l-edukazzjoni favur il-mibegħda għandha konsegwenzi diretti u drammatiċi fuq is-sigurtà tal-Iżraeljani kif ukoll fuq il-prospetti ta' futur aħjar għall-Palestinjani żgħażagħ; għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni tiskrutinizza mill-qrib li l-ebda fondi ma jkunu allokati jew marbuta direttament jew indirettament mal-użu ta' tali materjali edukattivi u li l-Awtorità Palestinjana timmodifika l-kurrikulu sħiħ malajr kif mitlub ripetutament fid-deċiżjonijiet ta' kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-snin finanzjarji 2016, 2018, 2019, 2020 u 2021; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni lill-Awtorità Palestinjana fil-qasam tal-edukazzjoni għandu jingħata bil-kundizzjoni ta' kurrikulu nazzjonali Palestinjan, b'kotba tal-iskola u materjal edukattiv ta' referenza, li jkun ħieles minn kontenut anti-Semitiku u inċitament għall-vjolenza u jikkonforma ma' edukazzjoni ta' kwalità; jappella, f'dak ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu għarfien espert, jikkondividu għarfien u jagħtu gwida u appoġġ tekniku biex jagħtu s-setgħa lill-għalliema, lill-ħarrieġa u lill-esperti Palestinjani ħalli jimplimentaw edukazzjoni li tikkonforma bis-sħiħ mal-istandards tal-UNESCO;

200. Jenfasizza li, skont it-tweġibiet tal-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir għar-rapport ta' kwittanza 2021, il-portafoll tal-iżvilupp li għaddej għall-Palestinjani, fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), huwa ta' EUR 681 miljun bejn l-2021 u l-2023, għall-Awtorità Palestinjana, l-UNRWA u l-proġetti ta' żvilupp fix-Xatt tal-Punent u f'Gaża; jinnota li madwar terz tal-finanzjament mar għal proġetti f'Gaża u żewġ terzi marru għal proġetti fix-Xatt tal-Punent; jissottolinja li l-Unjoni pprovdiet EUR 271 miljun lill-UNRWA għall-forniment ta' servizzi soċjali lir-rifuġjati Palestinjani u, barra minn hekk, l-Unjoni pprovdiet appoġġ għall-infiq rikorrenti tal-Awtorità Palestinjana, prinċipalment is-salarji u l-pensjonijiet tal-impjegati taċ-ċivil, l-allowances soċjali mħallsa permezz tal-programm ta' trasferiment ta' flus u parti mill-ispejjeż ta' riferimenti għall-Isptarijiet ta' Ġerusalemm tal-Lvant permezz tal-mekkaniżmu PEGASE;

201. Jesprimi xokk dwar l-attakki terroristiċi tas-7 ta' Ottubru 2023 li fihom il-Ħamas wettaq vjolenza, stupru u forom oħra ta' tortura sesswali kontra nisa, adolexxenti nisa u bniet ta' nazzjonalitajiet Iżraeljani u oħrajn; jenfasizza li din il-forma mmirata ta' vjolenza sesswali u tortura kontra n-nisa tintuża sistematikament bħala delitt tal-gwerra u terroriżmu; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' enfasi min-naħa tas-SEAE u tal-Kummissjoni fil-qasam tal-vjolenza sesswali kontra n-nisa relatata mal-kunflitti; jitlob l-istabbiliment ta' mekkaniżmu li jidentifika u jipprovdi appoġġ lill-vittmi, jiġbor testimonjanzi, jidentifika l-awturi u jieħu azzjonijiet f'waqthom biex jiżgura li sitwazzjonijiet simili ma jseħħux fil-futur; jitlob li tiġi stabbilita pjattaforma li tipprovdi viżibbiltà lill-vittmi u t-tbatija tagħhom; jappella għal aktar appoġġ lil entitajiet bħall-Assoċjazzjoni ta' Ċentri għall-Vittmi ta' Stupru f'Iżrael jew entitajiet simili f'żoni ta' kunflitt; jenfasizza li għandu jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali tal-Unjoni lill-vittmi ta' vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti kif ukoll lil attivitajiet edukattivi rilevanti; jinnota n-nuqqas ta' data fir-rapporti annwali tal-attività dwar l-ammont ta' fondi tal-Unjoni bbaġitjati biex jappoġġjaw tali vittmi u entitajiet rilevanti; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tipprovdi rapportar aktar ċar dwar l-għajnuna tal-Unjoni pprovduta lil tali vittmi u entitajiet rilevanti;

202. Jissottolinja li r-rapport annwali 2022 tal-QEA jevidenzja eżempju ta' nefqa ineliġibbli inkluża fit-talba għall-ispejjeż li tikkonċerna proġett fil-Palestina dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni tal-Palestina lejn ekonomija ekoloġika b'komponent ta' inċentiv li kien maħsub biex jappoġġja lill-SMEs fil-forma ta' għotjiet għal proġetti "ekoloġiċi" fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tat-tniġġis; jissottolinja li EUR 190 500 kienu ġew approvati u mħallsa lil aġenzija tal-iżvilupp, bil-kompitu li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġett mill-benefiċjarju finali, iżda l-proġett ma twettaqx ([17]);

203. Jinsab imħasseb dwar il-qerda u l-konfiska ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni fix-Xatt tal-Punent u jinnota li fl-2022, 101 struttura ffinanzjata mill-Unjoni jew mill-Istati Membri, b'valur ta' EUR 337 019, ġew imwaqqa' jew issekwestrati minn Iżrael, u dan jirrappreżenta t-tielet l-ogħla dannu finanzjarju mill-2016; ifakkar li rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri kkonċernati u donaturi oħra talbu f'diversi okkażjonijiet ir-restituzzjoni jew il-kumpens ta' beni ffinanzjati mill-Unjoni li ġew imwaqqa', żarmati jew ikkonfiskati; ifakkar fil-pożizzjoni tal-Kunsill li tesprimi l-impenn tiegħu li jiżgura li l-ftehimiet kollha bejn Iżrael u l-Unjoni jridu jindikaw b'mod inekwivoku u espliċitu l-inapplikabbiltà għat-territorji okkupati minn Iżrael mill-1967, kif ukoll li jkompli l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt eżistenti tal-Unjoni u l-arranġamenti bilaterali applikabbli għall-prodotti tal-insedjamenti;

204. Jinnota li, fl-2022, id-DĠ NEAR ħallas EUR 910,8 miljun f'assistenza bilaterali lill-Ukrajna, li minnhom EUR 698 miljun tħallsu permezz tal-appoġġ baġitarju; jinnota li kważi EUR 200 miljun ta' proġetti li għaddejjin ġew adattati mill-ġdid b'suċċess biex jilħqu lill-benefiċjarji qabel ma s-sħab umanitarji jkunu jistgħu jimmobilizzaw il-programmi ta' għajnuna tagħhom; jinnota li r-restrizzjonijiet fuq monitoraġġ adegwat tal-proġetti fl-Ukrajna wasslu għal riżerva fir-RAA 2022 tad-DĠ NEAR u li qed jiġu implimentati azzjonijiet korrettivi, bħall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-proġetti permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post, soluzzjonijiet remoti u l-użu ta' fornitur tas-servizzi;

205. Jinnota l-Pjan ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent li ġie propost mill-Kummissjoni biex jiġu appoġġjati aktar l-isforzi ta' konverġenza fir-reġjun; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar ċarezza dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji differenti favur ir-reġjun, primarjament fost l-IPA III, il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment, u l-Pjan ta' Riforma u Tkabbir; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi aċċess aktar dirett għall-fondi tal-Unjoni fil-livell subnazzjonali;

206. Jilqa' l-fatt li l-Faċilità għall-Ukrajna tistabbilixxi dispożizzjonijiet biex jiġu żgurati kontrolli effettivi; ifakkar li, fis-7 ta' April 2022, il-Parlament appella għall-konfiska ta' assi Russi li jappartjenu lil individwi u entitajiet Russi, iffriżati bħala riżultat ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni, sabiex tiġi ffinanzjata r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;

207. Jilqa' l-istrateġija Global Gateway bħala rispons koordinat tal-Unjoni għall-isfidi globali li jiġbor flimkien l-investiment pubbliku u dak privat; jinnota li l-2022 kienet l-ewwel sena sħiħa tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar trasparenza, obbligu ta' rendikont u valutazzjonijiet regolari tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway kif ukoll ta' involviment imsaħħaħ tal-Parlament fir-rigward tar-rwol ta' skrutinju demokratiku tiegħu;

208. Jilqa' l-fatt li l-OLAF iffirma arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva kemm mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna fil-11 ta' Frar 2021 kif ukoll mas-Servizz tal-Awditjar tal-Istat tal-Ukrajna f'Marzu 2023; jinnota li l-Ukrajna dalwaqt hija mistennija tkun assoċjata mal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi (UAFP) u jilqa' l-fatt li l-OLAF qed jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni fl-isforzi u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom kontra l-frodi; jilqa' l-fatt li l-UPPE ffirma arranġamenti ta' ħidma mal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna, f'Lulju 2023, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fl-investigazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni, u mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna, f'Marzu 2022, biex jiġi protett l-interess finanzjarju tal-Unjoni u tal-Ukrajna permezz ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi;

([17]) https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/AR-2022/AR-2022_MT.pdf.

Rakkomandazzjonijiet

209. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) fir-rigward tas-sistema ta' applikazzjoni tal-OPSYS, ittejjeb il-kwalità tas-software il-ġdid, tistabbilizza l-applikazzjoni u ttejjeb l-interfaċċi bejn il-moduli differenti tal-OPSYS, u talloka r-riżorsi meħtieġa biex ittejjeb il-maturità/ir-robustezza tiegħu;

(ii) tkompli tiżgura li l-kuntratti kollha li jinvolvu l-finanzjament tal-Unjoni jirrispettaw bis-sħiħ il-valuri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, inklużi l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-protezzjoni tal-fondi tal-Unjoni; tiżgura li l-monitoraġġ strett u l-mekkaniżmi ta' kontroll *ex ante* u *ex post* jiżguraw li l-individwi kollha involuti f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni jsegwu esklużivament l-objettivi u l-attivitajiet tal-Unjoni approvati għall-finanzjament tal-Unjoni, jitolbu, meta meħtieġ, ir-restituzzjoni ta', jew il-kumpens għal, assi ffinanzjati mill-Unjoni li jkunu ġew imwaqqa', żarmati jew ikkonfiskati;

(iii) tintensifika l-komunikazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tagħti lill-QEA aċċess komplet, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq il-kompitu tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux unikament f'format li jinqara biss;

(iv) tistabbilixxi miżuri adegwati ta' kontroll *ex ante* u *ex post* f'żoni instabbli jew ta' kunflitt biex jiġi żgurat il-kontroll xieraq tal-infiq tal-fondi tal-Unjoni, u modi biex il-fondi tal-Unjoni jiġu rkuprati;

(v) tiżgura l-awditjar xieraq, f'waqtu u bir-reqqa, anke bl-inklużjoni tal-UPPE u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, tal-fondi kollha pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Ukrajna u l-faċilità futura għall-Balkani tal-Punent;

Amministrazzjoni pubblika Ewropea

Riżorsi Umani

210. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-Intestatura 7 tal-QFP "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea" kien ta' EUR 11,6-il biljun (5,9 % tal-baġit tal-Unjoni), li jinkludi n-nefqa tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni fuq ir-riżorsi umani u l-pensjonijiet (madwar 70 % tat-total), il-bini, it-tagħmir, l-enerġija, il-komunikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-informazzjoni; jinnota li mill-ammont totali, 58,6 % jintefaq mill-Kummissjoni (EUR 6,7 biljun); jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati għall-Kummissjoni Ewropea kienu ta' EUR 6 298,13 miljun (99,84 % minnhom ġew implimentati, jiġifieri EUR 6 288,14 miljun), kif ukoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 6 298,22 miljun (94,66 % minnhom ġew implimentati, jiġifieri EUR 5 961,72 miljun);

211. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 60 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 7 tal-QFP li jinvolvu l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-Qorti eżaminat ukoll l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-RAA tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, inklużi dawk tad-Direttorati Ġenerali u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva, u li mbagħad ġiet inkluża fl-AMPR tal-Kummissjoni; jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball fl-Intestatura 7 tal-QFP ma kienx materjali u jinnota li ma hemm l-ebda rakkomandazzjoni ġdida indirizzata lill-Kummissjoni;

212. Jinnota li l-Kummissjoni adottat l-istrateġija l-ġdida tagħha dwar ir-Riżorsi Umani ("Strateġija HR") f'April 2022, li għandha l-għan li tindirizza l-ħtiġijiet emerġenti wara l-kriżi tal-COVID-19 u tiffoka fuq il-kisba ta' post tax-xogħol attraenti, selezzjoni u reklutaġġ aktar rapidi u aktar aġli, u karriera flessibbli u ta' sodisfazzjon għall-persunal kollu; jinnota li d-dokument huwa sett ta' intenzjonijiet għal bidla u titjib li għandhom jiġu implimentati gradwalment, u li parti mill-kontenut tiegħu għandha l-ewwel tiġi nnegozjata fid-djalogu soċjali mar-rappreżentanti tal-persunal;

213. Jinnota li l-Kummissjoni rreklutat dejjem aktar aġenti kuntrattwali jew temporanji f'pożizzjonijiet permanenti biex iwettqu kompiti ġodda li jirriżultaw minn prijoritajiet li qed jevolvu malajr, b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet speċjali jew urġenti u anke biex tikkumpensa għal reklutaġġ ġeografikament żbilanċjat; ifakkar fit-tħassib tiegħu dwar it-telf ta' għarfien għall-istituzzjonijiet, kif ukoll l-impatt negattiv fuq il-prospetti u s-sigurtà tal-impjieg tal-membri tal-persunal ikkonċernati; jenfasizza li r-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali jew temporanji mhuwiex soluzzjoni sostenibbli għall-applikazzjonijiet li qed jonqsu u li huma ġeografikament żbilanċjati ta' dawk li japplikaw għall-kompetizzjonijiet tal-Unjoni u, l-aktar importanti, għall-kwistjoni li ilha identifikata u kumplessa tat-tnaqqis tal-attraenza tal-Unjoni bħala impjegatur;

214. Jinnota b'sodisfazzjon li l-perċentwal tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' maniġment żdied b'mod konsiderevoli mill-bidu tal-mandat: f'Lulju 2023, is-sehem tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' maniġment kien ta' 45,2 % fil-livell ta' maniġment superjuri (żieda ta' kważi 9 punti perċentwali mill-bidu tal-mandat) u 47,5 % fil-livell ta' maniġment medju (żieda ta' 6 punti perċentwali);

215. Jirrikonoxxi li, sabiex jiġi żgurat reklutaġġ fuq l-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli, jeħtieġ li jiġu indirizzati l-kawżi tas-sottorappreżentanza mill-punt tar-reklutaġġ inizjali; jilqa' l-fatt li, biex jissaħħaħ il-bilanċ ġeografiku fost kategoriji differenti ta' persunal tal-Kummissjoni, id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà (DĠ HR) iltaqa' mal-Istati Membri kollha biex jiddiskuti r-rappreżentanza tagħhom u ffinalizza l-pjanijiet ta' azzjoni konġunti kollha filwaqt li qies l-ispeċifiċitajiet ta' kull Stat Membru biex jiġu indirizzati l-kawżi possibbli ta' sottorappreżentanza b'mod konġunt;

216. Jinnota l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni biex tiżdied l-attraenza tal-karrieri fil-Lussemburgu; jinnota l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni kontra l-introduzzjoni ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni għal-Lussemburgu f'dan l-istadju fir-rapport tagħha li jivvaluta l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni (COM(2022)0180 final); ifakkar fit-talbiet imtennija tiegħu lill-Kummissjoni biex issib modi biex ittaffi l-problema li qed tikber tad-disparità fil-kapaċità tal-akkwist imġarrba mill-membri tal-persunal stazzjonati fil-Lussemburgu, li hija prinċipalment dovuta għall-għoli tal-ħajja;

217. Ifakkar fl-awditu tal-Qorti tal-attivitajiet tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) u l-osservazzjonijiet rigward l-effikaċja u l-effiċjenza tiegħu ([18]); jinnota li, fl-2022–2023, l-EPSO introduċa testijiet b'inviġilazzjoni mill-bogħod u jiddeplora l-fatt li din is-sistema issa qed tiġi vvalutata mill-ġdid minħabba d-diversi diffikultajiet tekniċi li ħafna kandidati esperjenzaw; jesprimi dispjaċir għall-inkonvenjent ikkawżat lill-kandidati, l-ispejjeż baġitarji diretti tas-sospensjoni tal-kompetizzjonijiet esterni, u l-isforz addizzjonali li sar mis-servizzi ta' reklutaġġ tal-Kummissjoni biex tinstab sostituzzjoni adegwata;

218. Ifakkar fil-konklużjoni tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 13/2019 tagħha li "kull imġiba mhux etika min-naħa tal-persunal u l-Membri tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea (UE) hija inaċċettabbli. Din l-imġiba — anki jekk tkun biss allegata — tattira livelli għoljin ta' interess pubbliku u tnaqqas il-fiduċja fl-UE"; jiddispjaċih dwar iż-żewġ każijiet ta' kunflitti ta' interess potenzjali li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli fid-DĠ MOVE għall-missjonijiet u d-DĠ NEAR għas-sjieda rrappurtati mill-istampa fl-2022; jinnota li l-Kummissjoni timplimenta sistema effettiva ta' kontroll intern fi kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-etika skont il-Qorti fir-rapport tagħha tal-2019 u l-Ombudsman Ewropew fid-deċiżjoni tagħha dwar l-inkjesta rigward ir-revolving doors; jirrimarka li l-imġiba mhux etika għandha wkoll kost baġitarju għall-istituzzjoni kkonċernata u jtenni l-pożizzjoni u l-aspettattivi tiegħu rigward il-Korp tal-Etika tal-Unjoni;

219. Jinnota l-ħolqien u r-reklutaġġ sussegwenti ta' Rappreżentant tal-UE għall-SMEs li huwa Aġent Temporanju "Hors Classe" fil-grad AD 15; jiddispjaċih li diversi mezzi tal-media rrappurtaw li l-applikant li rnexxa fl-aħħar mill-aħħar inħatar minkejja li fil-valutazzjonijiet tar-reklutaġġ ħareġ li kellu anqas kwalifiki miż-żewġ kandidati nisa li kien fadal minn Stati Membri sottorappreżentati, u dan iqajjem il-kwistjoni jekk il-prinċipji tal-mertu, tal-ġeneru u tal-bilanċ ġeografiku ġewx ikkunsidrati; jinnota bi tħassib li l-kandidat li rnexxa huwa Membru uxxenti mill-partit politiku Ġermaniż tal-President von der Leyen stess; jistieden lill-Kummissjoni tirranġa s-sitwazzjoni billi tirrevoka l-ħatra u tniedi proċess tassew trasparenti u miftuħ għall-għażla tar-Rappreżentant tal-UE għall-SMEs;

Bini u amministrazzjoni

220. Jinnota li s-sistema finanzjarja korporattiva ċentrali l-ġdida tal-Kummissjoni, SUMMA, kellha tibda topera sa tmiem l-2023 u kienet imxiet 'il quddiem f'konformità mal-objettiv li tibda topera fil-bidu tal-2024; jiddispjaċih li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tas-sistema kontabilistika l-ġdida ġiet estiża b'sena minħabba li l-implimentazzjoni tal-konnessjonijiet tal-programmi operattivi (ġestjoni kondiviża, għotjiet elettroniċi, akkwist elettroniku, pagamenti tal-persunal) mas-SUMMA fl-istess ħin uriet li hija eżerċizzju aktar kumpless milli mistenni; jisħaq bi tħassib li l-ispiża tal-programm SUMMA mill-varar tiegħu fil-bidu tal-2018 sal-aħħar tal-2022 kienet ta' madwar EUR 95 miljun u li l-estensjoni tal-iskeda ta' żmien tiegħu se tirrikjedi riżorsi addizzjonali fl-2024, li huwa stmat li huma ta' madwar EUR 7 miljun;

221. Jinnota l-adozzjoni, fil-5 ta' April 2022, tal-"Komunikazzjoni dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-Kummissjoni", li għandha l-għan li tikseb in-newtralità klimatika sal-2030, inkluż pjan ta' azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha; jinnota li l-Kummissjoni bihsiebha tilħaq dawn l-objettivi billi takkwista bini aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u aktar ekoloġiku, billi taqleb għal spazji tax-xogħol kollaborattivi dinamiċi u tnaqqas l-għadd ta' uffiċċji, u jtenni t-twissija tiegħu li l-benesseri u s-sodisfazzjon tal-persunal għandhom jitqiesu fid-deċiżjonijiet futuri kollha f'dan ir-rigward;

222. Jinnota r-rapporti tal-media dwar in-negozjati bejn il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni dwar tranżazzjoni ta' proprjetà immobbli li tiswa kważi EUR 1 biljun u, bl-istess mod, il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tikri spazji għall-uffiċċji fiż-żona tat-Tramuntana ta' Brussell, inkluż in-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-persunal ikkonċernat; jisħaq li kwalunkwe żvilupp fil-politiki dwar il-proprjetà immobbli tal-Kummissjoni ma għandux jippeġġora l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tagħha;

([18]) Rapport Speċjali 23/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal: Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta' reklutaġġ li qed jinbidlu".

223. Jinsab imħasseb li l-Kummissjoni rrifjutat li tipprovdi rekords tad-diskussjonijiet ma' kumpanija farmaċewtika u jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' trasparenza relatata mal-messaġġi testwali bejn il-President tal-Kummissjoni u l-kumpaniji farmaċewtiċi rigward ix-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19; jinnota d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew dwar il-każ relatat 1316/2021/MIG li tqis li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' messaġġi testwali fir-reġistru tad-dokumenti tagħha jikkostitwixxi "amministrazzjoni ħażina", u jinsab imħasseb li l-Kummissjoni ma tatx segwitu għar-rakkomandazzjoni biex issir tfittxija oħra għal messaġġi testwali rilevanti; jinnota li, sal-lum, il-Kummissjoni ma għamlitx disponibbli għall-Membri tal-Parlament Ewropew il-verżjonijiet mhux redatti tal-kuntratti ffirmati; ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-13 ta' Lulju 2023 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti — rapport annwali għas-snin 2019–2021;

L-Iskejjel Ewropej

224. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti, fir-rapport annwali tagħha dwar il-kontijiet għall-Iskejjel Ewropej għas-sena finanzjarja 2022, ma sabet l-ebda żball materjali fil-kontijiet annwali konsolidati finali tal-Iskejjel Ewropej għall-2022; jilqa' aktar titjib enfasizzat mill-Qorti fil-kwalità tal-kontijiet individwali u konsolidati finali meta mqabbla mas-snin preċedenti;

225. Jinnota bi tħassib li kemm il-Qorti kif ukoll l-awditur estern sabu żbalji immaterjali, li prinċipalment kienu relatati mal-kalkolu tad-dispożizzjonijiet għall-benefiċċji ta' wara l-impjieg u li l-opinjonijiet tal-awditjar tal-awditur estern ma kinux konformi mal-kuntratt qafas konkluż mal-Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali (l-"Uffiċċju Ċentrali");

226. Jinnota li l-Qorti, filwaqt li faħħret it-titjib fil-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' akkwist fl-Uffiċċju Ċentrali, sabet, għal tnejn mis-seba' skejjel li rrieżaminat (Frankfurt u Luxembourg I), nuqqasijiet f'dawn il-proċeduri; jinnota bi tħassib li l-Qorti, għal darb'oħra, innotat dgħufijiet f'termini ta' proċeduri ta' pagament kemm għall-Uffiċċju Ċentrali kif ukoll għaż-żewġ skejjel li ġew rieżaminati;

227. Ifakkar li l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2023 dwar is-sistema tal-Iskejjel Ewropej: sitwazzjoni attwali, sfidi u perspettivi, ([19]) saħaq li s-sistema attwali tar-reklutaġġ tal-għalliema fis-Sistema tal-Iskejjel Ewropej (EES) għandha nuqqasijiet serji, li jirriżultaw f'nuqqas ta' qbil bejn il-ħtiġijiet fil-prattika u l-persunal reali sekondat mill-Istati Membri, kwistjonijiet bi pjanijiet annwali ta' reklutaġġ, diffikultajiet biex jinstabu għalliema u persunal kwalifikati, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji għal għalliema reklutati lokalment u persunal edukattiv ieħor u problemi bi żvilupp professjonali kontinwu;

Rakkomandazzjonijiet

228. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tqis fuq bażi ugwali l-użu effiċjenti tal-ispazji tal-uffiċċji u s-saħħa u l-benesseri tal-persunal filwaqt li timplimenta l-istrateġija l-ġdida tar-riżorsi umani, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll tinvolvi kif xieraq lir-rappreżentanti tal-persunal meta jinbidlu l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(ii) tibqa' viġilanti fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni adegwata ta' każijiet ta' burnout fil-kuntest akbar ta' persunal, ta' ammont ta' xogħol u ta' benesseri tal-persunal;

(iii) issaħħaħ il-miżuri maħsuba biex jappoġġjaw lin-nisa li jkunu qed isegwu karriera maniġerjali sabiex jiżdied l-għadd ta' applikazzjonijiet minn nisa bi kwalifiki għoljin għal pożizzjonijiet ta' maniġment medju u superjuri kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fl-aġenziji tal-Unjoni;

(iv) tkompli l-ħidma tagħha biex issaħħaħ bilanċ ġeografiku tal-persunal tagħha fil-livelli kollha waqt li fl-istess ħin tissodisfa r-rekwiżiti fir-Regolamenti tal-Persunal dwar il-kompetenzi u l-merti tal-kandidati;

(v) tindirizza mingħajr aktar dewmien u b'mod effiċjenti l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-membri tal-persunal li huma assenjati u residenti l-Lussemburgu;

(vi) tagħmel investimenti xierqa fil-bini tal-kapaċitajiet u r-riżorsi tal-IT biex l-EPSO biex ikun aktar effiċjenti u effettiv u, b'mod partikolari, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ottimali għat-testijiet organizzati fil-qafas ta' proċeduri ta' selezzjoni futuri; u

(vii) tiżgura approċċ aħjar u aktar strett tal-ġestjoni tar-riskji f'dik li hija t-tħejjija tal-varar tas-SUMMA, u tevita riskji materjali ta' tfixkil temporanju sakemm is-sistema kontabilistika l-ġdida tkun kompletament operattiva;

(viii) tagħti segwitu lir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman fil-każ 1316/2021/MIG, kif ukoll tiżgura li l-linji gwida interni tagħha dwar ir-reġistrazzjoni tad-dokumenti jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]);

([19]) Testi adottati, P9_TA(2023)0306.

([20]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

229. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tibqa' tappoġġja lill-Iskejjel Ewropej biex:

(i) jimplimentaw mingħajr dewmien ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet tal-Iskejjel Ewropej għas-sena finanzjarja 2022, u jżommu lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress;

(ii) isolvu b'urġenza n-nuqqas kontinwu ta' għalliema u jiżguraw sitwazzjoni ta' impjieg stabbli u ġusta għal kulħadd billi jżommu l-persunal u jnaqqsu d-dawran, u b'hekk jevitaw ukoll eżodu ta' mħuħ; u

(iii) iwettqu rieżami fil-fond, taħt president indipendenti, tal-istrutturi ta' governanza u maniġment fis-Sistema tal-Iskejjel Ewropej u jinvolvu lid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura tal-Kummissjoni;

KAPITOLU II

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)

Kummenti ġenerali

230. Ifakkar li t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020 biddlet f'daqqa l-perspettiva ekonomika u soċjali tal-Unjoni u wasslet għal sforz unifikat biex jitnieda l-pakkett ta' rkupru għall-Ewropa, li jikkonsisti fil-QFP tal-2021–2027 u l-NGEU, li l-pedament tiegħu huwa l-RRF; ifakkar li l-objettiv tal-RRF huwa li jipprovdi lill-Istati Membri appoġġ finanzjarju biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali serju tal-pandemija tal-COVID-19 u biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti, inklużivi u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; ifakkar li l-RRF hija strument innovattiv u temporanju bbażat fuq il-prestazzjoni, li jfisser li l-pagamenti huma marbuta mat-twettiq sodisfaċenti ta' stadji importanti u miri (M&Ts) li jirriflettu l-progress fir-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), li huma stabbiliti f'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill;

231. Jinnota li s-27 RRP kollha ġew adottati sal-aħħar tal-2022, u allokaw EUR 335,1 biljun f'għotjiet u EUR 165,3 biljun f'self, li se jitħallsu mat-twettiq ta' 2 557 miżura (li jikkonsistu f'madwar terz għar-riformi u żewġ terzi għall-investimenti), u s-6 237 stadju importanti u mira relatati tagħhom sal-2026; jinnota li, fl-2022, il-Kummissjoni żborżat total, inkluż il-prefinanzjament, ta' EUR 74,4 biljun (EUR 47,2 biljun f'għotjiet u EUR 27,2 biljun f'self);

232. Jinnota li l-Pjan REPowerEU tnieda f'Mejju 2022 biex jgħin lill-Unjoni tnaqqas id-dipendenza tagħha mill-fjuwils fossili Russi billi tiffranka l-enerġija, tipproduċi enerġija nadifa u tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha, li huwa allinjat mat-tranżizzjoni ekoloġika; jinnota li l-emendi introdotti fir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]) ("ir-Regolament RRF") bir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) dwar ir-REPower EU żiedu finanzjament u prijoritajiet addizzjonali mal-RRF; jinnota li s-27 Stat Membru kollha ppreżentaw RRPs modifikati biex jinkludu l-kapitoli REPowerEU, iżda anke biex jitolbu appoġġ addizzjonali għas-self, jagħmlu aġġustamenti wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima jew jagħmlu emendi minħabba ċirkostanzi oġġettivi, kif permess mir-Regolament RRF; jinnota li r-reviżjoni tal-RRPs hija soġġetta għall-istess kriterji ta' valutazzjoni bħall-pjanijiet oriġinali, flimkien ma' rekwiżiti speċifiċi applikabbli għall-kapitoli REPowerEU;

233. Ifakkar li, fl-ambitu tal-NGEU, il-Kummissjoni tista' tiġġenera sa EUR 806,9 biljun bejn nofs l-2021 u l-2026 permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-Unjoni; jinnota li f'Ġunju 2022, il-Kummissjoni ħabbret pjan ta' finanzjament għall-perjodu bejn Ġunju u l-aħħar ta' Diċembru 2022 u ġġenerat EUR 50 biljun addizzjonali f'finanzjament fit-tul għall-NGEU, ikkomplementat minn ħruġ ta' kambjali tal-UE għal perjodu qasir, li jġib l-ammont pendenti totali ta' bonds tal-NGEU għal EUR 171 biljun, li minnhom EUR 36,5 biljun ġew iġġenerati bil-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi; jinnota li dan id-dejn jikkonsisti f'ammonti mislufa b'maturitajiet differenti, li jvarjaw minn sena (1) għal aktar minn 25 sena; jinnota li l-ħlas lura tad-dejn tal-NGEU se jibda biss wara l-2028;

([21]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

([22]) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

234. Jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiġġenera fondi fis-swieq finanzjarji ħalli tipprovdi l-mezzi finanzjarji għall-RRF; jinnota li, fl-2020, ammont ta' EUR 14,9-il biljun kien ippjanat fil-QFP 2021–2027 biex ikopri l-pagamenti tal-imgħax għall-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU; jinsab imħasseb dwar l-impatt tar-rati tal-imgħax ogħla fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-Unjoni, billi r-rati tal-imgħax fuq bonds tal-UE ta' 10 snin żdiedu minn 0,09 % fl-2021 għal 3,2 % fl-2023; jinnota li l-kostijiet tas-self AAA tal-Kummissjoni huma ogħla minn xi Stati Membri bi klassifikazzjoni aktar baxxa; jinnota li l-ammonti mislufa jeħtieġ li jitħallsu lura u l-attivitajiet ta' self jibqgħu meħtieġa mhux biss biex jiġu ġġenerati fondi ġodda, iżda anke biex jiġi sostitwit id-dejn eżistenti; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fir-rati tal-imgħax, b'mod partikolari fl-2022, u d-djun li jirriżultaw u l-kapaċità inċerta li jitħallas lura s-self, filwaqt li jitqies l-ammont kbir ta' flus li l-Kummissjoni qed tissellef sabiex tiffinanzja l-RRF; jinnota, madankollu, li bħalissa d-dejn huwa EUR 90 biljun inqas minn dak previst inizjalment; jinnota l-pjan fit-tul tal-Kummissjoni għall-ħlas lura tad-dejn u jistieden lill-Kummissjoni taġġornah regolarment u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe riskju ġdid li jista' jinfluwenza l-implimentazzjoni tiegħu; jinnota d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-Unjoni se tissodisfa l-obbligi tagħha fil-konfront tad-detenturi tal-bonds fiċ-ċirkostanzi kollha u l-proposta tagħha għal modifika teknika fil-QFP biex jiġi ottimizzat it-trattament baġitarju tal-ispejjeż tas-self tal-NGEU; jinnota li l-informazzjoni dwar id-dejn tal-UE u l-ħlasijiet lura ppjanati huma parti mir-rapportar regolari fid-djalogu dwar l-NGEU; jitlob li l-Kummissjoni tkompli tipprovdi aktar informazzjoni lill-Parlament Ewropew dwar kif se jsir il-ħlas lura u minn liema istituzzjonijiet qed jiġu mislufa l-fondi; jenfasizza li dan id-dejn huwa piż għall-baġit tal-UE;

235. Jilqa' l-istima tal-Kummissjoni li l-implimentazzjoni sħiħa tal-istadji importanti u l-miri kwantifikabbli sa tmiem l-2026 iffinanzjati mill-Bonds Ekoloġiċi tal-NGEU, li jikkorrispondu għal 57 % tan-nefqa eliġibbli tal-Bonds Ekoloġiċi tal-NGEU, tista' tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) b'44 miljun tunellata ta' CO_2 kull sena — ekwivalenti għal 1,2 % tal-aggregat għall-emissjonijiet GHG tal-Unjoni fl-2022, u jinsisti fuq implimentazzjoni xierqa; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jilħqu l-miri klimatiċi tar-regolament u jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

Osservazzjonijiet tal-Qorti

236. Jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-RRF fl-2022; jinsab imħasseb li l-Qorti kkonkludiet li 11 mit-13-il pagament tal-RRF li saru fl-2022 kienu affettwati minn sejbiet kwantitattivi u li 6 minn dawn il-pagamenti kienu affettwati minn żball materjali; jinnota li, fl-opinjoni tal-Qorti, ħlief għal dawk il-kwistjonijiet, in-nefqa tal-RRF aċċettata fil-kontijiet għas-sena 2022 hija legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jinnota li n-natura tal-mudell ta' nfiq tal-RRF hija bbażata fuq il-valutazzjonijiet li għandhom isiru mill-Kummissjoni u, għalhekk, il-Qorti ma tipprovdix rata ta' żball iżda tistma li l-impatt finanzjarju minimu tas-sejbiet tagħha huwa inqas minn, iżda qrib, il-limitu ta' materjalità;

237. Jinnota li l-Qorti awditjat 244 mill-274 stadju importanti u s-37 mira kollha inklużi fit-talbiet għall-pagamenti tal-2022 għall-għotjiet; jiddispjaċih li l-Qorti tqis li 15 minnhom kienu affettwati minn kwistjonijiet ta' regolarità (anqas minn 5 % tat-total); jinnota li l-Qorti tqis li r-rekwiżiti ma kinux ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti għal 8 M&Ts fi 8 pagamenti u li l-Kummissjoni kienet għamlet il-pagamenti korrispondenti; jinnota li l-konklużjonijiet tal-Qorti huma bbażati fuq xogħol ta' awditjar estensiv u li l-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tal-Qorti tar-rekwiżiti legali stabbiliti mill-Kunsill jew fuq sentenzi kwalitattivi differenti mill-Kummissjoni; jinnota li l-pagamenti kollha tal-RRF iridu jiġu vvalutati skont il-qafas ikkomunikat u applikat mill-Kummissjoni, li jeħtiġilha tqis, għal kull pagament, l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-iskrutinju mill-esperti tal-Istati Membri skont il-proċedura ta' komitoloġija;

238. Jinnota li l-Qorti identifikat dak li tqis li huma żewġ każijiet ta' kontinwazzjoni ta' proġett preeżistenti, li beda qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà, u miri li kienu sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti; jinsab imħasseb dwar sitwazzjonijiet bħal dawn, għalkemm din il-konklużjoni ma taqbilx mal-kunsiderazzjoni tal-Qorti stess li azzjonijiet rikorrenti jirreferu għal tipi ta' nefqa bħall-persunal u l-ispejjeż operattivi ta' entitajiet tal-gvern; ifakkar li l-RRF ma għandhiex tintuża biex tiffinanzja nefqa baġitarja rikorrenti u jitlob li jittieħdu miżuri adegwati, inklużi pagamenti parzjali, meta tali każijiet jiġu identifikati mill-Kummissjoni;

239. Ifakkar fl-osservazzjoni tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 21/2022 u fir-Rapport Annwali tagħha għall-2021 li l-istadji importanti u l-miri spiss ma jkunux ċari u mhumiex definiti sew u li l-Qorti tagħmel l-istess osservazzjoni fir-rapport annwali tagħha tal-2022; jistieden lill-Kummissjoni tislet mit-tagħlimiet meħuda meta tfassal strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni;

240. Jinsab imħasseb dwar is-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 26/2023 li l-istadji importanti u l-miri jvarjaw fl-ambizzjoni bejn l-Istati Membri u jqis li dan huwa eżempju ieħor ta' kif il-Kummissjoni ma tittrattax lill-Istati Membri b'mod ugwali; jinnota li l-Kummissjoni kkonfermat id-differenzi u se tipprova ttejjeb it-trattament ugwali matul il-fażi ta' implimentazzjoni; iqis li l-Istati Membri b'mod awtomatiku għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali u jiddispjaċih li dan ma kienx il-każ meta ġew innegozjati l-RRPs; jinsisti li għandu jiġi żgurat trattament ugwali meta jiġi evalwat it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri;

241. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tqis li fl-2022 seħħ każ ta' finanzjament doppju, minkejja li l-miżura inkwistjoni ma għandha l-ebda spiża marbuta magħha fl-ambitu tal-RRF; jinnota l-osservazzjoni tal-Kummissjoni li, skont ir-Regolament RRF, "finanzjament doppju" huwa espliċitament marbut mal-ispejjeż u għalhekk, ma jista' jkun hemm l-ebda "finanzjament doppju" jekk l-Istat Membru ma jkun ippreżenta l-ebda stima tal-ispejjeż bħala parti mill-pjan nazzjonali tiegħu; jinnota li l-Kummissjoni tissottolinja li r-riformi mingħajr spejjeż ma jżidux il-pakkett finanzjarju iżda, madankollu, huma kriterji essenzjali għall-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni tal-RRPs, kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom għall-pagamenti rilevanti;

242. Jinnota bi tħassib li l-Qorti identifikat ukoll diversi każijiet ta' disinn dgħajjef fl-M&Ts u problemi bl-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom, u jinnota li l-Kummissjoni taqbel li tirrieżamina l-M&Ts dment li jkun hemm ġustifikazzjoni legali biex jinbidlu l-elementi ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, jiġifieri li Stat Membru jippreżenta pjan emendat u bażi legali tiġġustifika l-bidliet;

243. Jisħaq li, sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni rrapportat 6 każijiet ta' irregolaritajiet potenzjali lill-OLAF, identifikati matul awditi *ex post* jew minn sorsi miftuħa fir-rigward ta' azzjonijiet appoġġjati mill-RRF; jilqa' l-fatt li, fl-2022, l-OLAF xerred qafas ta' riskju għall-RRF u pprovda aktar minn 50 sessjoni ta' taħriġ fl-għarfien dwar il-frodi lid-dipartimenti tal-Kummissjoni, lill-aġenziji u lil sħab esterni oħra, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri;

244. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija prijorità ewlenija u li implimentazzjoni aktar preċiża u monitoraġġ tal-prestazzjoni se jgħinu fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-frodi fl-istadji bikrija; jenfasizza li b'mod partikolari l-M&Ts marbuta mal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni huma essenzjali biex jostakolaw lil individwi, organizzazzjonijiet, gvernijiet jew sistemi kriminali korrotti; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib it-twettiq tal-M&Ts marbuta mal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tirrapporta dwar treġġigħ lura possibbli;

245. Jesprimi tħassib dwar is-sejba tal-Qorti li r-rapportar ta' frodi li jinvolvi n-nefqa tal-RRF huwa nieqes minn approċċ standardizzat b'koordinazzjoni u kooperazzjoni b'saħħithom bejn l-Istati Membri; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni diġà adattat is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet sabiex tkun tista' tintuża għall-RRF mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-UPPE u lil entitajiet rilevanti oħra fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni strutturata biex jidentifikaw u jirrapportaw, skont il-kompetenza rispettiva tagħhom, każijiet u xejriet possibbli ta' frodi u reati kontra l-interess finanzjarju tal-Unjoni biex jipproteġu aħjar il-flus tal-kontribwenti; jitlob lill-Istati Membri jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jikxfu reati f'dan il-qasam;

246. Jilqa' l-isforz li sar fil-ħidma sistematika u komprensiva ta' awditjar tal-Qorti rigward l-RRF, b'enfasi fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li tipprovdi analiżi bir-reqqa tal-aspetti rilevanti tal-Faċilità u għarfien siewi dwar l-implimentazzjoni tagħha; jinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni taċċetta u tapplika b'mod wiesa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jirrikonoxxi li ħafna mill-kwistjonijiet identifikati mill-Qorti huma relatati mal-bażi legali tal-RRF; iqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li jirriżultaw mill-ħidma ta' awditjar tagħha fuq l-RRF huma partikolarment rilevanti għall-koleġiżlaturi għal strumenti ta' finanzjament futuri bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Unjoni;

247. Jisħaq fuq il-fatt li l-RRF ġiet stabbilita bħala l-istrument komuni tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali serju tal-pandemija tal-COVID-19 u biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti, inklużivi u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u għaldaqstant il-mezzi finanzjarji tagħha ma jistgħux jiġu interpretati bħala riżorsi baġitarji proprji tal-Istati Membri; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Qorti u tal-Kummissjoni fil-kontrolli *ex ante* u *ex post* proattivi tagħhom biex jiżguraw li l-fondi jintefqu b'mod effettiv bi twettiq sodisfaċenti tal-M&Ts;

Awditjar u kontroll

248. Jissottolinja li l-qafas ta' kontroll huwa mfassal apposta għan-natura unika tal-RRF u mibni fuq żewġ tipi ta' kontrolli, jiġifieri (i) kontrolli mill-Kummissjoni biex tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tal-impenji u tal-pagamenti, abbażi tat-twettiq sodisfaċenti tal-M&Ts kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li japprovaw l-RRPs, u (ii) kontrolli mill-Istati Membri biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament RRF;

249. Jinnota li, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u l-esperjenza miksuba, il-Kummissjoni ppreżentat il-metodoloġiji tagħha dwar (i) il-valutazzjoni tat-twettiq sodisfaċenti tal-M&Ts, (ii) il-kalkolu tal-ammonti sospiżi f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' stadju importanti jew mira, u (iii) it-trattament ta' sitwazzjonijiet potenzjali fejn l-M&Ts ivvalutati inizjalment bħala mwettqa b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni sussegwentement treġġgħu lura mill-Istat Membru;

250. Jinnota li l-qafas għall-valutazzjoni tal-M&Ts huwa nieqes minn spjegazzjonijiet, inkluż għaliex il-mekkaniżmu ta' verifika kif deskritt fl-arranġament operattiv ma għandux jiġi kkunsidrat għall-valutazzjoni; jinnota li d-definizzjonijiet ta' "twettiq sodisfaċenti" tal-M&Ts rilevanti huma definiti permezz ta' termini li ma għandhomx definizzjoni ċara u fihom elementi diskrezzjonali, bħal "devjazzjoni minima minn rekwiżit" jew "dewmien proporzjonali", u li l-metodoloġija għad-determinazzjoni ta' pagament parzjali ma tipprovdix spjegazzjoni għall-valuri magħżula bħala koeffiċjenti; jitlob li jingħataw aktar kjarifiki;

251. Jesprimi tħassib li l-Kummissjoni tiddependi fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u jirrakkomanda komunikazzjoni aktar attiva biex jiġi identifikat b'mod proattiv kwalunkwe treġġigħ lura potenzjali tal-M&Ts; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li twettaq reviżjoni tal-proċeduri tal-awditjar *ex post* tagħha biex tivverifika t-treġġigħ lura potenzjali tal-M&Ts wara l-pagament, għalkemm jiddispjaċih li ma tipprevedi l-ebda monitoraġġ wara l-2026 dwar treġġigħ lura potenzjali; jinsab partikolarment imħasseb li ma hemm l-ebda dispożizzjoni legali fir-Regolament RRF li tindirizza t-treġġigħ lura tal-M&Ts wara l-aħħar data għall-pagamenti mill-RRF u li l-metodoloġija tal-Kummissjoni, konsegwentement, ma tipprovdix ċarezza legali f'każ li M&T jitreġġa' lura wara l-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF ladarba jkunu saru l-pagamenti kollha, speċjalment minħabba li xi M&Ts importanti inklużi fl-RRPs x'aktarx li għandhom jitwettqu fl-aħħar parti tal-ħajja tal-RRF;

252. Jinnota li 12-il RRP nazzjonali fihom riformi tal-Istat tad-dritt jew tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-istadji importanti u l-miri tagħhom; jinnota l-każ reċenti ta' treġġigħ lura potenzjali ta' żewġ stadji importanti li jikkonċernaw l-Istat tad-dritt fi Stat Membru wieħed; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tagħti aktar attenzjoni lit-treġġigħ lura potenzjali tal-M&Ts fil-qasam tal-Istat tad-dritt peress li huma partikolarment vulnerabbli għal deċiżjonijiet governattivi arbitrarji;

253. Jinnota li l-Kummissjoni vverifikat l-adegwatezza tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri bħala prekundizzjoni għall-valutazzjoni pożittiva tal-RRPs; jinnota li ġew miżjuda "stadji importanti ta' kontroll" speċifiċi addizzjonali, min-naħa tagħhom, bħala prekundizzjoni għall-ewwel pagamenti fl-RRPs ta' 16-il Stat Membru fejn lakuni jew nuqqasijiet kienu jeħtieġu miżuri addizzjonali biex tiġi żgurata l-adegwatezza sħiħa tas-sistemi biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinsab imħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti ta' dgħufijiet persistenti fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri li jqiegħdu f'riskju l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-finanzjament tal-RRF u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jindirizzawhom malajr; jilqa' l-fatt li l-Qorti ma qajmet l-ebda kwistjoni relatata mat-twettiq sodisfaċenti tagħhom ivvalutat matul l-2022; jinnota problemi bl-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni mill-Istati Membri, li jitfgħu dubji fuq il-possibbiltà li wieħed jiddependi fuqhom meta jiġu vvalutati l-istadji importanti u l-miri; jinnota li l-Kummissjoni wettqet 16-il awditu tas-sistema fl-2022 u 14 fl-2023, inkluż jekk jivverifikawx il-konformità mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali, biex is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri kollha jkunu ġew awditjati mill-anqas darba sal-aħħar tal-2023; jifhem li r-Regolament RRF iqiegħed ir-responsabbiltà prinċipali li jiġi żgurat ir-rispett għad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni fuq l-Istati Membri iżda huwa mħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti rigward diskrepanza fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-konformità minħabba li hemm nuqqas ta' awditi tal-konformità mill-Kummissjoni dwar proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF; jappella għal applikazzjoni adegwata u ugwali tal-Artikolu 22 tar-Regolament RRF għall-Istati Membri kollha u jfakkar li n-nuqqas ta' twettiq ta' M&Ts relatati mas-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru jista' jwassal għas-sospensjoni tal-pagament parzjali sħiħ u tal-pagamenti parzjali futuri kollha;

254. Ifakkar li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([23]) (ir-"Regolament dwar l-UPPE") jipprevedi li l-UPPE għandu jkun kompetenti fir-rigward tar-reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371 fit-termini stabbiliti fir-Regolament dwar l-UPPE u speċifikament fil-Kapitolu IV tiegħu;

255. Jesprimi tħassib dwar il-każijiet irrappurtati lill-UPPE wara l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-RRF, jiġifieri 15-il każ attiv kif irrappurtat fir-Rapport Annwali 2022 tal-UPPE; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-OLAF u mal-UPPE sabiex tidentifika xejriet ta' frodi, korruzzjoni u ħasil tal-flus relatati mal-RRF u jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'sitwazzjonijiet bħal dawn; jistieden lill-Kummissjoni tqis sew il-konsegwenzi għall-Istati Membri b'wisq każijiet ta' frodi;

256. Jinnota bi tħassib li r-responsabbiltà tal-UPPE fl-investigazzjoni ta' reati li jinvolvu l-fondi tal-RRF qed tiġi ddubitata f'9 każijiet fi Stat Membru; jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ntalbet tagħti opinjoni f'wieħed minn dawn il-każijiet permezz ta' mistoqsija preliminari;

([23]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

Implimentazzjoni u impatt

257. Jinnota li, fl-2022, il-Kummissjoni għamlet 13-il pagament lil 11-il Stat Membru li jammontaw għal total ta' EUR 72,2 biljun, wara t-twettiq sodisfaċenti ta' 366 M&T (328 stadju importanti u 38 mira); jinnota li mid-data tal-pubblikazzjoni tat-tieni rapport ta' implimentazzjoni f'Settembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet 32 talba għal pagament minn 20 Stat Membru u żborżat ammont totali ta' EUR 153,4 biljun (EUR 106,3 biljun f'għotjiet u EUR 47,1 biljun f'self);

258. Jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta li l-ilħuq tal-M&Ts huwa ġeneralment fit-triq it-tajba, wara li l-ewwel sena tal-funzjonament tal-RRF għamlet enfasi akbar fuq ir-riformi meħtieġa biex jinbena l-qafas għal proġetti ta' investiment sussegwenti ħalli jkollhom impatt akbar; jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta dewmien meta mqabbel mal-kalendarju indikattiv tal-pagamenti, minħabba l-proċess ta' reviżjoni tal-RRPs fil-kuntest tal-Pjan REPowerEU u l-isfidi ta' implimentazzjoni li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri, bħal kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva, ostakli fl-investiment, u l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inklużi l-kriżi tal-enerġija, xokkijiet mhux mistennija fil-prezzijiet, nuqqas ta' ċerti materjali u inflazzjoni għolja;

259. Jinnota li l-Istati Membri jistgħu jkunu mgħakksin b'xogħol amministrattiv bit-trasferimenti ta' fondi kbar tal-RRF u fondi ta' koeżjoni fl-istess ħin, u b'hekk idewmu l-implimentazzjoni u potenzjalment jheddu t-trasparenza; jinnota r-riskju ta' finanzjament doppju bejn l-RRF u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tivverifika b'mod attiv, inklużi l-bażijiet tad-data rilevanti, u tikkomunika mal-Istati Membri dwar il-kapaċitajiet amministrattivi tagħhom biex tiżgura li ma jseħħx finanzjament doppju;

260. Jinnota li diversi Stati Membri pproponew li jużaw il-fondi tal-RRF permezz ta' strumenti finanzjarji implimentati mill-BEI u banek ta' investiment nazzjonali oħra biex jinċentivaw l-investimenti privati taħt ċerti kundizzjonijiet; jinsab imħasseb dwar l-użu possibbli ta' dawn l-istrumenti bl-għan li l-użu tal-fondi tal-RRF jiġi estiż lil hinn mill-2026; ifakkar li l-RRF hija strument ta' kriżi u li l-finanzjament għandu jiġi implimentat matul il-ħajja tiegħu;

261. Jinnota li l-Kummissjoni qed tappoġġja lill-Istati Membri kollha biex jaċċeleraw l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-pjanijiet tagħhom, inkluż permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku; jisħaq fuq l-importanza tar-rwol proattiv tal-Kummissjoni fl-appoġġ lill-Istati Membri biex jevitaw bl-aħjar mod id-dewmien u l-problema ta' sottoimplimentazzjoni, kif ukoll biex tiżgura li l-Istati Membri jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li l-flus tal-kontribwenti tal-UE jintefqu b'mod adegwat; jirrimarka li, b'mod partikolari, il-ġlieda kontra l-irregolaritajiet serji u l-finanzjament doppju għandha tibbenefika minn riżorsi u attenzjoni xierqa; jinnota tħassib, kif inġieb għall-attenzjoni tal-awtorità ta' kwittanza, dwar il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri li jassorbu l-fondi u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' kwalità għolja, speċjalment lejn tmiem il-perjodu tal-RRF;

262. Jinsab imħasseb li, skont it-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF tal-Kummissjoni, 3 Stati Membri għadhom ma ppreżentaw l-ebda talba għal pagament lill-Kummissjoni sa tmiem Diċembru 2023; jappella għal implimentazzjoni rapida tal-RRPs, inkluża evalwazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-ostakli u r-riżultati; jinsab imħasseb li s-sottoimplimentazzjoni, sakemm ma tiġix mitigata malajr, tista' tirriżulta fi kriżi tal-pagamenti;

263. Jikkritika l-fatt li, b'kontradizzjoni mal-għanijiet ewlenin tal-faċilità, id-definizzjoni ta' "reżiljenza" mhijiex biżżejjed biex ittejjeb it-tħejjija ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi futuri; jinnota li ftit li xejn issir enfasi fuq ir-reżiljenza jew il-valur miżjud fil-kontribut għar-reżiljenza meta jiġu enfasizzati l-istadji importanti u l-miri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq indikatur ta' "kontribut għar-reżiljenza" għat-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF u tippreżenta l-impatt fil-qasam tar-reżiljenza f'tabella; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tikkunsidra l-kontribut għar-reżiljenza meta tikkunsidra stadji importanti u miri ġodda li jiġu introdotti fil-pjanijiet nazzjonali riveduti għall-irkupru u r-reżiljenza; iħeġġeġ lill-Qorti tħares aktar mill-qrib, fi studju futur, lejn l-impatt tal-RRF fuq ir-reżiljenza fil-pilastri kollha;

264. Jenfasizza li meta tirrieżamina l-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru riveduti, il-Kummissjoni xorta għandha tapplika b'mod diliġenti l-"Linji gwida ta' valutazzjoni għall-Faċilità" kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament RRF, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta u tikklassifika l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-kriterji ta' rilevanza, effettività, effiċjenza u koerenza (l-Artikolu 19(3)), kif ukoll il-kopertura tas-sitt pilastri, jiġifieri (a) it-tranżizzjoni ekoloġika, (b) it-trasformazzjoni diġitali, (c) it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, (d) il-koeżjoni soċjali u territorjali, (e) is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, (f) il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss (l-Artikolu 3); jafferma li dan huwa proċess importanti biex jiġu evitati pjanijiet ta' rkupru nazzjonali riveduti li jkunu ħafna aktar dgħajfa mill-pjanijiet oriġinali jew li ma jibqgħux jissodisfaw il-kriterji;

265. Jinnota li l-RRF għandha toħloq sinerġiji u li l-miżuri implimentati għandhom iwasslu għal riformi strutturali li jkollhom valur miżjud; jinsab imħasseb li xi pajjiżi rriċiklaw riformi nazzjonali antiki fl-RRPs nazzjonali;

266. Jenfasizza li għandu jkun hemm approċċ ta' kogovernanza aħjar fl-Istati Membri kollha sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, l-akkademja jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jkunu involuti b'mod adegwat fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-RRPs; jappella għall-involviment tagħhom ibbażat fuq prinċipji ċari, ġusti, trasparenti u mhux politiċizzati, fl-implimentazzjoni tal-RRPs sal-livell massimu possibbli fl-ambitu tal-qafas leġiżlattiv nazzjonali;

267. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri japplikaw approċċ ta' tolleranza żero għall-korruzzjoni u l-frodi, inkluża l-approprjazzjoni indebita, mingħajr ebda eċċezzjoni;

268. Jilqa' l-kontribut kruċjali tal-RRF għall-prevenzjoni ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku u kriżi soċjali wara l-pandemija tal-COVID-19, u l-fatt li dan ippermetta mewġa bla preċedent ta' riformi u investimenti madwar l-Unjoni li se jkollhom effett importanti fit-tul fuq il-prodott domestiku gross (PDG); jirrimarka li l-valur miżjud Ewropew tal-RRF ilu li ġie ppruvat mill-fatt li n-natura innovattiva u flessibbli tiegħu tippermetti lill-Istati Membri jilħqu objettivi ta' politika komuni tal-Unjoni; jinnota li, fl-istess ħin, l-RRF jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-pajjiż permezz tat-tfassil tal-RRPs filwaqt li qafas ta' valutazzjoni uniku jiġi applikat b'mod ugwali għall-Istati Membri u t-talbiet għall-pagamenti kollha;

269. Jilqa' l-fatt li r-riformi u l-investimenti proposti mill-Istati Membri b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qabżu l-objettivi stabbiliti fir-Regolament RRF, peress li n-nefqa fuq il-klima stmata tammonta għal madwar 40 % u n-nefqa diġitali għal 26 %, filwaqt li l-objettivi ġew stabbiliti f'perċentwali aktar baxxi ta' 37 % u 20 % rispettivament;

270. Jinnota l-progress irrapportat fis-sitt pilastri tal-RRF u, b'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), u mill-anqas sar xi progress għal 68 % u progress sostanzjali fi 12 % tas-CSRs 2019–2020, li juri l-inċentivi pprovduti mill-RRF; jinnota li l-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs għall-2022 kien sostanzjali wkoll, b'mill-anqas xi progress fi kważi 52 % tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri f'Lulju 2022;

271. Ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 żvelat dgħufijiet strutturali fis-sistemi tas-saħħa madwar l-Unjoni, bħan-nuqqas ta' reżiljenza u ta' kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet; jenfasizza li s-saħħa hija qasam ta' politika f'wieħed mis-sitt pilastri tal-RRF, li jippermettu riformi u investimenti biex jissaħħu l-kapaċità, il-kwalità u r-reżiljenza tagħhom; jinnota li 531 M&T u 223 miżura, kif ukoll 48 % tal-kontribut stmat għal dan il-pilastru huma relatati mal-kura tas-saħħa iżda jiddispjaċih li xi RRPs nazzjonali għandhom stadji importanti jew miri relatati mas-saħħa li ma jikkontribwux għat-tisħiħ tas-sistema tas-saħħa nazzjonali; jinnota li huwa stmat li 45 miljun persuna jistgħu jużaw jew jiġu servuti minn faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati bis-saħħa tal-RRF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-M&Ts relatati mat-tħejjija u r-reżiljenza fis-settur tas-saħħa fejn possibbli meta tirrevedi l-RRPs nazzjonali u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza;

272. Jinnota mir-Rapport Speċjali 26/2023 li, minkejja l-ftit żmien disponibbli għat-tfassil tal-mudell ta' prestazzjoni tal-RRF, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rnexxielhom jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ, inkluża sistema tal-IT, li tippermetti li jitkejjel il-progress fl-implimentazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li taħdem fuq il-kwistjonijiet identifikati u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet relatati;

273. Jisħaq li s-sempliċi tlestija tal-proġetti ffinanzjati mill-fondi tal-RRF ma tiggarantix impatt ekonomiku u soċjali pożittiv, u lanqas il-kwalità u s-sostenibbiltà; jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti li jenfasizzaw xi wħud mill-iżvantaġġi tal-użu ta' qafas ibbażat fuq il-prestazzjoni, b'mod partikolari li wieħed jipprova jikkwantifika r-riżultati peress li l-M&Ts ikejlu pjuttost l-outputs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tapplika t-tagħlimiet meħuda u l-osservazzjonijiet tal-Qorti, u tiżgura li t-tfassil ta' strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni jkejjel ukoll ir-riżultati u mhux biss l-outputs;

274. Jilqa' l-progress konsiderevoli muri mill-indikaturi komuni u fil-pilastri ta' politika kollha sa Diċembru 2022, bħall-iffrankar ta' 22 miljun Megawatt ("MWh") fil-konsum annwali ta' enerġija, l-għajnuna lil 1,43 miljun intraprīża jew permezz ta' appoġġ monetarju jew *in natura*, it-tħarriġ ta' 4 miljun persuna, u l-appoġġ ipprovdut lil 4 115 196 żagħżugħ u żagħżugħa ta' bejn il-15 u d-29 sena;

275. Ifakkar li, fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Ungerija abbażi tal-evalwazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni; ifakkar li ġew miżjuda 27 "stadju importanti super" fl-RRP nazzjonali b'miżuri ta' rimedju u ta' awditjar u kontroll; jinnota li, fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tapprova l-RRP emendat tal-Ungerija, inkluż kapitolu REPowerEU, li jippermetti lill-Ungerija tirċievi EUR 0,9 biljun fi prefinanzjament tal-fondi REPowerEU; jiddispjaċih li l-prefinanzjament imsemmi mhuwiex soġġett għall-proċedura li għaddejja skont il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt;

276. Jinnota li t-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF tipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar l-iżborżi u l-progress li saru mill-Istati Membri, kif ukoll data, indikaturi u analiżi tematika addizzjonali, u jilqa' t-tnedija tal-mappa interattiva għall-Unjoni kollha li turi l-proġetti tal-RRF skont il-post ġeografiku u li tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali; jinsab imħasseb, madankollu, li l-Qorti kkonkludiet li l-prestazzjoni ppreżentata hija nieqsa mit-trasparenza fir-rigward tal-inklużjoni tal-istimi u li l-informazzjoni aggregata mhijiex komparabbli, kif ukoll li l-informazzjoni dwar il-progress taħt is-sitt pilastri hija qarrieqa, jiġifieri meta miżura tiġi assenjata lil qasam ta' politika primarju u sekondarju li jappartjeni għall-istess pilastru, il-kontribuzzjoni ta' kull miżura tingħadd darbtejn; jenfasizza li t-trasparenza dwar il-limitazzjonijiet hija ta' importanza fundamentali peress li taffettwa l-affidabbiltà (perċepita) tal-informazzjoni kollha ppreżentata; jistieden lill-Kummissjoni tirrimedja minnufih in-nuqqasijiet identifikati u tinforma b'mod proattiv dwar il-limitazzjonijiet tad-data ppreżentata fit-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF;

277. Jinnota li ħafna proġetti purament nazzjonali huma elenkati bħala proġetti transfruntieri hekk kif ikollhom elementi ta' ffrankar tal-enerġija jew ta' tnaqqis tal-enerġija; jikkritika s-sovrastima tal-għadd ippubblikat ta' proġetti transfruntieri bħala qarrieqa;

278. Jinnota li l-Qorti sabet li, fir-rigward tar-rapportar dwar l-indikaturi komuni, il-kwalità u l-metodoloġiji sottostanti ma jiġux vverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fl-ebda wieħed mill-Istati Membri miżjura; jistaqsi li fi Stat Membru, għan-nefqa taħt l-Intestatura 3 tal-QFP, it-tħawwil indikat ta' siġar ma kienx jeżisti meta l-Qorti għamlet verifika fuq il-post; jinnota li l-Kummissjoni ma teħtieġx evidenza ta' sostenn jew spjegazzjonijiet dwar id-data rrapportata, ħlief f'każijiet fejn jiġu rrapportati stimi; jinnota li l-Qorti tikkonkludi li dan joħloq riskju għall-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-data fl-Istati Membri kollha; jikkonkludi li l-affidabbiltà tad-data fin-nuqqas ta' awditi tista' taffettwa l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni rrapportata dwar indikaturi komuni f'livell akbar mill-informazzjoni bbażata fuq l-istadji importanti u l-miri; iqis li, fid-dawl tal-kwistjonijiet identifikati mill-Qorti fl-istadji importanti u l-miri, din hija sitwazzjoni inkwetanti u jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċertament tagħha dwar ir-rapportar dwar l-indikaturi komuni; jinnota l-prattiki li jvarjaw fost l-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward taż-żmien li fih isiru l-verifiki dwar it-twettiq tal-miri u r-riformi; jemmen li tali verifiki għandhom jiġu armonizzati aħjar u għandhom jinkludu kontroll obbligatorju fuq l-affidabbiltà u l-eżattezza tad-data dwar l-istadji importanti u l-miri qabel ma dawk l-istadji importanti u l-miri jiġu inklużi f'talba għal pagament; jirrimarka dwar ir-riskji ta' approċċ li juża l-aktar verifiki *ex post* u jistieden lill-Istati Membri jevitaw prattiki bħal dawn;

Trasparenza

279. Jinnota li l-Ombudsman tirrikonoxxi li sar progress fir-rigward tat-trasparenza proattiva, speċifikament permezz tat-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF u l-pubblikazzjoni tal-akbar 100 riċevitur; jinnota, madankollu, il-punti għal titjib indikati mill-Ombudsman u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tagħha biex jiġu żgurati trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar fir-rigward tal-RRF;

280. Jinnota li, wara talba espliċita tal-Parlament, ir-Regolament RRF emendat jirrikjedi li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar il-100 riċevitur finali li jirċievu l-akbar ammont ta' finanzjament fl-ambitu tal-RRF; jiddispjaċih dwar il-pubblikazzjoni tardiva tal-listi mill-Istati Membri u jinnota li l-Istati Membri kollha ppubblikaw il-lista meħtieġa fit-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF sa Diċembru 2023; josserva varjetà kbira tad-daqs tal-pagamenti kemm fl-Istati Membri kif ukoll f'kull pajjiż, li hija spjegata min-natura eteroġena tal-RRPs; jesprimi tħassib dwar l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-kunċett ta' "riċevituri finali" fl-ambitu tal-RRF, peress li spiss ikunu elenkati biss fil-livell tal-ministeru, u li d-deskrizzjonijiet huma estremament vagi, b'ħafna eżempji disponibbli fil-listi kważi kollha pprovduti mill-Istati Membri; itenni t-talba tiegħu li l-lista tal-akbar 100 riċevitur finali tipprovdi l-persuna fiżika jew l-entità fattwali li tkun l-aħħar f'katina ta' trasferimenti ta' flus; jinsab imħasseb li, inkella, ikun problematiku li jitkejjel l-impatt u tiġi ggarantita l-viżibbiltà tal-fondi tal-RRF għaċ-ċittadini;

281. Ifakkar li t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni huma kruċjali u jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa ta' aktar sforzi kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Istati Membri; jilqa' l-inizjattivi l-oħra meħuda mill-Kummissjoni biex iżżid it-trasparenza dwar l-implimentazzjoni tal-RRF; jinnota li d-dokumenti ewlenin li jirregolaw l-implimentazzjoni, bħall-RRPs, l-arranġamenti operattivi, il-metodoloġiji għall-valutazzjoni, u d-dokumenti ta' sostenn jew li fihom deċiżjonijiet ewlenin li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Istati Membri huma disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli faċilment;

282. Jinsab imħasseb dwar rapporti mill-Qorti rigward diffikultajiet fl-aċċess għad-data tal-RRF biex twettaq dmirijietha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura aċċess sħiħ għall-Qorti għall-bażijiet tad-data rilevanti tal-Istati Membri u tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi li d-data fil-bażi tad-data FENIX tiġi aġġornata fil-ħin għall-finijiet ta' awditjar u kontroll; jissottolinja li d-data għandha tkun eżatta u għandha tiġi trażmessa f'format standardizzat;

283. Jirrakkomanda, meta jiġu implimentati strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni fil-futur, li l-istadji importanti u l-miri jiġu definiti b'mod ċar u konnessi fil-ħin biex jiġu evitati lakuni fl-obbligu ta' rendikont u li l-kejl tal-outputs u r-riżultati jkun possibbli; jirrakkomanda, għall-istrumenti bbażati fuq il-prestazzjoni, li jinħoloq mekkaniżmu ta' verifika ċar u preċiż mill-bidu nett; jinnota li dan huwa kruċjali fil-kuntest tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-kontribwenti tal-Unjoni;

284. Jinsab imħasseb dwar it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-pubbliku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkomunika mal-Istati Membri dwar it-tikkettar xieraq tal-proġetti inkluża referenza li proġett irċieva Fondi għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jiddispjaċih, wara r-rapport annwali tal-Qorti għall-2022, li, anke fil-livell tal-Kummissjoni, ma hemm l-ebda sorveljanza ċara tal-proġetti speċifiċi appoġġjati mill-fondi tal-RRF; jissottolinja li l-kontribwenti Ewropej għandhom id-dritt jaraw liema proġetti huma appoġġjati mill-fondi tal-UE, fejn qed iseħħu l-proġetti, u x'inhu l-valur miżjud tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-viżibbiltà biex tinsisti fuq tikkettar ċar ta' proġetti kemm jekk fil-forma ta' plakek għal bini fiżiku jew rinnovazzjonijiet, notifiki fuq siti web, avviżi f'konferenzi jew f'sessjonijiet ta' taħriġ, jew ittikkettati fuq dokumenti stampati;

Rakkomandazzjonijiet

285. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati, u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta l-maġġoranza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

286. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:

(i) ittejjeb il-monitoraġġ *ex post* tat-twettiq sodisfaċenti kontinwu tal-M&Ts, inkluż fil-qasam tal-Istat tad-Dritt, u tapplika b'mod strett id-dispożizzjonijiet tal-RRF u l-linji gwida adottati biex jiġu indirizzati każijiet konkreti ta' treġġigħ lura, billi tirrikorri għal miżuri finanzjarji ċari, inklużi s-sospensjoni tal-pagamenti u l-irkupru tal-fondi meta jseħħ treġġigħ lura tal-M&Ts f'konformità mar-Regolament u l-metodoloġiji tal-RRF;

(ii) taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità ta' kwittanza biex tidentifika possibbiltajiet differenti, u l-bażi legali rilevanti, biex tindirizza t-treġġigħ lura tal-istadji importanti wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF;

(iii) tkompli ttejjeb iċ-ċarezza tal-miżuri u l-M&Ts relatati, kif ukoll tiżgura li jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji orizzontali tar-Regolament, meta l-Istat Membru jissottometti reviżjoni tal-RRP nazzjonali;

(iv) tinkludi mekkaniżmi ta' verifika ċari fl-arranġament operazzjonali għall-M&Ts biex tippermetti valutazzjoni mhux ambigwa tat-twettiq tagħhom u biex tiddeskrivi aħjar l-iskop tagħha fi strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni, kif ukoll tqis il-mekkaniżmu ta' verifika meta tanalizza t-twettiq sodisfaċenti tal-M&Ts biex jikkontribwixxu għall-eżattezza tal-kejl;

(v) tkompli twettaq l-awditi tas-sistemi tal-Istati Membri sabiex tivverifika l-adegwatezza tagħhom, kif ukoll biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar il-konformità mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali, b'mod partikolari l-akkwist pubbliku, u taħdem mill-qrib mal-Qorti biex issib modi kif tneħħi t-tħassib tagħha dwar id-diskrepanza fl-aċċertament;

(vi) teżamina mhux biss l-adegwatezza tal-istruttura, iżda anke l-funzjonament attwali tas-sistemi ta' awditjar u kontroll tal-Istati Membri għal strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni;

(vii) tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw il-proġetti tal-RRF fl-iskeda ta' żmien prevista u jibdlu l-metodoloġija tal-kategorizzazzjoni ta' proġetti transfruntieri sabiex jitqies biss komponent transfruntier ġeografiku reali;

(viii) tkompli tappoġġja lill-Istati Membri biex iżidu l-kapaċità amministrattiva tagħhom li jittrattaw l-implimentazzjoni simultanja tal-fondi u tgħinhom inaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, b'mod partikolari għall-SMEs, jissimplifikaw l-offerti u jipprovdu informazzjoni aktar immirata;

(ix) tagħti attenzjoni speċjali lill-Istati Membri u żżomm djalogu kontinwu magħhom sabiex ir-riformi u l-investimenti jilħqu l-miri klimatiċi tar-Regolament RRF u jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

(x) tindirizza d-dewmien irrapportat fi stadju bikri billi tipprovdi, fost l-oħrajn, assistenza teknika lill-Istati Membri;

(xi) tkompli taħdem mal-Qorti sabiex tarmonizza kemm jista' jkun l-interpretazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri;

(xii) ittejjeb it-trasparenza u l-preżentazzjoni tat-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF billi telimina kwalunkwe possibbiltà ta' interpretazzjoni ħażina taċ-ċifri u tkejjel il-kontribut għar-reżiljenza b'mod aktar eżatt bħala parti mill-evalwazzjoni *ex post* tal-RRF;

(xiii) tapplika b'mod konsistenti u eżatt id-dispożizzjonijiet relatati mar-"riċevituri finali" tar-Regolament RRF u tikkomunika mal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni korretta tad-definizzjoni ta' "riċevituri finali";

(xiv) tagħti aċċess lill-Qorti, lill-OLAF u lill-UPPE għad-data relatata mal-RRF, inkluż għall-FENIX, fi ħdan l-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom;

(xv) tikkomunika b'mod attiv mal-Istati Membri dwar il-kompetenza tal-UPPE għal każijiet kriminali relatati mal-fondi tal-RRF peress li l-korruzzjoni jew il-frodi bl-użu ta' fondi tal-RRF jikkostitwixxu reat kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea;

(xvi) tikkomunika b'mod aktar attiv mal-Istati Membri rigward il-prevenzjoni tal-frodi u tħeġġiġħom jallinjaw ir-rappurtar dwar il-frodi b'mod diġitali standardizzat u jagħmlu użu mis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet;

(xvii) tirrapporta lill-OLAF, f'livell aggregat, dwar il-każijiet ta' suspett ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess identifikati fl-awditi tagħha stess u mill-Istati Membri kif irrappurtat fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni, u tevalwa l-informazzjoni riċevuta biex toffri gwida lill-Istati Membri jekk ikun meħtieġ;

(xviii) tindirizza l-interazzjoni bejn il-fondi ta' koeżjoni u tal-RRF u, b'mod partikolari, dawk ir-rekwiżiti li jistgħu jiffaċilitaw l-użu ta' fond wieħed pjuttost milli ieħor, kif ukoll taħdem mal-Istati Membri u tiggwidawhom biex jagħżlu l-fondi skont x'ikun l-aktar adatt u effiċjenti għall-proġett inkwistjoni; tagħmel kontroverifika attiva bejn il-bażijiet tad-data biex tiżgura li ma jseħħx finanzjament doppju;

(xix) tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu aktar enfasi fuq l-involviment tal-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali billi l-Istati Membri jintalbu jaħdmu b'mod aktar attiv f'approċċ ta' kogovernanza;

(xx) iżżomm f'moħħha l-għan tar-reżiljenza u l-irkupru, b'mod partikolari fir-rigward ta' setturi li huma kritiċi f'każ ta' kriżi, bħas-settur tas-saħħa u dak tal-oġġetti;

(xxi) tuża r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mill-ħidma tagħha fuq l-RRF u l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Unjoni meta jkun rilevanti;

(xxii) tiżgura livell komparabbli u proporzjonat ta' preċiżjoni fil-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri u tkompli tiżgura trattament ugwali għall-Istati Membri meta tevalwa t-twettiq sodisfaċenti tal-M&Ts;

(xxiii) tkunu aktar proattiva fil-pubblikazzjoni ta' dokumenti u statistika dwar it-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti, peress li tali informazzjoni tgħin fil-valutazzjoni tal-approċċ proattiv tal-istituzzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti; ifakkar li applikazzjoni għal aċċess għal dokument trid tiġi ttrattata minnufih.